Ħarġa nru. 49 - April 2011

# SPORTIV

B'XEJN ma' l-orizzont

Magażin Sportiv ta' kull xahar



## Kampjonat Premier

Valletta champions, paġna 10



## Regatta ta' Jum il-Ħelsien

L-Isla dominanti, paġna 32




# KAKISIS

## jirbaħ it-Tazza l-Kbira

» Aktar f'paġna 44

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' EUROSPORT

• BASKETBALL • ŻWIEMEL • FUTBOL • TOUR TA' MALTA
• KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT • STORJA TAR-REGATTA
• STORJA TAL-FUTBOL MALTI • SNOOKER • MOTO GP
• TIĠRIJET TAL-ĦAMIEM • WATERPOLO

www.volkswagen.com.mt

# EXPECT BIG THINGS, SMALL THINGS, WILD THINGS, HAIRY THINGS, CREEPY THINGS, CRAWLY THINGS...




## The CrossPolo.

**The greatest freedom may come in a small package and price.**
**Simply wild and fully loaded at just € 17,990.**

Including a 1.4 16v 85bhp engine, 17" Alloys, allroad suspension & bodykit, sports seats, and much more.

Experience for yourself the new CrossPolo and its dynamic character by taking a personal test drive at Continental Cars Ltd.

This vehicle qualifies for the government scrappage and first time buyer's scheme.

Join us on facebook **'VW - Malta'**

**Das Auto.**

Continental Cars Ltd, Princess Margaret Street, Msida, MSD1330 | Sales: 23476 315/6/7 | Mobile: 9943 3330 | E-Mail: vw@ccl.mizzi.com.mt
Mizzi Motors Showroom, Mġarr Road, Ghajnsielem, GSM9016 | Sales: 2155 6942 | Mobile: 99782000 | E-Mail: jcassar@mizzimotors.com.mt



## April

Hekk kif wasalna fl-aħħar jum ta' April, matul tmiem il-ġimgħa li ġej, jiġifieri, bejn il-Ġimgħa 6 u l-Ħadd 8 ta' Mejju, se tiġi organizzata attività sportiva b'risq il-kampanja ta' Puttinu Cares, fil-Marsa Sports Ground.

Bla dubju, din hija kawża ġusta li daħlet fil-kalendarju annwali u għaldaqstant inħeġġeġ biex kulħadd jaħseb f'ħaddieħor u jippartecipa kemm fiżikament kif ukoll b'għotja finanzjarja żgħira, li iżda, tiswa ħafna.

Bl-ideoloġija li l-isport jgħaqqad lil kulħadd, wieħed għandu juża dan il-ħsieb biex ningħaqdu matul dawn it-tlitt ijiem għal din il-festa tal-familja.

Sadanittant, ix-xahar ta' April u Mejju, iġibu magħhom emozzjonijiet differenti - dawk ta' ċelebrazzjonijiet u sodisfazzjon u dawk ta' diżappunti.

Bosta kienu dawk il-Kampjonati, il-promozzjonijiet u r-relegazzjonijiet li ġew deċiżi biex ix-xahar ta' Mejju se jġib miegħu dawk il-festi kbar li jinkurunaw liċ-champions rispettivi ... iżda fl-istess waqt nikkumplimentaw lit-telliefa.

Jesmond Moore - Editur





# Irbaħ ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

Min rebaħ il-Kampjonat Premier dan l-istaġun?

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju, 2011:

**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**

Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 48 hija:*

**Greċja**

*u r-rebbieħa huma (1) Antonio Polidano - Gzira (2) Carmel Preca - Hamrun (3) Sammy Ciappara - Luqa*





2




3




1


HELPS ELIMINATE ODOUR
VS.
JUST COVERING IT
Gillette®
DEODORANT
Trade Enquiries VJ Salomone (Marketing) tel: 8007 2387
ADVANCED STICK & SPRAY DEODORANT
Gillette
The Best a Man Can Get™







SPORTIV

Ħarġa nru 49
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Zen Publishing**
113 'Bapu' Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Tel: 27200233 Fax: 2123 8313

Pubblikatur
Paul Falzon

Editur
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

Reklamar
Claudia Cutajar
sportivmalta@yahoo.com

Disinn
Zen Grafiks

Ritratti
Stephen Gatt

*Cover - Il-preżentazzjoni lill-ġerrej, Johann Axisa, li biż-żiemel Kakisis rebaħ it-tiġrija tat-Tazza l-Kbira sponsorjata minn Emirates*

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta

# Werrej

4 **Malta v Grećja**
Gowl fl-aħħar azzjoni

6 **Analiżi**
Tislima liċ-Champions

8 **Malta v Montenegro**
Mċaħħdin minn rebħa

10 **Kampjonat Premier**
Valletta Champions

17 **Seminars u Korsijiet**
L-MFA tniedi bosta seminars u korsijiet

18 **L-Ewwel Diviżjoni**
Balzan Y. Champions

19 **It-Tieni Diviżjoni**
Zejtun Corinthians jaċċertaw mir-rebħ tat-titlu

21 **Poster ta' Balzan Youths**

23 **Poster ta' Zejtun Corinthians**

24 **It-Tielet Diviżjoni**
Kollox indeċiż f'Sezzjoni A, Għargħur jirbħu Sezzjoni A

26 **YFA**
Kampjonat ġdid U/13 għall-istaġun 2011/12

28 **Futsal**
Ħarsa lejn il-Kampjonat

30 **KMS**
Tliet skemi sportivi ġodda

37 **Tiġrijiet tal-Ħamiem**
Suċċess kbir fit-tiġrija minn Bari

38 **Waterpolo**
Magħrufa l-erba' timijiet għall-Play-offs

39 **Ċikliżmu**
Andrew Griffiths jirbaħ it-Tour ta' Malta 2011

40 **Gozo Sports**
Sannat Lions għas-sitt darba

42 **Basketball**
Il-Kampjonati f'fażi mill-aktar interessanti

44 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**

46 **Snooker**
Jirbaħ Kacper Filipiac

48 **Formula 1**
Sebastian Vettel b'vantaġġ sostanzjali

49 **Moto GP**
Iċ-champion renjanti Lorenzo jillidja l-klassifika

50 **L-Istorja tal-Futbol Malti**
Ħamrun S. jegħlbu lil St. George's bi skor kbir

53 **Common injuries of the clavicle**
Jikteb Dr. Kirill Micallef Stafrace

54 **Storja tar-Regatta**
It-Tiġrija tal-Vitorja (1980/89)

56 **Kriss-Kross u Spot the Ball**
Irbaħ ma' SPORTIV

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

maltafootball.com



# Gowl fl-aħħar azzjoni jgħarraq il-wirja pożittiva tal-Maltin

Taqtiegħa għall-ballun bejn Andrè Schembri (Malta) u Vassilis Torossidis (Greċja)

Gowl proprju fl-aħħar azzjoni tal-partita għarraq wirja mill-aktar pożittiva tat-tim nazzjonali biex ħareġ minn Ta' Qali b'telfa ta' 1-0 kontra Greċja, valida mill-preliminari tal-Euro 2012.

Kien riżultat kiefer mal-Maltin li qatt ma dehru nferjuri għall-avversarji ... anzi dawn tal-aħħar dehru ffrustrati u nervużi bil-konsegwenza li saħansitra spiċċaw jilagħbu b'għaxar plejers.

Bħalma kien mistenni, il-Griegi ħarġu fuq l-offensiva biex isibu gowl kmieni bil-Maltin jilagħbu t-tattika ta' konteniment u joperaw bil-kontrattakk.

Matul l-ewwel minuti, l-avversarji tagħna gawdew ħafna mill-pussess tal-ballun, li iżda, sabu quddiem difiża kompatta li ma bdietx tagħti ċans lill-Griegi jippenetraw.

Għall-kronaka, wara kwarta logħob kien Giorgios Samaras li ħarab fuq il-linja xellugija iżda meta daħal fil-kaxxa ġie nnewtralizzat fil-ħin minn Andrei Agius. Minuta biss wara, id-difiża Maltija nqabdet fuq sieq waħda meta Vassilis Torossidis ħareġ bejn żewġ difensuri Maltin iżda minn qagħda ideali falla kompletament il-mira.

Fil-25 mintua, kien imiss lill-gowlkiper Malti, Justin Haber, li ħareġ minn postu biex laħaq qabel Dimitris Salpingidis li deher li seta' jagħmel xi forma ta' ħsara.

Fis-36 minuta, kienu l-Maltin li qabdu lill-avversarji miftuħin fejn Shaun Bajada xeħet cross lejn Andrè Schembri li minn qagħda angolata ra x-xutt tiegħu jaħbat man-naħa ta' barra tax-xibka.

Appena bdiet it-tieni taqsima, kellu jkun il-gowlkiper Justin Haber li salva gowl ċert meta mblokka x-xutt fil-baxx ta' Dimitris Salpingidis wara li għeleb in-nasba tal-offside. Ir-reazzjoni tal-




Maltin kienet waħda mmedjata meta Daniel Bogdanovic xeħet cross perikoluż, li iżda, kien kemmxejn twil għal Michael Mifsud biex seta' jikkonkludi.

Fil-51 minuta, Justin Haber, wettaq l-isbaħ save tal-partita meta tajjar f'corner id-daqqa ta' ras ta' Dimitris Salpingidis. Iżda minuta wara ma seta' jagħmel xejn meta safa megħlub mid-daqqa ta' ras ta' Nikos Liberopoulos li, b'fortuna għalina, ħabtet mal-mimduda u spiċċat barra.

Ir-reazzjoni Maltija kienet waħda mmedjata u minn taħt il-lasti, bl-għajta tal-gowl mill-partitarji Maltin, Daniel Bogdanovic ġie antiċipat minn Giorgios Karagounis.

Fis-60 minuta, Justin Haber, salva b'diffikultà kbira x-xutt qawwi minn barra l-kaxxa ta' Kostas Katsouranis wara li seraq il-ballun lil John Hutchinson. Fit-80 minuta, Andrè Schembri żmarka lil Michael Mifsud b'nofs rovexxjata li minn tarf il-kaxxa ġiegħel lill-gowlkiper Grieg isalva ma' sieq il-lasti.

Fil-85 minuta, Greċja spiċċaw jilagħbu bi plejer inqas meta tkeċċa Sokratis Papastathopoulos għal foul professjonali fuq Michael Mifsud f'mument meta l-Maltin ħarbu f'kontrattakk u qabdu lill-Griegi miftuħin beraħ.

Kollox deher li l-partita kienet se tispiċċa fi draw sakemm fl-aħħar azzjoni tal-partita, fil-95 minuta, Vassilis Torossidis xeħet fix-xibka minn azzjoni ta' freekick ta' Giorgios Karagounis wara li Daniel Bogdanovic ikkommetta foul fuq Ioannis Fetfatzidis.

**26.03.2011 - 20.30 hrs**

**Malta** .......................................... **0**

**Greċja** .......................................... **1**
V. Torosidis 94

**HT 0-0 National Stadium**

**Malta** – Justin Haber, Jonathan Caruana (Jamie Pace 46), Carlo Mamo, Gareth Sciberras, Andrei Agius, John Hutchinson, Daniel Bogdanovic, Roderick Briffa, Michael Mifsud, Shaun Bajada (Ryan Fenech 78), Andrè Schembri (Andrew Cohen 91)
*Coach* – John Buttigieg

**Greċja** – Aleksandros Tzorvas, Vasileios Torosidis, Georgias Tzavellas, Avraam Papadopoulos, Sokratis Papastathopoulos, Georgios Karagkounis, Konstantinos Katsouranis, Nini Sotiris (Panagiotis Kone 81), Nikolaos Lymperopoulos (Konstantinos Mitroglou 70), Georgios Samaras, Dimitrios Salpingidis (Ioannis Fetfatzidis 61)
*Coach* – Fernando Santos

Referee – Michael Wiener (Ġermanja)
Assistenti – Holger Henschel, Christoph Bornhorst (Ġermanja)
Raba' Uff. – Rafati Babali (Ġermanja)
Ammoniti – A. Cohen (M), G. Tzavellas, A. Torosidis (G)
Tkeċċa – S. Papastathopoulis 84 (G)


Shaun Bajada (Malta) jipprova jantiċipa lil Dimitris Salpingidis (Greċja)


Il-formazzjoni Maltija tal-partita kontra Greċja - *wara* - John Hutchinson, Carlo Mamo, Jonathan Caruana, Andrei Agius, Daniel Bogdanovic - *quddiem* - Andrè Schembri, Justin Haber, Michael Mifsud, Roderick Briffa, Gareth Sciberras, Shaun Bajada



Parti mis-South End Core

**lighting**



**artificial turf**



**tracks**



**maintenance**



@ 240, Zabbar Road, Fgura | Tel: 2367 6100
Email: info@240.com.mt | Web: www.240.com.mt

**240 Limited**

# Tislima liċ-champions

**Hekk kif l-istaġun qed joqrob lejn it-tmiem tiegħu bosta huma dawk il-Kampjonati li ġew deċiżi fejn iċ-champions rispettivi qed iħejju biex fil-jiem li ġejjin jiċċelebraw kif jixraq is-suċċess tagħhom. Sportiv isellem liċ-champions Valletta, Balzan Youths (I Diviżjoni), Zejtun Corinthians (II Diviżjoni), Mosta (I Diviżjoni Nisa) u Pembroke Athleta (II Diviżjoni Nisa)**

Kull staġun huwa maratona u biex kull tim jilħaq il-quċċata, irid iżomm il-konsistenza b'mod konsistenti!!

Il-ħames timijiet li s'issa ġew iddikjarati champions, fejn għad jonqos li jiġi deċiż il-Kampjonat tat-Tielet Diviżjoni, matul dan l-istaġun kellhom l-ingredjenti ta' skwadra organizzata u dixxiplinata bi prestazzjonijiet dinjitużi li mexxewhom għall-mixja trijonfali ... u mingħajr l-ebda dubju kien jimmeritahom dan is-suċċess minħabba li għarfu jegħlbu kull ostaklu u l-furja avversarja.

Valletta, qed ikomplu jimpressjonaw fejn, flimkien ma' FC Porto, għandhom l-uniċi timijiet mhux megħluba fil-Kampjonati rispettivi madwar l-Ewropa!!

Forsi l-unika kritika fuq it tim ta' Valletta hija li ma jilgħabx futbol attraenti iżda jinżel għal-logħob biex jakkwista r-riżultat ... iżda jekk wieħed iħares lejn l-istatistika jsib li Valletta huma l-aktar tim li skorja u l-inqas li sofra gowls.

Kulħadd huwa ntitolat għall-opinjoni u jħares lejn il-logħba tal-futbol mil-lenti personali tiegħu ... iżda l-istatistika ma jmeriha ħadd.

Irrid ngħid ukoll li matul dawn l-aħħar xahrejn ġejt ikkritikat minn eks-gowlkiper magħruf għall-fatt li kont ktibt artiklu li skond l-



*Il-kowċ ta' Valletta, Jesmond Zerafa, jiċċelebra mas-suffara finali kontra Marsaxlokk li kienet tfisser li ġew iddikjrati champions*

MISTO
cafe • restaurant • venue

istatistika, il-gowlkiper ta' Valletta, Andrew Hogg, huwa l-aqwa gowlkiper ta' dan l-istaġun. Dan l-eks gowlkiper kien tani l-opinjoni tiegħu ta' x'jaħseb fuq Hogg u fuq gowlkipers oħrajn .... kellu kull dritt li jagħti l-opinjoni tiegħu ... iżda ħadd ma jista' jmeri l-istatistika!!

L-anqas ħadd ma jista' jmeri l-fatt li Valletta huma l-aqwa tim kompost mill-aqwa elementi f'kull dipartiment ... u dan mhux jien qed ngħidu ... iżda l-istatistika!!

Nemmen li dan ir-rebħ tal-kampjonat se jkun il-preludju tad-dominanza Beltija għas-snin li ġejjin.

Min-naħa ta' Balzan Youths, se jirritornaw fil-Kampjonat Premier, bħala champions, wara nuqqas ta' sitt snin meta l-aħħar li lagħbu fl-ogħla diviżjoni kien fl-istaġun 2003/04.

Matul dak l-istaġun, il-Youths utilizzaw 26 plejer taħt ir-responsabbiltà tal-kowċ, Jimmy Briffa. Minn dawk is-26 plejer, id-difensur David Agius biss se jerġa' jilbes il-flokk ta' Balzan fil-Kampjonat Premier. Matul dak l-istaġun huwa lagħab 14-il partita, b'ħin effettwat ta' 770 minuta!!

Wara li l-istaġun li għadda rebħu l-Kampjonat tat-Tielet Diviżjoni, Zejtun Corinthians komplew juru l-potenzjal tagħhom hekk kif wara staġun wieħed biss rebħu dak tat-Tieni Diviżjoni b'superjorità assoluta.

Bla dubju, l-għaqal taż-Żwieten, jista' jwassalhom għall-obbjettiv ewlieni tagħhom - Il-Kampjonat Premier!!

Fil-futbol tan-Nisa, taħt it-tmexxija tal-kowċ Ray Sant, Mosta ssigillaw isimhom għall-ewwel darba fl-istorja tal-klabb. Mingħajr tlaqliq, il-Mostin kien jimmeritahom dan is-suċċess minħabba li kienu l-aktar tim kompatt bi prestazzjonijiet eċċezzjonali.

Bi plejers ta' età tenera, il-kowċ Richard Pace rnexxielu jmexxi lil Pembroke Athleta għar-rebħ tat-Tieni Diviżjoni li fis-snin li ġejjin għad irridu naraw il-massimu ta' dawn il-plejers.




*Il-midfielder ta' Valletta, Gilbert Agius, jirċievi t-trofew mingħand il-Kap Eżekuttiv tal-IT fi ħdan il-BOV, is-Sur Victor Denaro*

# Agius huwa l-BOV Plejer tax-Xahar għal Marzu 2011

Il-captain u l-midfielder offensiv ta' Valletta, Gilbert Agius, rebaħ l-unur BOV Plejer tax-Xahar għal Marzu, 2011.

Matul ix-xahar ta' Marzu, Agius kellu prestazzjonijiet eċċezzjonali fiż-żewġ partiti li l-Lilywhites lagħbu - kontra Birkirkara (1-0) u r-rivali eterni Floriana (3-0).

Minkejja li Agius ġie ssostitwit fl-imsemmijin partiti minn Kevin Sammut (kontra Birkirkara fl-84 minuta u kontra Floriana fil-61 minuta), huwa xorta waħda ġibed l-attenzjoni tal-ġurnalisti preżenti biex ġie vvotat bħala l-Aħjar Plejer tal-Logħba.

L-ispirazzjoni ta' Agius kompliet għenet lil sħabu l-plejers biex Valletta baqgħu jżidu l-vantaġġ tagħhom f'ras il-klassifika ... biex eventwalment saru champions għall-20 darba fl-istorja tal-klabb.

Is-Sur Victor Denaro, Kap Eżekuttiv tal-IT fi ħdan il-BOV, ippreżenta t-trofew ta' dan l-unur lil Gilbert Agius.

Watch LIVE » Football Matches & Formula 1
18, Tigne Seafront, Sliema
Tel: 21 336 226 Email: jesmond@misto.com.mt www.misto.com.mt

# Gowl fl-aħħar minuta jċaħħadna minn rebħa



Taqtiegħa għall-ballun fl-ajru bejn Triston Caruana (Malta) u Aleksander Sofranac (Montenegro)

**25.03.2011 - 18.00 hrs**

**Malta** 1
R. Muscat 4

**Montenegro** 1
R. Golubovic 90

**HT 1-0 Hibernians Stadium**

**Malta** – Steve Sultana, Luca Martinelli (Ismael Grech 84), Zack Muscat, Owen Bugeja, Rowen Muscat, Leighton Grech (Lee James Agius 90), Terence Vella (Sheldon Grech 87), Triston Caruana, Miguel Ciantar (Kane Farrugia 56), Matthew Gauci (Dylan Grima 73), Clyde Borg
*Coach* – Ray Farrugia

**Montenegro** – Pavel Velimirovic (Nemanja Scekic 57), Milos Radulovic (Radivoje Golubovic 46), Aleksander Sofranac (Milos Bakrac 85), Zarko Tomasevic, Mirko Radisic (Hasan Pepic 46), Andrija Kaluderovic, Dejan Bogdanovic (Suad Gruda 57), Marko Vesovic, Asmir Kajevic (Adis Dokovic 46), Ermin Seratlic (Nemanja Mijuskovic 84), Stefan Nikolic
*Coach* – Dusan Vlaisavljevic

**Referee** – Marco Borg
**Assistenti** – Ingmar Spiteri, Joe Camilleri
**Raba' Uff.** – Chris Lautier
**Ammoniti** – Z. Tomasevic, E. Seratlic, R. Golubovic (M)
**Tkeċċa** – M. Vesovic 31 (M)



Triston Caruana (Malta) attakkat minn tliet plejers ta' Montenegro

Gowl fid-90 minuta ċaħħad lit-tim nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena minn rebħa biex temm il-konfront tiegħu fi skor ta' 1-1 kontra Montenegro, f'partita ta' ħbiberija li ntlagħbet fil-Hibernians Stadium.

Kien riżultat kemmxejn kiefer mat-tim immexxi minn Ray "Żażu" Farrugia f'din it-tieni partita fit-tieni avventura tiegħu hekk kif kien fit-tmexxija ta' din il-kategorija bejn l-1998 u l-2002 fejn inkisbu l-aqwa riżultati ta' kull żmien. Fil-logħba kontra Montenegro, il-Maltin għarfu jikkontrollaw vantaġġ kmieni, sakemm nuqqas ta' attenzjoni lejn it-tmiem issarrfet f'diżappunt. Iżda din il-wirja xorta waħda għandha timmotiva lill-plejers żgħażagħ Maltin għaż-żewġ konfront diffiċli, f'Ġunju li ġej, kontra l-Finlandja u l-Litwanja, validi mill-Kampjonati Ewropej.

Il-Maltin ma setgħux kellhom bidu aħjar hekk kif wara biss erba' minuti fetħu l-iskor. Leighton Grech minn fuq il-lemin għadda lejn Triston Caruana li bir-ras kompla fejn kien hemm il-captain ROWEN MUSCAT li venven xutt minn tarf il-kaxxa li qabad lil gowlkiper Montenegrin, Pavel Velimirovic, barra minn postu.

Dan il-gowl kien stimolu psikoloġiku għall-Maltin li għal ħinijiet twal dehru l-aħjar tim. Fit-28 minuta Terence Scerri resaq viċin li jirdoppja bi freekick mill bogħod iżda l-gowlkiper Montengrin dawwar f'korner.

Il-logħob veloċi u d-dixxiplina tattika tal-plejers Maltin bdiet tiffrustra lill-avversarji u ma kinitx sorpriża li spiċċaw b'inferjorità numerika meta, fil-31 minuta, tkeċċa Marko Vesovic wara foul ikrah li kkommetta fuq Luca Martinelli.

It-tieni taqsima kienet ikkaraterizzata minn serje ta' sostituzzjonijiet miż-żewġ naħat, bil-Montenegro jkunu aktar offensivi, iżda l-Maltin iddefendew bil-għaqal .... sakemm, fid-90 minuta, waslet id-doċċa kiesħa bil-gowl tad-draw għal Montenegro skorjat mis-sostitut RADIVOJE GOLUBOVIC għal skor finali ta' 1-1.

# Draw u telfa għal Malta Taħt id-19-il sena






Azzjoni bejn Malta u l-Ungerija

**Partita ta' Ħbiberija**

**04.04.2011 - 18.00 hrs**

**Malta** 0

**Ungerija** 0

**Training Grounds - Ta' Qali**

**Malta** – Karl Magri, Bjorn Kristensen, Keith Tanti, Jean Paul Calleja, Ayrton Azzopardi, Zach Muscat, John Debono, Matteo Desira Buttigieg, Sacha Borg, Christian Grech, Ryan Scicluna.

*Reserves* - Kurt Rizzo, Samir Arab, Ryan Dalli, Terence Agius, I. Scerri, Brooke Farrugia, Dylan Micallef

*Coach* – Michael Molzahn

**Ungerija** – David Dombo, Mate Kozma, Patrik Poor, Ferenc Toth, Adam Lang, Gego Nagy, Zsolt Patvaros, David Holman, Andras Rado, Valer Kapacina, Laszlo Erdelyi

*Coach* – Frigyes Tuboly

*Reserves* - Attila Abu, David Pal, Mate Papp, Zsolt Tar, Mate Foldes, Martin Kroner, Istvan Matetics

**Referee** – Clayton Pisani

**Assistenti** – Mariano Debono, Chris Francalanza

**Partita ta' Ħbiberija**

**06.04.2011 - 11.00 hrs**

**Malta** 1

L. Mallia 76 pen

**Ungerija** 3

L. Erdelyi 10, 17, D. Holman 40

**Gozo Stadium**

**Malta** – Carlos Dimech, Terence Agius, Fabian Zammit, Zach Muscat, Christian Grech, Steve Agius, Larsson Mallia, Dylan Micallef, Jean Claud Cachia, I. Scerri, Ryan Scicluna.

*Reserves* - Kurt Rizzo, Matteo Desira Buttigieg, Samir Arab, Ayrton Azzoipardi, Sacha Borg, Rryan Dalli, Brooke Farrugia, Jean Paul Calleja.

*Coach* – Michael Molzahn

**Ungerija** – David Dombo, Mate Kozma, Patrik Poor, Ferenc Toth, Zsolt Tar, Gego Nagy, Zsolt Patvaros, David Holman, Andras Rado, Valer Kapacina, Laszlox Erdelyi.

*Coach* – Frigyes Tuboly

*Reserves* - Attila Abu, David Pal, Mate Papp, Adam Lang, Mate Foldes, Martin Kroner, Istvan Matetics

**Referee** – Mario Apap

**Assistenti** – Joe Camilleri, Pierre Azzopardi

Il-Ministru għal Għawdex, is-Sinjura Giovanna Debono, u l-president tal-MFA, is-Sur Norman Darmanin Demajo, jieħdu b'idejn il-plejers Maltin

# ... u żewġ draws għal dak ta' Taħt is-17-il sena

**Partita ta' Ħbiberija - U/17**

**19.04.2011 - 18.00 hrs**

**Malta** 1

L. Montebello 24

**Albanija** 1

M. Kristi 61 pen

**Training Grounds - Ta' Qali**

**Malta** – Luke Pecorella, Clyde Cumbo, Matthew Bonello, Fabio Muscat, Godwin Mackay, Kyle Cesare, Ryan Spiteri, Kurt Zammit, Llywelyn Cremona, Luke Montebello, Matthew Thorne

*Reserves* - Jean Claude Debattista, Bernard Borg, Matthew Degiorgio, Leo Muscat, Gabriel Aquilina, Paolo Dandolo, Jan Muscat, Justin Pisani, Miguel Attard

*Coach* – Edwin Camilleri

**Albanija** – Fabio Gjenikaj, Amri Jonuzi, Bardihi Mikelanxho, Kristi Marku, Donald Bejko, Klodian Nuri, Xhulio Vora, Erion Hoxhallari, Rigers Selami, Aleksander Cakalli, Astrit Bunjaku

*Coach* – Dzemal Mustedanagic

*Reserves* - Tedi Laco, Alkem Agalliu, Klaudio Cemo, Dardan Maksutaj, Ardian Dervishi, Kristi Shyti, Senad Sallaku, Kevin Merkaj, Xhulio Tahirja

**Referee** – Glen Tonna

**Assistenti** – Sandro Spiteri, Redeemer Caruana

**Partita ta' Ħbiberija - U/17**

**21.04.2011 - 11.00 hrs**

**Malta** 2

R. Spiteri 63, L. Montebello 80 pen

**Albanija** 2

B. Mikelanxho 18, F. Ymeraliaj 55

**Hibernians Stadium - Corradino**

**Malta** – Jean Claude Debastista, Bernard Borg, Matthew Bonello, Miguel Attard, Godwin Mackay, Kyle Cesare, Ryan Spiteri, Gabriel Aquilina, Llywelyn Cremona, Luke Montebello, Justin Pisani

*Reserves* - Luke Pecorella, Fabio Muscat, Clyde Cumbo, Paolo Dandolo, Jan Muscat, Matthew Thorne, Kurt Zammit, Matthew Degiorgio, Leo Muscat

*Coach* – Edwin Camilleri

**Albanija** – Fabio Gjenikaj, Amri Jonuzi, Bardihi Mikelanxho, Kristi Marku, Donald Bejko, Erion Hoxhallari, Jurgen Vativikaj, Ardian Dervishi, Franc Ymeraliaj, Aleksandar Cakalli, Astrit Bunjaku

*Coach* – Dzemal Mustedanagic

*Reserves* - Tedi Laco, Rigers Selami, Klodian Nuri, Xhulio Vora, Kristi Shyti, Senad Sallaku, Alken Agalliu, Klaudio Cemo, Dardan Maksutaj

**Referee** – Andrè Arciola

**Assistenti** – Emmanuel Grech, Darryl Agius



Azzjoni bejn Malta u l-Albanija


Valletta Champions
2010/11
VALLETTA F.C.
BOV Premier League
BOV
Bank of Valletta




# tifkiriet esklussivi tal-UEFA Champions League




Dan huwa ċ-ċans tiegħek sabiex takkwista edizzjoni limitata ta' tifkiriet esklussivi tal-UEFA Champions League. Il-Bank of Valletta qiegħed joffrilek din l-opportunità ta' darba biex tikseb MasterCard Prepaid Card tal-UEFA Champions League b'valur ta' €150. Din tista' ssibha minn kull fergħa tal-BOV. Iġbor il-card tiegħek illum u tista' tirbaħ wieħed minn 50 ballun uffiċjali tal-UEFA Champions League.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV PREPAID CARDS**
**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

BOV 29035

Hemm 50 ballun uffiċjali tal-UEFA Champions League x'jintrebħu. Din l-offerta hija valida sat-2 ta' Ġunju 2011 jew sakemm l-istokk jispiċċa. Termini u kundizzjonijiet japplikaw u jinsabu fis-sit www.bov.com. Ir-rebbieħa jridu jwieġbu mistoqsija marbuta mal-abbiltà biex jirbħu l-premju.

BOV
Bank of Valletta




Gilbert Agius jiċċelebra s-seba' rebħ tal-Kampjonat personali ma' Valletta

# Valletta Champions għall-20 darba

Ryan Darmanin (Floriana) jaqbeż lil Gilbert Agius (Valletta)

Nikolai Chipev (Hamrun S.) jipprova jwaqqaf lil Jamie Pace (Valletta)

Il-kowċ ta' Valletta, Jesmond Zerafa, jifraħ wara li ġew iddikjarati champions



Kif kien mistenni matul dan ix-xahar Valletta aċċertaw mir-rebħ tal-20 Kampjonat fl-istorja tal-klabb biex saħanstira baqgħu jżommu r-rekord tal-klabb ta' imbattibbiltà ta' 31 partita u għaldaqstant issa jibdew iħarsu biex jiksru r-rekord nazzonjali ta' 37 partita, irreġistrat minn Hibernians bejn l-1981 u l-1983.

Għaldaqstant, l-interess issa jdur fuq it-taqtiegħa għat-tieni post bejn Floriana Birkirkara. Meta fadal żewġ programmi biex jintemm il-Kampjonat, il Greens jinsabu erba' punti vantaġġ fuq l-Istripes iżda jridu jaffaċċjaw lil Valletta (illum) u lil Birkirkara (fl-aħħar ġurnata) filwaqt li l-Karkariżi jridu jilagħbu wkoll kontra Marsaxlokk, li ddiżappuntaw proprju fl-aħħar partita bit-telfa ta' 4-2 kontra Tarxien Rainbows biex inqatgħu kompletament mit-tiġrija.

Tislima xiorqa tmur għal Vit toriosa Stars li sfaw relegati u li staġun ieħor jilagħbu fil-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni. Iżda wieħed xorta waħda jibqa' jammira l-prestazzjonijiet tagħhom minħabba li matul l-istaġun kollu kienu sfida denja għal kull avversarju.

Żewġ timijiet li ddiżappuntaw kienu, bla dubju, Sliema Wanderers u Hibernians, żewġ klabbs minn fost l-aristokratiċi Maltin bi storja kbira, fejn kellhom jilagħbu fir-Relegation Pool u saħansitra kien hemm mumenti fejn Hibernians kienu fil-periklu ....

Nawguraw lil Valletta li fis-7 ta' Mejju, li ġej, jiġu nkurunati champions u jiċċelebraw dan is-suċċess għal mod karnivalesk li huma rinomati għalih fejn se jispikkaw il-kuluri aħmar u abjad!!

## L-aqwa skorers - 385 gowls

15 - Terence Scerri (Valletta)
14 – Alfred Effiong (Marsaxlokk)
13 – Jean Pierre Mifsud Triganza (Sliema W.)
12 - Daniel Nwoke (Floriana)
11 – Gaetan Spiteri (Hamrun S.); Denni Rocha Dos Santos (Valletta)

## Klassifika

**Championship Pool**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Valletta | 26 | 18 | 8 | 0 | 56 | 14 | 40 |
| Floriana | 26 | 13 | 4 | 9 | 42 | 31 | 30 |
| Birkirkara | 26 | 10 | 9 | 7 | 40 | 37 | 26 |
| Marsaxlokk | 26 | 8 | 11 | 7 | 39 | 38 | 23 |
| Tarxien R. | 26 | 10 | 5 | 11 | 36 | 40 | 21 |
| Hamrun S. | 26 | 7 | 6 | 13 | 38 | 57 | 15 |

**Relegation Pool**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sliema W. | 24 | 10 | 7 | 7 | 37 | 31 | 26 |
| Qormi | 24 | 7 | 7 | 10 | 37 | 43 | 18 |
| Hibernians | 24 | 6 | 6 | 12 | 34 | 46 | 17 |
| Vittoriosa S. | 24 | 3 | 6 | 15 | 26 | 48 | 10 |

### Relegation Pool

**Logħba Nru 109 - 01.004.2011 - 19.30 hrs**

**Vittoriosa Stars 1**
J. Santos Silva 8

**Hibernians 0**

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Vittoriosa S.** – Jean Matthias Vella, Pierre Aquilina, Justin Camilleri, Carlos Compagnoli, Jonathan Xerri, Murilo Maccari, Dino Cachia, Ryan Grech, Jorge Santos Silva, Anthony Ewurum, Leighton Grech
*Coach* – Winston Muscat
**Hibernians** – Daniel Balzan, Edward Herrera, Matthew Tabone, Jonathan Pearson, Adrian Pulis (Matt Clarke 68), Bjorn Kristensen, Patrick Osei, Taki Abdellilah (Andrew Cohen 56), Brian Fairbairn, Triston Caruana (Matthew Gauci 88), Paul McManus
*Coach* – Mark Miller
Referee – Glenn Tonna
Assistenti – Philip Agius, Ingmar Spiteri
Raba' Uff. – Adrian Azzopardi
Ammoniti – B. Kristensen, A. Pulis, J. Pearson (H); D. Cachia, R. Grech, P. Aquilina (VS)

### Relegation Pool

**Logħba Nru 110 – 02.04.2011 - 15.00 hrs**

**Sliema Wanderers 4**
M. Ciantar 18, C. Lackhem 73, J. P. Mifsud Triganza 78, O. Obiefule 90

**Qormi 1**
C. Karamanolis 33

HT 1-1 - **Hibernians Stadium**

**Sliema W.** – Viktor Szentpeteri, Julian Briffa, Mark Scerri (Noel Turner 58), Jean Pierre Mifsud Triganza, Miguel Ciantar (Obinna Obiefule 24), Steve Bezzina, Jackson Lima Sequeira, Chakib Lachkhem (John Mintoff 83), Beppe Muscat, Clayton Failla, Etienne Barbara
*Coach* – Danilo Doncic
**Qormi** – Matthew Farrugia, Stefan Giglio, Matthew Bartolo (Ibraima Sumaila Vaz Sani 29), Keith Fenech (Carmelo Farrugia 89), Joseph Chetcuti, Joseph Farrugia, Christos Karamanolis, Kang Hojung, Gabriel Buttigieg, Steve Agius (Jurgen Gerada 78), Josue Souza Santos
*Coach* – Stephen Azzopardi
Referee – Marco Borg
Assistenti – Alan Camilleri, Thomas Debono
Raba' Uff. – Trustin Farrugia Cann
Ammoniti – K. Hojung (Q); E. Barbara (SW)

### Championship Pool

**Logħba Nru 111 – 02.04.2011 - 17.00 hrs**

**Hamrun Spartans 2**
N. Chipev 21, L. J. Agius 89

**Marsaxlokk 4**
R. Darmanin 42, 45, 56, A. Effiong 60

HT 1-2 **Hibernians Stadium**

**Hamrun S.** – Andrea Cassar, Jovan Vukanic (Steve Bonnici, 84), Aaron Attard, Roderick Fenech, Massimo Grima, Rupert Mangion (David Camilleri 73), Lee James Agius, Nikola Chipev, Gaetan Spiteri (Dylan Kokavessis 70), Marcelo Pereira, Dyson Falzon
*Coach* – Steve D'Amato
**Marsaxlokk** – Reuben Gauci, Malcolm Licari, Carlo Mamo, Luca Lodetti, Emil Yanchev (Florent Raimy 58), Trevor Templeman, Rumen Galabov (Clive Brincat 70), Gareth Sciberras, Martin Deanov, Ryan Darmanin (Gary Caruana 77), Alfred Effiong
*Coach* – Patrick Curmi
Referee – Clayton Pisani
Assistenti – Joe Camilleri, Paul Apap
Raba' Uff. – Fyodor Zammit
Ammoniti – R. Galabov (M); M. Grima, D. Falzon (HS)

### Championship Pool

**Logħba Nru 112 – 03.04.2011 - 15.00 hrs**

**Birkirkara 1**
M. Galea 39

**Floriana 5**
D. Nwoke 12, 20, 29, 50, I. Woods 85

HT 1-3 **National Stadium**

**Birkirkara** – Manuel Bartolo, Trevor Cilia, Paul Fenech, Nikola Vukanac (Ibrahim Babatunde 46), Ryan Scicluna (Joseph Zerafa 46), Emiliano Lattes, Rowen Muscat, Andrei Agius, Andrew Decesare (Shaun Bajada 78), Michael Galea, Angus Buhagiar
*Coach* – Paul Zammit
**Floriana** – Lotfi Saidi, Duncan Pisani, Tyrone Farrugia, Thomas Paris (Sacha Borg 89), Manolito Micallef, Christian Cassar, Christian Caruana, Pablo Doffo, Mohammed El Yamani (Clyde Borg 46), Ivan Woods, Daniel Nwoke (Joseph Borg 87)
*Coach* – Michael Woods
Referee – Kevin Azzopardi
Assistenti – Mariano Debono, Edward Spiteri
Raba' Uff. – Mario Apap
Ammoniti – M. Bartolo (B); D. Nwoke, T. Paris (F)
Tkeċċa A. Agius 60 (B)

### Championship Pool

**Logħba Nru 113 – 03.04.2011 - 17.00 hrs**

**Tarxien Rainbows 0**

**Valletta 1**
E. Agius 2 (V)

HT 0-1 **National Stadium**

**Tarxien R.** – David Cassar, Manuel Caruana (Sergio Hili 74), Everton Antonio Pereira, Ricardo Costa (Cristiano Dos Santos Rodrigues 70), Sergio Pacheco de Oliviera, Daniel Mariano Bueno, Luke Vella Critien, Julian Vella (Gianluca Calabretta 82), Orosco Anonam, Ryan Mintoff, Justin Grioli
*Coach* – Noel Coleiro
**Valletta** – Andrew Hogg, Steve Borg, Ian Azzopardi, Ramon Dos Santos, Jonathan Caruana, Gilbert Agius (Terence Scerri 82), Edmond Agius, Jamie Pace, Anderson Andrade Antunes, Roderick Briffa (Kevin Sammut 71), Ryan Fenech (Omonigho Temile 88)
*Coach* – Jesmond Zerafa
Referee – Andrè Arciola
Assistenti – Konrad Borg, William Debattista
Raba' Uff. – Paul Caruana
Ammoniti – A. Hogg (V); G. Calabretta (TR)

### Championship Pool

**Logħba Nru 114 – 08.04.2011 - 19.30 hrs**

**Valletta 5**
D. Rocha Dos Santos 25, R. Briffa 46, 86 E. Agius 79, 82

**Hamrun Spartans 0**

HT 1-0 **National Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Jonathan Caruana, Steve Borg, Ian Azzopardi, Ramon Dos Santos, Edmond Agius, Jamie Pace (Gilbert Agius 65), Roderick Briffa, Denni Rocha Dos Santos (Kevin Sammut 80), Andrade Antunes Anderson (Terence Scerri 65), Ryan Fenech
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Hamrun S.** – Omar Borg, Steve Bonnici, Karl Magro, Roderick Fenech, Massimo Grima, David Camilleri (Craig Debattista 85), Mead Mifsud (Glen Azzopardi 21), Nikola Chipev, Gaetan Spiteri (Peter Anizoba 81), Marcelo Pereira, Dylan Kokavessis
*Coach* – Steve D'Amato
Referee – Paul Caruana
Assistenti – Mariano Debono, William Debattista
Raba' Uff. – Glenn Tonna
Ammoniti – S. Bonnici (HS)

### Relegation Pool

**Logħba Nru 115 – 09.04.2011 - 15.00 hrs**

**Qormi 2**
J. Souza Santos 81, J.Farrugia 87 pen

**Vittoriosa Stars 2**
J. Santos Silva 59, A. Ewurum 60

HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Qormi** – Matthew Farrugia (Matthew Camilleri 67), Michael Borg Olivier (Gabriel Buttigieg 93), Stefan Giglio (Matthew Bartolo 69), Roderick Sammut, Keith Fenech, Joseph Chetcuti, Christos Karamanolis, Jonathan Bondin, Cleaven Frendo, Joseph Farrugia, Josue Souza Santos
*Coach* – Stephen Azzopardi
**Vittoriosa S.** – Jean Matthias Vella, Justin Camilleri, Pierre Aquilina (Alan Tabone 88), Carlos Compagnoli, Jonathan Xerri, Murilo Maccari, Dino Cachia, Ryan Grech, Leighton Grech, Jorge Santos Silva, Anthony Ewurum (Edison Luis Dos Santos 78)
*Coach* – Winston Muscat
Referee – Clayton Pisani
Assistenti – Alan Camilleri, Joe Camilleri
Raba' Uff. – Kevin Azzopardi
Ammoniti – P. Aquilina (VS), R. Sammut (Q)

### Championship Pool

**Logħba Nru 116 – 09.04.2011 - 17.00 hrs**

**Floriana 1**
C. Cassar 75

**Marsaxlokk 1**
R. Darmanin 43

HT 0-1 **Hibernians Stadium**

**Floriana** – Lotfi Saidi, Duncan Pisani, Tyrone Farrugia, Pablo Doffo, Thomas Paris, Mano Micallef, Clyde Borg (Joseph Borg 55), Christian Cassar, Mohammed El Yamani (Dragomir Draganov 61) (Sacha Borg 89), Ivan Woods, Daniel Nwoke
*Coach* – Michael Woods
**Marsaxlokk** – Reuben Gauci, Carlo Mamo, Florent Raimy, Ryan Darmanin (Clive Brincat 70), Gareth Sciberras, Alfred Effiong, Malcolm Licari (Peter Pullicino 82), Trevor Templeman, Martin Deanov, Emil Yanchev, Rumen Galabov
*Coach* – Patrick Curmi
Referee – Adrian Azzopardi
Assistenti – Ingmar Spiteri, Edward Spiteri
Raba' Uff. – Andrè Arciola
Ammoniti – C. Borg, D. Pisani (F), F. Raimy, A. Effiong (M)

### Relegation Pool

**Logħba Nru 117 – 10.04.2011 - 15.00 hrs**

**Hibernians 2**
A. Cohen 70, T. Caruana 78

**Sliema Wanderers 3**
J. L. Sequeira 62 pen, 75, J. P. Mifsud Triganza 92 pen

HT 0-0 **National Stadium**

**Hibernians** – Daniel Balzan, Edward Herrera, Matthew Tabone, Aaron Xuereb, Matt Clarke, Patrick Osei, Triston Caruana, Brian Fairbairn (Richie Hart 70), Andrew Cohen, Matthew Gauci (Ayrton Azzopardi 65), Paul McManus (Keith Tanti 89)
*Coach* – Mark Miller
**Sliema W.** – Henry Bonello, Jean Pierre Mifsud Triganza, Steve Bezzina, Clifford Gatt Baldacchino, Jackson Lima Sequeira, Obinna Obiefule, Chakib Lachkhem (Ryan Dalli 79), Roderick Bajada, John Mintoff (Julian Briffa 61) Beppe Muscat (Andrew Caligari 83), Clayton Failla
*Coach* – Danilo Doncic
Referee – Mario Apap
Assistenti – Konrad Borg, Mitchell Scerri
Raba' Uff. – Paul Caruana
Ammoniti – J. Mintoff, J. Briffa (SW); K. Tanti (H)


GET MORE FROM
YOUR WORKOUT
POWERADE®
Contains electrolytes and carbohydrates
to help you train better

## Championship Pool

**Logħba Nru 118 – 10.04.2011 - 17.00 hrs**

**Birkirkara** 3
T. Cilia 45, M. Galea 54, I. Babatunde 85

**Tarxien Rainbows** 0

HT 1-0 **National Stadium**

**Birkirkara** – Manuel Bartolo, Ibrahim Babatunde, Andrew Decesare, Trevor Cilia (Emiliano Lattes 62), Joseph Zerafa, Paul Fenech, Rowen Muscat, Nikola Vukanac, Shaun Bajada (Ryan Scicluna 79), Michael Galea (Rodolfo Kumbrevicius 85), Angus Buhagiar
*Coach* – Paul Zammit
**Tarxien R.** – David Cassar, Everton Antonio Pereira, Gianluca Calabretta (Sergio Hili 57), Ricardo Costa, Sergio Pacheco De Oliveira (Cristiano Dos Santos Rodrigues 57), Daniel Mariano Bueno, Luke Vella Critien (Steve Sadowski 73), Julian Vella, Ryan Mintoff, Lee Galea, Justin Grioli
*Coach* – Noel Coleiro
Referee – Chris Lautier
Assistenti – Philip Agius, Malcolm Mercieca
Raba' Uff. – Esther Azzopardi
Ammoniti – A. Buhagiar (B)

## Relegation Pool

**Logħba Nru 119 – 16.04.2011 - 15.00 hrs**

**Sliema Wanderers** 2
O. Obiefule 77, J. P. Mifsud Triganza 86

**Vittoriosa Stars** 0

HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Sliema W.** – Viktor Szentpeteri, Mark Scerri (Adam Spiteri 61), Jean Pierre Mifsud Triganza, Steve Bezzina, Clifford Gatt Baldacchino, Jackson Lima Sequeira, Obinna Obiefule (Julian Briffa 79), Roderick Bajada, John Mintoff (James Paris 75), Beppe Muscat, Clayton Failla
*Coach* – Danilo Doncic
**Vittoriosa S.** – Jean Matthias Vella, Clatyon Micallef, Carl Sammut, Ryan Grech (Jeffrey Chetcuti 82), Mauro Brincat (Alan Tabone 59), Edison Luis Dos Santos, Larry Lagana (Leighton Grech 64), Jorge Santos Silva, Anthony Ewurum, Jonathan Xerri, Carlos Compagnoli
*Coach* – Winston Muscat
Referee – Fyodor Zammit
Assistenti – Alan Camilleri, Thomas Debono
Raba' Uff. – Esther Azzopardi
Ammoniti – L. Lagana, A. Tabone (VS); C. Gatt Baldacchino (SW)

## Championship Pool

**Logħba Nru 120 – 16.04.2011 - 17.00 hrs**

**Tarxien Rainbows** 1
D. Bueno 88

**Floriana** 2
D. Draganov 33, D. Bueno 47 o.g.

HT 0-1 **Hibernians Stadium**

**Tarxien R.** – David Cassar, Steve Sadowski, Manuel Caruana (Ryan Mintoff 79), Everton Antonio Pereira (Ricardo Costa 62), Cristiano Dos Santos Rodrigues, Daniel Mariano Bueno, Julian Vella, Orosco Anonam, Sergio Pacheco De Oliveira, Lee Galea, Justin Grioli (Gianluca Calabretta 50)
*Coach* – Noel Coleiro
**Floriana** – Lotfi Saidi, Duncan Pisani, Tyrone Farrugia, Pablo Doffo, Thomas Paris (Owen Bugeja 46), Chrstian Cassar, Christian Caruana, Dragomir Draganov (Joseph Borg 81), Ivan Woods, Daniel Nwoke (Sacha Borg 89), Mano Micallef
*Coach* – Michael Woods
Referee – Paul Caruana
Assistenti – Philip Agius, Joe Camilleri
Raba' Uff. – Alan Mario Sant
Ammoniti – J. Grioli, S. Sadowski, L. Galea (TR); T. Paris (F)
Tkeċċa – P. Doffo 43 (F)

## Championship Pool

**Logħba Nru 121 – 17.04.2011 - 15.00 hrs**

**Birkirkara** 2
I. Babatunde 13, T. Cilia 20

**Hamrun Spartans** 2
D. Falzon 16, M. Pereira 50

HT 2-1 **National Stadium**

**Birkirkara** – Manuel Bartolo, Trevor Cilia (Karl Pulo 66), Rowen Muscat, Andrei Agius, Emiliano Lattes, Joseph Zerafa, Paul Fenech, Andrew Decesare (Terence Vella 82), Ibrahim Babatunde, Michael Galea (Rodolfo Kumbrevicius 86), Angus Buhagiar
*Coach* – Paul Zammit
**Hamrun S.** – Omar Borg, Massimo Grima, Rupert Mangion, Roderick Fenech, Karl Magro (Aaron Attard 32) (Daniel Zerafa 75), Marcelo Periera, Dyson Falzon, Gaetan Spiteri, Nikoilai Chipev, David Camilleri, Steve Bonnici
*Coach* – Steve D'Amato
Referee – Andrè Arciola
Assistenti – Edward Spiteri, Sammy Attard
Raba' Uff. – Glenn Tonna
Ammoniti – P. Fenech, J. Zerafa (B), K. Magro, M. Grima, D. Zerafa, G. Spiteri (HS)
Tkeċċa – P. Fenech 93 (B)

## Championship Pool

**Logħba Nru 122 – 17.04.2011 - 17.00 hrs**

**Valletta** 1
R. Briffa 51

**Marsaxlokk** 0

HT 0-0 **National Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Steve Borg, Jonathan Caruana, Ian Azzopardi, Ramon Dos Santos, Roderick Briffa, Edmond Agius, Gilbert Agius, Denni Dos Santos (Omonigho Temile 77), Ryan Fenech (Jamie Pace 87), Andrade Antunes Anderson (Terence Scerri 79)
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Marsaxlokk** – Reuben Gauci, Malcolm Licari, Carlo Mamo (Gary Caruana 87), Clive Brincat, Emil Yanchev, Peter Pullicino (Ryan Darmanin 59), Raimy Florent, Rumen Galabov, Gareth Sciberras, Martin Deanov, Alfred Effiong
*Coach* – Patrick Curmi
Referee – Clayton Pisani
Assistenti – Alan Camilleri, Mariano Debono
Raba' Uff. – Adrian Azzopardi
Ammoniti – I. Azzopardi, G. Agius, R. Dos Santos (V), M. Licari, C. Mamo, P. Pullicino, C. Brincat (M)

## Championship Pool

**Logħba Nru 124 – 23.04.2011 - 15.00 hrs**

**Hamrun Spartans** 0

**Floriana** 2
I. Woods 48 pen, 65 pen

HT 0-0 **National Stadium**

**Hamrun S.** – Omar Borg, Massimo Grima (Daniel Zerafa 76), Rupert Mangion, Roderick Fenech, Marcelo Pereira (Dylan Kokavessis 68), Dyson Falzon, Gaetan Spiteri, Jovan Vukanic (Karl Magro 78), Nikolai Chipev, David Camilleri, Steve Bonnici
*Coach* – Steve D'Amato
**Floriana** – Lotfi Saidi, Duncan Pisani, Tyrone Farrugia, Manolito Micallef, Christian Cassar, Clyde Borg, Dragomir Draganov (Mark Gauci 89), Christian Caruana (Joseph Borg 77), Ivan Woods, Daniel Nwoke (Mohammed El Yamani 84), Owen Bugeja
*Coach* – Michael Woods
Referee – Marco Borg
Assistenti – Mariano Debono, Joe Camilleri
Raba' Uff. – Glenn Tonna
Ammoniti – D. Falzon, N. Chipev (HS), D. Nwoke, C. Caruana (F)
Tkeċċa – N. Chipev 64 (HS)

## Championship Pool

**Logħba Nru 125 – 23.04.2011 - 17.00 hrs**

**Marsaxlokk** 2
J. Alcorse 80, 81

**Tarxien Rainbows** 4
S. P. De Oliveira 11 pen, 28, D. M. Bueno 20, C. Dos Santos Rodrigues 40

HT 0-4 **National Staidum**

**Marsaxlokk** – Reuben Gauci, Malcolm Licari, Clive Brincat, Emil Yanchev, Andrew Spiteri, Florent Raimy, Gareth Sciberras, Rumen Galabov (Ryan Darmanin 73), Peter Pullicino (Trevor Templeman 46), Martin Deanov, Alfred Effiong (Julio Alcorse 73)
*Coach* – Patrick Curmi
**Tarxien R.** – David Cassar, Manuel Caruana (Sergio Hili 62), Everton Antonio Pereira, Gianluca Calabretta, Cristiano Dos Santos Rodrigues (Andre Farrugia 91), Sergio Pacheco De Oliveira, Daniel Mariano Bueno, Luke Vella Critien, Julian Vella, Orosco Anonam, Ryan Mintoff
*Coach* – Noel Coleiro
Referee – Kevin Azzopardi
Assistenti – Philip Agius, Paul Apap
Raba' Uff. – Trustin Farrugia Cann
Ammoniti – T. Templeman (M); C. Dos Santos (TR)

## Championship Pool

**Logħba Nru 126 – 25.04.2011 - 19.30 hrs**

**Valletta** 1
T. Scerri 78

**Birkirkara** 1
R. Kombrevicius 90

HT 0-0 **National Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Roderick Briffa, Jonathan Caruana, Steve Borg, Gilbert Agius, Edmond Agius, Jamie Pace, Kevin Sammut, Denni Dos Santos (Kurt Magro 90), Ian Zammit (Terence Scerri 71), Ryan Fenech
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Birkirkara** – Manuel Bartolo, Emiliano Lattes, Angus Buhagiar, Joseph Zerafa, Andrew Decesare (Michael Galea 67), Andrei Agius, Nikola Vukanac, Patrick Borg (Karl Pulò 75), Rowen Muscat, Trevor Cilia (Rodolfo Kombrevicius 83), Ibrahim Babatunde
*Coach* – Paul Zammit
Referee – Alan Mario Sant
Assistenti – Philip Agius, Alan Camilleri
Raba' Uff. – Kevin Azzopardi
Ammoniti – R. Fenech, S. Borg (V), A. Buhagiar, I. Babatunde (B)
Tkeċċa – S. Borg 78


Julian Briffa (Sliema W.) jittakilja lil Edward Herrera (Hibernians)


Angus Buhagiar (Birkirkara) itajjar minn fuq Gaetan Spiteri (Hamrun S.)


Anthony Ewurum (Vittoriosa S.) imdawwar minn erba' plejers ta' Sliema W.

JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 30 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt

# L-MFA tniedi bosta seminars u korsijiet biex jitjieb il-livell f'kull settur



Norman Darmanin Demajo, president tal-MFA



Bjorn Vassallo' Kap Eżekuttiv tal-MFA



Vic Hermans waqt il-kors tal-coaching tal-Futsal



Dawk li attendew għas-seminar tal-Physical Trainers

**L-MFA qed tniedi bosta seminars u korsijiet fit-tentattiv li jitjieb il-livell fis-setturi tal-logħba dometiska.**

Dan l-aħħar sar seminar għal Physical Trainers immexxi proprju mill-Physical Trainer tat-tim nazzjonali, it-Taljan Luca Paganin u mit-tabib tat-tim nazzjonali, David Attard.

Dan is-seminar infetaħ mill-president tal-MFA, is-Sur Norman Darmanin Demajo, li għalih attendew 22 parteċipanti.

Fl-indirizz tiegħu, il-president tal-MFA, saħaq li l-prioratjiet tal-Assoċjazzjoni huma li, fi sforz kollettiv, jitjieb il-livell tal-futbol Malti u dak Għawdxi "minħabba li hemm spazju kbir għalih".

Is-Sur Darmanin Demajo, stqarr ukoll li hemm żewġ obbjettivi li primarjament iridu jintlaħqu biex il-futbol Malti jimxi fid-direzzjoni t-tajba - li kull klabb ikollu faċilitajiet diċenti fejn il-plejers jagħmlu t-taħriġ tagħhom kif ukoll il-ħtieġa ta' edukazzjoni fil-coaching.

Fejn, fil-passat, ir-riżorsi kienu immirati lejn il-livell tat-timijiet nazzjonali, l-Assoċjazzjoni u l-amminstrazzjoni preżenti ħasset il-ħtieġa u n-neċessità biex tibda tgħin lill-klabbs.

Għaldaqstant dawn is-seminars se jibdew jgħinu biex jindirizzaw il-problemi li jeżistu fil-livelli ta' klabbs.

Dawn is-seminars u l-korsijiet, li huma ssussidjati mill-Malta Football Association, qed joffru opportunità unika lill-parteċipanti biex itejbu l-ħidma tagħhom f'dan il-qasam b'taħriġ prattiku.

Waqt is-seminar għal Physical Trainers ġie diskuss ukoll il-preparazzjoni mentali li hija fondamentali fl-edukazzjoni tal-coaching.

F'dan is-seminar, ta l-kontribut tiegħu wkoll, il Kap Eżekuttiv, is-Sur Bjorn Vassallo, fejn sostna li ċ-Ċentru Tekniku, li jinsab f'Ta' Qali, qed iservi bħal l-pont bejn l-Assoċjazzjoni u l-klabbs.

Huwa sostna wkoll li matul dawn l-aħħar jiem saret laqgħa mar-rappreżentanti tal-klabbs fejn ġew diskussi l-pjani tal-MFA għall-istaġun li ġej fejn l-istess rappreżentanti taw il-kontribut validu tagħhom.

Ġie organizzat ukoll seminar, bil-kollaborazzjoni tal-UEFA, dwar it-turf naturali u dak artfiċjali li jintuża għal-logħbiet tal-futbol.

Dan is-seminar, li ġie ndirizzat minn persuni professjonali, ittratta dwar il-kultivazzjoni, iż-żamma u l-ħarsien adekwat ta' dawn il-pitches biex ikunu fl-aqwa kundizzjoni possibbli wara l-investiment qawwi li jsir fuqhom.

Din l-attività kienet opportunità unika għal dawk in-nies li jaħdmu f'dan il-qasam biex jakkwistaw informazzjoni u pariri neċessarji kif ukoll jaqsmu t-tagħrif fit-tentattiv li tkompli titjieb il-ħidma f'dan ir-rigward.

Dan is-seminar kien immexxi minn esperti barranin taħt id-direzzjoni ta' Thierry Favre, chairman tal-Iżvilupp tal-Assoċjazzjonijiet Nazzjonali tal-UEFA, u Mohamed Teda, UEFA HatTrick Manager.

Minn fost il-kelliema kien hemm, Alan Fergusan (Head Groundsman ta' Ipwich Town), Markus Keller (Konsulent tal-UEFA fuq it-turf artifiċjali), Alastair Cox (Membru fil-panel tal-UEFA fuq it-turf artifiċjali) u Tero Auvinen (Manager tal-Infrastruttura tal-FA Finlandiża).

Barra minn hekk, sar ukoll kors dwar il-bażiċi tal-Futsal li kien immexxi mill-kowċ nazzjonali tal-Futsal, Vic Hermans, li għalih attendew 16-il parteċipant u li ingħataw ukoll ċertifikat.

Interessant l-fatt ukoll li ġie organizzat seminar għar-refereis u għall-assistenti referis, li kien jifforma parti mill-proġett li kien jifforma parti mill-ftehim tal-konvenzjoni tar-Referis tal-UEFA.

Dan is-seminar kien miftuħ mis-Sur Carmelo Bartolo, viċi-president tal-MFA u chaiman tal-Bord tar-Referis. Huwa qal li kienet neċessità kbira biex jerġa' jiġi organizzat dan is-seminar wara s-suċċess tas-sena li għaddiet fit-tentattiv li jkompli jgħin lir-referis lokali biex ikabbru l-potenzjal tagħhom. Huwa sostna li l-"poter" li jippossjiedu fil-granwd għandu jiġi eżerċitat tajjeb għall-ġid tal-logħba u huma għandhom struzzjonijiet li jridu jħarsu b'responsabbiltà kbira.

Minn fost il-kelliema kien hemm is-Sur Patrick Fenech (chairman tal-Refereeing Department), is-Sur Tommy Restall, u s-Sur Victor Mintoff, kollha eks-referis rinomati.

Il-mistieden speċjali kien Ian W. Maynard, professur fil-psikoloġija tal-Isport, fejn mexxa u tkellem dwar bosta suġġetti li kienu jinkludu l-abbiltajiet u l-preparazzjoni mentali hekk kif ir-referis jridu jkunu kapaċi biex jibqgħu fl-aqwa kundizzjoni meta jkunu taħt pressjoni qawwija.

BOV 1st Div. League
BOV Bank of Valletta
your Success, our Goal




Melita vs Mosta

# Balzan Y. Champions

## Mqabba promossi... u Mosta jkollhom jistennew

**27.03.2011**
**Victor Tedesco Stadium**
**Pietà H. v Melita**..........1-2
*Luke Micallef 27, Emilio Cornago San Pedro 49 (M); Zach Muscat 74 (PH)*

**St. Andrew's v Mqabba**..........1-4
*Claudio Calleja 6, John Paul Muscat 11 pen, Neil Chetcuti 60 o.g., Thiago Dos Santos Mazitelli 78 pen (M); Faisal Anakua 9 (SA)*

**02.04.2011**
**Victor Tedesco Stadium**
**Mosta v Dingli S.**..........4-2
*Leontiev Konda 11 pen, Prince Will Okachi 86 (DS); Adrian Borg 12, Simon Shead 18, 73, Victor Osobu 85 (M)*

**Lija A. v Msida SJ**..........4-0
*Wayne Borg St. John 45, Admir Dzanovic 74, Antoine Sacco 76, Johann Spiteri 77 pen (LA)*

**03.04.2011**
**Victor Tedesco Stadium**
**Balzan Y. v St. George's**..........1-0
*Steve Meilak 50 (BY)*

**Pietà H. v St. Andrew's**..........0-1
*Luke Cesareo 59 (SA)*

**09.04.2011**
**Victor Tedesco Stadium**
**Melita v Mosta**..........3-2
*Michael Martin 3, Nicolo Baldacchino Orland 71, 90 (Ml); Gilbert Martin 9, Simon Shead 35 (Ms)*

**Msida SJ v Mqabba**..........1-1
*Wilson Causchi 32 (M); Sakchai Phiram 46 (MSJ)*

**10.04.2011**
**Victor Tedesco Stadium**
**Dingli S. v Balzan Y.**..........4-1
*Lydon Micallef 1, 34, 88, Uchanna Anywanna 65 (BY); Prince Will Okachi 23 (DS)*

**St. George's v Lija A.**..........0-0

**16.04.2011**
**Victor Tedesco Stadium**
**Mosta v Pietà H.**..........1-1
*Mark Briggs 12 pen (M); Zach Muscat 16 (PH)*

**St. Andrew's v Msida SJ**..........2-1
*Karl Saliba 17 pen (MSJ); Morgan Unourah 19, Lydon Micallef 32 o.g. (SA)*

**17.04.2011**
**Victor Tedesco Stadium**
**Balzan Y. v Melita**..........3-2
*Rennie Forace 25, Steve Meilak 40, Pedro Dos Santos Calcado 75 pen (BY); Rudi Alinho 65, Jonathan Francica 87 o.g. (M)*

**Mqabba v St. George's**..........7-1
*Claudio Calleja 3, 31, Advan Cakigi 11, 90, John Paul Muscat 44, 75, 84 (M); Marco Milutinovic 17 (SG)*

**23.04.2011**
**Victor Tedesco Stadium**
**Lija A. v Dingli S.**..........1-2
*Prince Will Okachi 75, 92 (DS); Beppe Antignolo 79 (LA)*

**Mosta v St. Andrew's**..........6-1
*Mark Briggs 28, Simon Shead 38, 51, 60, 73, Kenneth Spiteri 77 (M); William Camilleri 88 (SA)*




Melita vs Balzan

**KIF JINSABU**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Balzan Y. | 17 | 14 | 2 | 1 | 41 | 15 | 44 |
| Mqabba | 17 | 9 | 5 | 3 | 35 | 15 | 32 |
| Mosta | 18 | 9 | 5 | 4 | 42 | 22 | 32 |
| Melita | 17 | 8 | 5 | 4 | 28 | 20 | 29 |
| Lija A. | 17 | 7 | 3 | 7 | 23 | 22 | 24 |
| St. George's | 17 | 6 | 5 | 6 | 25 | 28 | 23 |
| St. Andrew's | 18 | 5 | 5 | 8 | 20 | 28 | 20 |
| Dingli S. | 17 | 5 | 3 | 9 | 19 | 31 | 18 |
| Pietà H. | 17 | 4 | 4 | 9 | 33 | 35 | 16 |
| Msida SJ | 17 | 0 | 1 | 16 | 5 | 53 | 1 |

**Msida SJ tnaqqsulhom 4 punti*
**Balzan Y. ingħataw rebħa ta' 3-0 wara protest fuq Msida SJ*


*Naxxar v Birżebbuġa*

# Zejtun Corinthians jaċċertaw kmieni mir-rebħ tat-titlu

## - Naxxar L. u Rabat A. promossi

**Centenary Stadium**
**31.03.2011**
**Birzebbuga SP v Rabat A. .......................... 1-1**
*Justin Felice 48 (RA); Noel Tabone 74 (BSP)*

**Naxxar L. v St. Patrick .............................. 2-2**
*Alex Ellul 39, Ilyad Scicluna 42 (SP); Andre Rocha Da Silva 67 pen, Darren Falzon 94 (NL)*

**02.04.2011**
**Senglea A. v Zebbug R. ............................ 0-2**
*Roderick Spiteri 84, Jeremy Agius 86 (ZR)*

**Zurrieq v San Gwann ............................... 4-2**
*Alistair Camilleri 9, 54, Johan Briffa 49, Clive Shumba 56 (Z); Joseph Chidi Achowko 19, Peter Xuereb 28 (SG)*

**03.04.2011**
**Gzira U. v Zejtun C. ................................. 2-3**
*Keith Bonello 10, 28 (GU); Kenneth Abela 25, Silvio Sciberras 41 pen, Adrian Carabott 67 (ZC)*

**Mellieħa v Mgarr U. ................................. 6-0**
*Fabiano Bassi 4, Daniel Cremona 10, Philip Camilleri 31, Malcolm Bugeja 60 o.g., Mark Vella 74, Kevin Gauci 83 (MU)*

**09.04.2011**
**Birzebbuga SP v Naxxar L. ........................ 1-5**
*Gilbert Camilleri 35, 40, 45, Andrè Rocha Da Silva 51 pen, Darren Falzon 70 (NL); Ronnie Celeste 79 (B)*

**Zebbug R. v St. Patrick ............................. 1-0**
*Glenn Barry 72 (SP)*

**10.04.2011**
**Rabat A. v Zurrieq ..................................... 2-0**
*Yessous Camilleri 56, Adam Smeir 86 (RA)*

**Zejtun C. v Senglea A. ............................... 0-0**

**11.04.2011**
**San Gwann v Mellieħa ............................. 2-1**
*Nikolai Filipov 27 (M); Shaun Vella 38, Luke Cauchi 81(SG)*

**Mgarr U. v Gzira U. ................................. 2-0**
*Gianluca Theuma 58, Ismael Cutajar 66 (MU)*

**16.04.2011**
**Zurrieq v Birzebbuga SP ........................... 0-1**
*Ronnie Celeste 71 (BSP)*

**Naxxar L. v Zebbug R. .............................. 3-2**
*Timmy Thomas 12, Jeremy Agius 83 (ZR); Gilbert Camilleri 19, 46, Andrè Rocha Da Silva 80 (NL)*

**17.04.2011**
**St. Patrick v Zejtun C. ............................... 0-4**
*Kenneth Abela 35, 52, Silvio Sciberras 80, Oldi Majtara 88 (ZC)*

**Mellieħa v Rabat A. ................................. 0-0**

**18.04.2011**
**Senglea A. v Mgarr U. ............................. 0-1**
*Malcolm Bugeja 25 (MU)*

**Gzira U. v San Gwann .............................. 2-5**
*Shaun Vella 2, 83, Miguel Francica 19, 61, Gozwe Pace 92 (SG); Keith Bonello 36 pen, 89 pen (GU)*


*Żurrieq v Rabat*

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Zejtun C. | 21 | 15 | 4 | 2 | 36 | 10 | 49 |
| Naxxar L. | 21 | 12 | 3 | 6 | 43 | 26 | 39 |
| Rabat A. | 21 | 11 | 5 | 5 | 38 | 10 | 38 |
| Mellieħa | 21 | 11 | 3 | 7 | 30 | 19 | 36 |
| Birżebbuġa | 21 | 10 | 4 | 7 | 30 | 28 | 34 |
| St. Patrick | 21 | 10 | 3 | 8 | 27 | 32 | 33 |
| San Gwann | 21 | 8 | 4 | 9 | 27 | 37 | 28 |
| Zebbug R. | 21 | 8 | 3 | 10 | 29 | 34 | 27 |
| Zurrieq | 21 | 6 | 4 | 11 | 27 | 41 | 22 |
| Senglea A. | 21 | 5 | 4 | 12 | 29 | 36 | 19 |
| Gzira U. | 21 | 4 | 6 | 11 | 31 | 44 | 18 |
| Mgarr U. | 21 | 4 | 1 | 16 | 16 | 46 | 13 |


NEW DOVE
MEN+CARE
Dove
MEN
+CARE
CLEAN
COMFORT
BODY AND
FACE WASH
TOTAL SKIN COMFORT
Dove
MEN
+CARE
POWERFUL
PROTECTION
24h
ANTIPERSPIRANT
DEODORANT
0% ALCOHOL
Dove
MEN
+CARE
POWERFUL
PROTECTION
[ BE COMFORTABLE
IN YOUR OWN SKIN ]



Ritratt: Ray Attard


REDESIGNED FOR LIFE
snaidero
OLA20 - kitchen designed by
pininfarina
casanova
St.Thomas Street, Luqa
Tel: 21 800 221 , 21 800 214 Fax: 21 800 225 Email: info@casanova.com.mt
www.casanova.com.mt

# Zejtun Corinthians




## Champions tat-II Diviżjoni - Staġun 2010/11

Ritratt: Ray Attard

# Kollox indeċiż f'S
# Għargħur jirbħu Sezzj

**SECTION A**

**Mdina K. v Swieqi U. ................................4-1**
*Trevor Fenech 31, Cachel Vella 38, Nicholas Micallef 82, Robert Southward 85 (MK); Fabian Debono 59 (S)*

**Siggiewi v St. Venera L. ............................2-1**
*Dylan Mercicca 59 (SVL); Mario Bajada 69, Jason Camilleri 93 (S)*

**27.03.2011**
**Gudja U. v Qrendi.......................................2-0**
*Peter Paul Sammut 80, Edmond Thornton 84 (GU)*

**Mtarfa v Attard ..........................................0-1**
*Kayne Said 20 (A)*

**28.03.2011**
**St. Lucia v Marsaskala...............................0-3**
*Brian Grech 15, Terrence Cachia 57, Max Zammit 71 (M)*

**31.03.2011**
**Swieqi v Xgħajra T......................................8-0**
*Eric Sciberras 27, Victor Kamara 45 53, Fabian Debono 56, Wildon Vella 73, 86, John Debono 87, 89 (SU)*

**St. Venera L. v Mdina K............................2-0**
*Mark Grech 29, Stefan Farrugia 44 (SVL)*

**03.04.2011**
**Qrendi v Siggiewi........................................0-2**
*Roderick Farrugia 40, Jason Camilleri 54 (S)*

**Attard v Gudja U.........................................1-2**
*Ndayi Kalenga 9, 68 (GU); Kayne Said 53 (A)*

**08.04.2011**
**Marsaskala v Mtarfa ..................................0-1**
*Paul Fenech 44 (Mt)*

**Swieqi v St. Lucia ......................................1-0**
*Edward Vella 68 pen (S)*

**10.04.2011**
**Xgħajra T. v St. Venera L. .........................0-1**
*Dylan Mercieca 93 (SVL)*

**12.04.2011**
**Mdina K. v Qrendi .....................................4-1**
*Chris Farrugia 25 (Q); Cachel Vella 32, 39, 79, Clint Scerri 45,*

**17.04.2011**
**Siggiewi v Attard .......................................2-1**
*Kayne Said 11 (A); Roderick Farrugia 64, Jason Camilleri 79 (S)*

**Gudja U. v Marsaskala...............................2-0**
*Trevor Thomas 11, 75 (M)*

**23.04.2011**
**St. Lucia v Mtarfa .......................................0-0**
*xxxx*
*xxxxxxxxxxx*

**St. Venera L. v Swieqi U. ..........................2-1**
*Dylan Mercieca 20, 27 (SVL); Francois Mizzi 60 (S)*


Mtarfa v Swieqi


Santa Lucia v Marsaskala

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| St. Venera L. | 20 | 16 | 1 | 3 | 37 | 13 | 49 |
| Siggiewi | 19 | 15 | 1 | 3 | 43 | 21 | 46 |
| Gudja U. | 19 | 14 | 3 | 2 | 47 | 11 | 45 |
| Attard | 19 | 10 | 3 | 6 | 36 | 20 | 33 |
| Mdina K. | 19 | 10 | 2 | 7 | 32 | 20 | 32 |
| Swieqi | 20 | 7 | 4 | 9 | 30 | 33 | 25 |
| St. Lucia | 20 | 7 | 3 | 10 | 16 | 30 | 24 |
| Mtarfa | 19 | 3 | 6 | 10 | 14 | 25 | 15 |
| Xgħajra T. | 19 | 4 | 2 | 13 | 16 | 45 | 14 |
| Marsaskala | 19 | 3 | 3 | 13 | 22 | 48 | 12 |
| Qrendi | 19 | 1 | 4 | 14 | 11 | 38 | 7 |

** St. Venera L. ingħataw rebħa ta' 2-0 wara protest fuq Attard*


Marsaskala v Gudja

# ezzjoni A,
# oni B

BOV 3rd Div. League

BOV Bank of Valletta
your Success, our Goal





Attard v Siġġiewi

| | KLASSIFIKA | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | L | R | D | T | F | K | P |
| Għargħur | 17 | 13 | 2 | 2 | 41 | 18 | 41 |
| Kirkop U. | 17 | 11 | 2 | 4 | 36 | 17 | 35 |
| Luqa SA | 17 | 10 | 4 | 3 | 39 | 21 | 34 |
| Pembroke | 17 | 8 | 2 | 7 | 27 | 27 | 26 |
| Fgura U. | 17 | 7 | 3 | 7 | 31 | 32 | 24 |
| Sirens | 18 | 6 | 5 | 7 | 36 | 34 | 23 |
| Għaxaq | 17 | 5 | 4 | 2 | 27 | 30 | 19 |
| Marsa | 17 | 4 | 5 | 8 | 19 | 26 | 17 |
| Gozo FC | 17 | 5 | 1 | 11 | 26 | 48 | 16 |
| Kalkara | 18 | 2 | 2 | 14 | 17 | 44 | 8 |

** Luqa SA ingħataw rebħa ta' 2-0 wara protest fuq Gozo FC*
** Fgura U. ingħataw rebħa ta' 2-0 wara protest fuq Għaxaq*

## SECTION B

**21.03.2011**
**Sirens v Marsa ........................................... 2-1**
*Daniel Sant 36, George Falzon 93 (S); Yusif Abdul Lahi 70 pen (M)*

**Pembroke A. v Fgura U. ........................... 0-4**
*Vince Camilleri 4, Lydon Vella 37, Nazzareno Abela 65, 92 (FU)*

**27.03.2011**
**Għaxaq v Kirkop U. .................................. 0-1**
*Christian Mifsud 85 (KU)*

**Gozo FC v Fgura U. .................................. 4-1**
*Matthew Spiteri 42 (FU); Shaun Muscat 56, Daniel Attard 73, Mark Sultana 78, Sam Frank Bajada 83 (G)*

**Luqa SA v Kalkara ..................................... 1-0**
*Roderick Debattista 39 (L)*

**28.03.2011**
**Għargħur v Sirens ..................................... 1-0**
*Alexander Ribic 92 (Għ)*

**01.04.2011**
**Marsa v Għaxaq .......................................... 2-0**
*Charlo Debattista 59, Adam Yusif 65 (M)*

**Kirkop U. v Pembroke A. ........................ 3-0**
*Richard Galea 13, Christian Mifsud 29, 61 (KU)*

**04.04.2011**
**Sirens v Luqa SA ....................................... 3-5**
*Lee Baldacchino 5, 45, 65, Roderick Debattista 9, 73 (LSA); Ryan Theuma 58, Leandro Blanco De Castro 82, Joseph Camilleri 88 (S)*

**Kalkara v Fgura U. ................................... 2-3**
*Nazzareno Abela 4, Matthew Spiteri 64, Jeremy Gatt 70 (FU); Stefan Camilleri 21, Conrad Tabone 44 (K)*

**10.04.2011**
**Għaxaq v Għargħur ................................. 0-5**
*Alexander Ribic 31, Malcolm Tirchett 44, Benjamin Perry Acton 48, Ivan Ebejer 55, 61 (Għr)*

**12.04.2011**
**Kirkop U. v Gozo FC ................................ 5-1**
*Ryan Grech 49 (G); Christian Mifsud 50, Orianski Buhagiar 60, Ronald Spina 66, Leonard Zammit 73, Josef Attard 75 (KU)*

**19.04.2011**
**Pembroke A. v Marsa ............................... 3-2**
*Charlot Debattista 50, 55 (M); Carlo Leonardi 68, 78 pen, 85 (PA)*

**Sirens v Kalkara ........................................ 3-1**
*Giovanni Galea 14, 61, George Falzon 20 (S); Sinclair Camilleri 34 (K)*

# Kampjonat ġdid U/13 mill-istaġun 2011/12

Fil-bidu ta' dan l-istaġun, il-Youth F.A. bdiet tiddiskuti mal-M.F.A. u ċ-Ċentru Tekniku, riformi fil-Kampjonati tal-U/15 u tal-U/17. Bdew isiru preparamenti meħtieġa biex dawn ir-riformi jibdew jidħlu fis-seħħ mill-istaġun 2012/13, filwaqt li fil-granet li għaddew ġie konkluż format ġdid tal-Kampjonat tal-U/13, biex jibda bi prova proprju mill-istaġun li ġej.

Il-Youth F.A. ħadmet matul dawn l-aħħar xhur biex tifforma format tal-Kampjonat U/13 u timplika r-regolamenti. Ma kinetx ħaġa faċli għaliex filwaqt li nżammu diversi laqgħat, fejn ġew diskussi l-possibbilitajiet u diffikultajiet dwar dawn il-kampjonati, il-kumitat ħa ħsieb li jiġbor statistika u jagħmel provi u diskussjonijiet biex finalment seta' jasal għal konklużjonjiet finali.

Il-miri prinċipali ta' dawn il-kampjonati se jkunu ffokati prinċipalment fuq il-formazzjoni kompleta tal-plejer fil-fiżika, teknika, dixxiplina, karattru u l-edukazzjoni tal-plejer, f'din l-età. Għan ieħor tal-Assoċjazzjoni se jkun li tikber il-firxa tan-numru ta' plejers li jilagħbu f'dawn l-etajiet, tant, li huwa maħsub mill-istatistika f'idejn il-Youth F.A., li f'din il-kategorija, 93% tal-plejers irreġistrati fin-Nurseries se jkunu qed jilagħbu fil-festivals u l-kampjonati - żieda ta' aktar minn 30% minn fuq dan l-istaġun.

In-Nurseries huma eliġibbli biex jipparteċipaw fil-fun festivals, dejjem skond ir-regolamenti preżenti filwaqt li dawk minnhom li jikkawlifikaw minn kriterji mitluba jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-kampjonati wkoll.

Is-sehem ta' solidarjetà se jkun punt ewlieni ieħor f'dawn il-kampjonati, tant, li l-ewwel fażi se tinzamm fi grawnds offruti minn diversi klabbs mingħajr ħlas biex il-fażi finali (Marzu-Mejju 2012) tinżamm kollha fis-Centenary Stadium, Ta' Qali, li ġentilment qed jiġi offrut mill-M.F.A. bil-logħob jinżamm nhar ta' Sibt filgħodu.

Fattur importanti ieħor ikun fejn sar qbil biex ħafna mil-logħob ta' dan il-kampjonat ikun ikkontrollat minn eks-referis, b'focus fuq it-tagħlim tar-regolamenti waqt il-logħba mill-istess referis.

It-tnedija ta' dawn il-kampjonati se jinżammu nhar il-Ħamis, 5 ta' Mejju 2011, fejn matul din il-laqgħa, in-Nurseries se jingħataw aktar dettalji dwar dawn il-Kampjonati mill Youth F.A, l-M.F.A. flimkien maċ-Ċentru Tekniku.









minn Joe Micallef (Segretarju Ġenerali YFA)



# Rabat Ajax Football Nursery

**Indirizz:**
Rabat Ajax Ground
Triq Oswald, Binja Buqana,
Mtarfa.

**Logo:**
Tifel libes il-flokk ta' Rabat, iswed u abjad, iddisinjat minn Bro. Joe Bonett, fl-1983, bħala Rabat Depiro Youth Nursery, illum magħrufa bħala Rabat Ajax Football Nursery.

**Twaqqif:** 1975

**Mission Statement:**
Permezz tal-futbol, it-tfal jitilgħu ċittadini b'saħħithom għas-socjetà in ġenerali

**Kuluri uffiċjali:** Abjad/Iswed

**Età ta' tfal:**
Minn 5 snin sa 17-il sena

**Total ta' plejers subien u bniet:**
177

**Numru ta' plejers nisa:** Xejn.

**Tim tan-nisa fil-Kampjonat tal-MFA:**
LE

**Kemm il-darba jinżamm taħriġ għall-kategorija:**
U/17 3 sezzjonijiet fil-ġimgħa.
U/15 3 sezzjonijiet fil-ġimgħa.
U/13 3 sezzjonijiet fil-ġimgħa.
U/12 2 sezzjonijiet fil-ġimgħa.
U/9 2 sezzjonijiet fil-ġimgħa.
U/7 2 sezzjonijiet fil-ġimgħa.

**It-taħriġ jinżamm fuq:**
Turf artificjali.

**Kumitat Staġun 2010/2011:**
President: Charles Cassar
Viċi President Mario Grima
Segretarju: J.Carl Tabone
Teżorier: Louis Tanti.

**Numru ta' kowċis ikkwalifikati / liċenzjati:** 11

**Head Coach:**
Is-sur Joe Bugeja (licenzja MFA A)

**Licenzja mogħtija mill-M.F.A. lin-Nursery**
Liċenzja A

**Staġun 2009/2010:**
U/17 Kampjonati APS Bank
U/15 Kampjonati APS Bank
U/13 Gatorade Festivals.
U/11 Gatorade Festivals.

**Unuri Mirbuħa:**
U/17 minn Sezzjoni C għal B.
U/15 minn Sezzjon 15/B.

**Tournaments organizzati lokalment:**
F'Diċembru għall-U/9
Marzu għall-U/11
Mejju għall-U/13

**Parteċipazzjoni internazzjonali:**
Tournaments f'Wales, Bulgaria, Svezja u Sqallija

**Plejers li tħarrġu fin-Nursery u lagħbu mat-tim Nazzjonali Malti:**
Carmel Busutill u Silvio Vella.

**Attivitajiet matul il-btajjel tas-sajf:**
Skola sajf, taħriġ tfal U/11 'l isfel f'*football skills*.

**Proġetti fil-preżent:**
Tkomplija fit-tisbiħ tal-faċilitajiet tan-Nursery.

**Proġetti għall-futur:**
Relazzjoni sportiva ma' Leicestershind & Rutland Country football Association.

# Mtarfa FC Youth Nursery

**Indirizz:**
Mtarfa Football Club Youth Nursery Mtarfa.

**Website:** www.mtarfafc.tk

**Logo:**
Emblema li tirrappreżenta lil Mtarfa. Fl-isfond hemm it-torri li tant hu sinonimu ma' Mtarfa. Quddiem it-torri hemm disinn li jirrappreżenta l-għolja fejn tinsab din il-lokalità. Il-logo ġie ddisinjat, fl-2006, minn Joseph Gala wara li saret kompetizzjoni bejn ir-residenti u l-ħbieb tal-klabb.

**Twaqqif:**
1 ta' Settembru 2006.

**Mission Statement:**
In-nursery tiġbor żgħażagħ u tfal biex jirrikreaw ruħhom fi spirtu sportiv u li jtellgħu żgħażagħ b'saħħithom bogħod minn kull vizzju.

**Kuluri uffiċjali:** Isfar u aħdar.

**Età ta' tfal:**
Minn 5 snin sa 17 il-sena.

**Total ta' plejers subien u bniet:**
40

**Numru ta' plejers nisa:**
Xejn.

**Kemm-il darba jinżamm taħriġ għall-kategorija:**
U/15 2 sezzjonijiet fil-ġimgħa.
U/13 2 sezzjonijiet fil-ġimgħa.
U/11 2 sezzjonijiet fil-ġimgħa.
U/ 9 2 sezzjonijiet fil ġimgħa.
U /7 1 sezzjoni fil-ġimgħa..

**It-taħriġ jinżamm fi:**
Grawnd b'turf artfiċjali

**Kumitat Staġun 2009/2010:**
President: Sur Joseph Vassallo.
Viċi-President: Sur Anton Mifsud
Segretarju: Sur Ian Sansone
Teżorier: Sur Paul Mifsud
Membru: Sur Gilbert Cauchi.

**Numru ta' kowċis ikkwalifikati / liċenzjati:**
4

**Head Coach:**
Is-sur Joe Galea (UEFA C)

**Liċenzja mogħtija mill-M.F.A. lin-nursery**
Liċenzja Ċ

**Staġun 2009/2010:**
Kampjonat U/15 APS Bank
Gatorade Festivals U13 – U11.

**Attivitajiet matul il-btajjel tas-sajf:**
Tkun organizzata summer school għat-tfal bejn l-4 u t-13-il sena fejn jitkompla t-taħriġ tal-futbol kif ukoll l-inklużjoni ta' sports ieħor u *fun games*.

**Proġetti fil-preżent:**
Club house ġdida.

**Proġetti għall-futur:**
Ground sintetiku akbar minn dak li hemm fil preżent. Tisħiħ aktar tan-Nursery.






# Ħarsa lejn il-Kampjonat tal-Futsal Malti

Qegħdin nersqu lejn l-aħħar tal-kampjonat tal-Futsal għal dan l-istaġun u, bħal mistenni, il-kompetizzjoni bejn il-klabbs għall-ogħla pożizzjonijiet issa tibda tiħrax.

**L-Ewwel Diviżjoni**

Fl-Ewwel Diviżjoni, insibu taqtiegħa bejn erba' klabbs li issa jidhru li nqatgħu mill-kumplament tal-klassifika u li se jkunu huma l-isfidanti ewlenin għar-rebħ tal-kampjonat ta' din is-sena.

ZC Excess Futsal, iċ-champions renjanti, flimkien ma' Paola Downtowns, Naxxar Motors u River Plate Bidnija huma aċċertati minn post fil-playoffs li se jintlagħbu fil-jiem li ġejjin.

ZC Excess kienu konsistenti matul l-istaġun kollu fejn s'issa rebħu 15 minn 16-il logħba, però bħal mal-passat diġà wriena għal aktar minn darba, dan il-fatt ma jagħtix garanzija r-rebħa fil-final, li se tintlagħab fl-20 ta' Mejju.

**It-Tieni Diviżjoni**

Fit-Tieni Diviżjoni, insibu li il-klassifika diġà nqasmet bejn iċ-Championship Pool u r-Relegation Pool.

Jiġġieldu għall-promozzjoni u r-rebħ tal-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni nsibu lil Valletta St. Paul's u Southenders Bezzina filwaqt li fit-tarf l-ieħor tal-klassifika nsibu lil Capital Boys, Lazio Supporters Club u lil Korol Attrans li qegħdin fil-periklu li jiġu relegati.

**It-Tielet Diviżjoni**

Fit-Tielet Diviżjoni, it-tim ta' Hamrun Spartans diġà ġew dikjarati champions matematikament. Hamrun, bi plejers bħal Stefan Sultana, ħuh Konrad, u Gaetan Spiteri fost l-oħrajn, iddominaw din id-diviżjoni u kienu fi klassi għalihom.

Jiġġieldu għat-tieni post, u sussegwentement għall-promozzjoni wkoll, insibu grupp ta' erba' timijiet li kollha għadhom biċ-ċans li jiġu promossi. Qed nirreferi għal Luqa St. Andrew's, City Boys, Headhunters Futsal u Classics FC.

Fit-tarf l-ieħor jinsabu Pietà Futsal u Mellieħa li diġà huma matematikament relegati, filwaqt li AC Trampi, Red Marleys, New Team u Fugazi 5 għadhom kollha, sa ċertu punt, fil-periklu li jiġu relegati.

Interessanti l-fatt kif fit-Tielet Diviżjoni, fejn ma ntużatx is-sistema tal-*playoffs/playouts*, l-interess baqa' akkanit sal-aħħar.

**Ir-Raba' Diviżjoni**

Is-sitwazzjoni fir-Raba' Diviżjoni



hija kemmxejn differenti. Minħabba l-ammont kbir ta' timijiet li hemm jikkompetu f'din id-diviżjoni, kien hemm il-ħtieġa li dawn jinqasmu f'ħames sezzjonijiet differenti. L-aħjar seba' timijiet minn dawn il-ħames sezzjonijiet, se jilagħbu Promotion Pool bejniethom - taqtiegħa verament nteressanti bejn Demons FC , St. Helen Band Club, Balzan Youths FC , Pembroke Ath FC, Hibernians FC ,Taż-Żwejt Boys, u Charline Stars.

**Kors tal-Kowcis tal-Futsal**

Għadu kemm intemm b'suċċess it-tieni kors tal-kowċis tal-futsal organizzat mill-MFA.

Hekk kif qiegħed jiżdied l-interess ġenerali fil-logħba tal-futsal, qiegħed jiżdied ukoll l-interess minn individwi li jixtiequ jitgħallmu iżjed dwar dan l-isport. Fil-fatt, tul dawn l-aħħar ġimgħat ġie organizzat kors mill-kowċ nazzjonali, is-sur Vic Hermans, li għalih attendew 16-il parteċipant. Fit-tmiem tal-kors, is-sur Hermans qassam ċertifikati lill-parteċipanti kollha li temmew dan il-kors b'suċċess.

Il-parteċipanti għal dan il-kors kienu E. Gauci, K. Mizzi, M Camilleri, J. Farrugia, A. B. Spiteri, S Gauci, P. Rapa (Quddiem) M. Gaffiero, C. Casha, A. Florin, E. Schembri, P. Vella, L. Calleja, W.J. Dimech, C. Formosa u S. Micallef

**Logħob ta' ħbiberija kontra Belġju U/21**

Fl-10 u fit-12 ta' April, intlagħbu żewġ partiti ta' ħbiberija bejn it-tim nazzjonali Malti, u it-tim nazzjonali Belġjan ta' Taħt il- 21 sena. Dawn iż-żewġ logħbiet, li ntlagħbu fil-Kumpless Sportiv ta' Kordin, spiċċaw bir-riżultat ta' 8-1 favur il-Belġjani fl-ewwel logħba u fi draw ta' 2-2 fit-tieni logħba.

Il-kowċ nazzjonali, Vic Hermans, qal li dawn il-logħob gew organizzati sabiex huwa jkollu ċ-ċans li jintroduċi uċuħ ġodda fl-iskwadra nazzjonali. Meta tkellem dwar ir-riżultati, Vic Hermans qal li għandna bżonn ħafna minn dawn it-tip ta' logħob biex il-livell tal-plejers tagħna jkun jista' jitjieb. Huwa żied jgħid li t-tieni logħba kellha andament ħafna aħjar mill-ewwel waħda, proprju għaliex ġew analizzati żbalji li saru fl-ewwel logħba u għat-tieni logħba dehret id-differenza.

**FIFA Futsal Referee**

Franco Cachia, referi Malti tal-futsal, ġie promoss għat-tieni kategorija tal-lista tal-UEFA Futsal Referees.

Wara li, f'Novembru li għadda, kellu parteċipazzjoni pożittiva ħafna fil-Mediterranean Futsal Cup, fejn anke kien wieħed mir-referis li kkontrollaw il-finali, fi Frar li għadda, Franco Cachia reġa' kien attiv fil-logħob ta' kwalifikazzjoni tat-tieni rawnd tal-UEFA European Futsal Championship, 2012, li intlagħbu f'Rotterdam.

Din il-promozzjoni għal Franco Cachia tfisser li issa huwa jista' jikkontrolla logħob tar-rawnds prinċipali tal-kompetizzjonijiet UEFA jew FIFA.

## Klassifiki

**I DIVIŻJONI**

| | L | Pti |
|---|---|---|
| ZC Excess Futsal | 16 | 45 |
| Naxxar Motors | 17 | 40 |
| Paola Downtown FC | 16 | 39 |
| River Plate Bidnija FC | 17 | 32 |
| Pentagon Prop. FC | 17 | 24 |
| Luxol Amazon Cinco | 16 | 19 |
| White Eagles Sliema Daikin | 16 | 14 |
| Slimea Bilboa | 16 | 12 |
| Los Street Boyz | 16 | 10 |
| Scandals sportinmalta.com | 17 | 7 |

**II DIVIŻJONI**

**Championship Pool**

| | L | Pti |
|---|---|---|
| Valletta St. Paul's | 13 | 27 |
| Southenders Bezzina | 13 | 24 |
| Bianco's FC | 12 | 23 |
| Kerygma | 12 | 23 |
| Urban Sports | 13 | 19 |
| Tal-Werqa SG | 13 | 19 |

**Relegation Pool**

| | L | Pti |
|---|---|---|
| Todors FC | 13 | 20 |
| Riviera FC | 13 | 18 |
| Zurrieq FC Futsal | 12 | 15 |
| Korol Attrans | 12 | 13 |
| Lazio Supporters' Club | 13 | 12 |
| Capital Boys | 13 | 6 |

**III DIVIŻJONI**

| | L | Pti |
|---|---|---|
| Hamrun Spartans FC | 12 | 33 |
| Luqa St. Andrew's FC | 12 | 25 |
| City Boys | 12 | 22 |
| Head Hunters Futsal | 11 | 19 |
| Classic Futsal Club | 11 | 19 |
| Gladiators Futsal Club | 11 | 18 |
| Zurrieq Old Boys | 11 | 18 |
| Paola Stars Futsal Club | 12 | 17 |
| Fugazi 5 | 11 | 15 |
| New Team Futsal Club | 11 | 14 |
| Red Marleys | 11 | 12 |
| AC Trampi | 12 | 11 |
| Pietà Futsal | 11 | 5 |
| Mellieħa Bobs | 12 | 4 |

**IV DIVIŻJONI**

**Promotion Pool**

| | L | Pti |
|---|---|---|
| Demons FC | 0 | 0 |
| St. Helen Band Club | 0 | 0 |
| Balzan Y. FC | 0 | 0 |
| Pembroke A. | 0 | 0 |
| Hibernians FC | 0 | 0 |
| Taż-Żewjt Boys | 0 | 0 |
| Charline Stars | 0 | 0 |






# Tliet skemi sportivi ġodda

## L-iskema 20/20 estiża għas-settur privat, skema ta' għotjiet fuq xiri ta' apparat sportiv u terġa' tiftaħ l-iskema tar-roti

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt



Tliet skemi biex ikomplu jinċentivaw l-isport f'pajjiżna kienu mnedija mill-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment Tonio Fenech u mis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, f'konferenza tal-aħbarijiet li saret fil-Kulleġġ San Injazju, Skola tal-Ħandaq. Għal dawn l-iskemi hemm ivvotata s-somma ta' €450,000. Dawn it-tliet skemi li tħabbru fil-Baġit 2011 huma: l-iskema 20/20 għall-isportivi ħaddiema fis-settur privat; l-iskema ta' Għotjiet għal Xiri ta' Tagħmir Sportiv u l-iskema tar-Roti.

L-ewwel skema mnedija hija l-iskema 20/20 għall-isportivi ħaddiema fis-settur privat li permezz tagħha sportivi nazzjonali u promettenti jingħataw l-opportunità li jaħdmu 20 siegħa fil-ġimgħa u fl-20 siegħa l-oħra jitħarrġu fid-dixxiplina sportiva tagħhom. Din l-iskema diġà tinsab fis-seħħ għall-ħaddiema tas-settur pubbliku. Dan se jsir billi qed jinħoloq fond ta' €100,000 għall-ħaddiema sportivi li jagħżlu li jnaqqsu l-ġimgħa ta' xogħol tagħhom biex jitħarrġu fid-dixxiplina sportiva tagħhom. Dan il-fond jiżdied b'€50,000 kull meta jkun hemm il-logħob tal-GSSE, bħal din is-sena.

Skema oħra li ġiet imnedija hija l-iskema ta' Għotjiet għal Xiri ta' Tagħmir Sportiv fejn għaqdiet sportivi se jingħataw lura 15.25% fuq in-nefqa ta' apparat sportiv mixtri minn organizzazzjonijiet sportivi kollha rreġistrati mal-KMS. Dan il-fond din is-sena jammonta għal €250,000.

Tħabbret ukoll skema li permezz tagħha tingħata għotja ta' darba ta' 15.25% fuq xiri ta' roti. Din l-iskema kienet tħabbret bħala skema pilota fl-2008 u li minnha kienu bbenefikaw 1,920 persuna li bejniethom ħadu s-somma ta' aktar minn €73,000. Għall-din l-iskema hemm allokati €50,000.

Il-Ministru Fenech sostna li "l-isport jagħti kontribut importanti għas-saħħa tal-bniedem u huwa element essenzjali fil-kwalità tal-ħajja tagħna. Aktar minn hekk, prestazzjonijiet ta' livell ogħla eventwalment iwasslu biex jinkisbu riżultati aktar pożittivi għall-isportivi li jirrappreżentaw lil Malta f'kompetizzjonijiet internazzjonali uffiċjali rikonoxxuti, u jwasslu biex jelevaw il-profil ta' Malta fix-xena internazzjonali."

Dawn iservu wkoll biex titrawwem kultura aktar sportiva fost il-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin għaliex iħajru aktar persuni biex jibdew jipprattikaw dixxiplini sportivi li jkunu qed jiksbu suċċess.

Fid-diskors tiegħu l-Onor Puli sostna li din hija ħolqa oħra minn katina ta' għajnuniet li l-Gvern qiegħed jagħti sabiex isaħħaħ l-isport f'pajjiżna. Hu saħaq li l-Gvern qiegħed jinvesti fl-isport għaliex jemmen fis-saħħa tal-valur tiegħu għas-soċjetà bħala mezz ta' edukazzjoni u li jqajjem kuxjeza għal ċittadinanza attiva.

Hu fakkar li f'dawn is-sentejn l-għaqdiet sportivi sar għandhom xejn anqas minn 25 skema minn xiex igawdu flimkien ma' miljuni ta' ewro f'assistenza kull sena. Fl-2010 biss żied is-Segretarju Parlamentari, il-Gvern qassam madwar €5.5 miljun permezz tad-diversi skemi tiegħu. 14-il skema minnhom huma amministrati direttament mill-KMS fejn is-sena li għaddiet qassam €3.3 miljun.

# Imnedija Skema sportiva ġdida għall-Forzi Armati

Il-Forzi Armati ta' Malta u l-Kunsill Malti għall-Isport (KMS) iffirmaw ftehim li permezz tiegħu ġiet imnedija l-Iskema Sportiva għall-Forzi Armati. Il-ftehim dwar din l-iskema se jibqa' validu u effettiv għal ħames snin li jista' jiġġedded għal ħames snin oħra. Il-Forzi Armati se jwaqqfu taqsima biex tilqa' nies sportivi li jippromettu ħalli jitħarrġu f'dixxiplini sportivi fuq bażi professjonali. L-iskema se tħalli lill-Armata biex tkun kompetittiva f'avvenimenti tal-Kunsilli Internazzjonali dwar l-Isport fil-Militar (CISM).

L-AFM Sports Scheme, hija kisba għall-iżvilupp sportiv f'pajjiżna u għaldaqstant kisba għall-komunità sportiva u għall-Forzi Armati ta' Malta.

Dan kien id-diskors tal-Onor Clyde Puli, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport waqt it-tnedija ta' din l-iskema fil-Barracks tal-Armata f'Ħal Luqa.

Din l-iskema se tkun qed titħaddem fuq żewġ livelli ta' taħriġ. Fl-ewwel livell, is-suldat sportiv se jkun qed jitħarreġ 20 siegħa fil-ġimgħa fl-isport tiegħu u 20 siegħa fil-ġimgħa fil-ħidma tal-Armata. Fit-tieni livell is-suldat sportiv se jkun qed jitħarreġ fid-dixxiplina sportiva għal 40 siegħa sħaħ fil-ġimgħa. L-Armata se tkun qed tassenja fizzjal biex imexxi dan il-unit filwaqt li l-Kunsill Malti għall-Isport se jkun qed jamministra din l-iskema.

Clyde Puli spjega kif din l-iskema se tkun ta' benefiċċju kemm għall-Armata u kif ukoll għall-komunità sportiva. Għall-AFM din l-iskema se ddaħħal ħiliet ġodda u speċjalizzati fi ħdanha fejn anke jiżdiedu ċ-ċansijiet li l-AFM tikseb riżultati aħjar fil-kompetizzjonijiet internazzjonali tal-CISM, li huwa l-Kunsill Internazzjonali tal-Isport Militari. Filwaqt li għall-individwu din l-iskema se tkun tiggarantixxi l-ħin neċessarju biex l-atleta jiżviluppa l-ħiliet sportivi tiegħu u karriera fil-Forzi Armati meta jispiċċa l-karriera sportiva.

Hu spjega kif din l-iskema tingħaqad ma' skemi oħrajn li jgħinu b'mod dirett l-isport elite fosthom l-iskema 20/20 sports training leave, l-isports competition leave. L-assistenza sħiħa lill-isport Malti tlaħħaq l-ammont ta' €5.5 miljun. Puli fakkar li l-missjoni tal-Gvern tibqa' dik li tixxettel il-kultura sportiva u tingħata għajnuna lill-isport. Fi tmiem id-diskors tiegħu, is-Segretarju Parlamentari rringrazzja lill-Armata għall-ħidma tagħha għas-sigurtà ta' pajjiżna u għall-impenn tagħha fl-iżvilupp tal-isport Malti.

Il-ftehim ġie iffirmat bejn iċ-Chairman tal-Kunsill Malti għall-Isport, Bernard Vassallo u l-Brigadier tal-Forzi Armati ta' Malta, Martin G. Xuereb.







kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt



# L-Isla jiddominaw ir-Regatta ta' Jum il-Ħelsien

Ir-regatta tradizzjonali, tal-31 ta' Marzu li għal darb'oħra kienet organizzata mill-Kunsill Malti għall-Isport, intrebħet mill-klabb tal-Isla. Il-qaddiefa ta' dan il-klabb iddominaw l-edizzjoni ta' din is-sena meta inexxielhom jirbħu kemm il-Kategorija 'Open' kif ukoll dik 'B' fejn fiż-żewġ kategoriji huma kisbu total ta' 76 punt.

Din is-sena deher biċ-ċar li l-Isla kienu fi klassi għalihom u l-vantaġġ li kien hemm fil-klassifika finali jikkonferma l-abbiltà fost il-qaddiefa ta' isem li kienu parti mis-suċċess Senglean. Il-qaddiefa tal-Isla kienu Rhys Fiteni, Lawrence Ciantar, Clayton Darmanin, Donald Gilford, Christian Aquilina, Gilmour Zammit, John Martin Mifsud u Dennis Thorton.

Bormla spiċċaw fit-tieni post wara l-Isla, b'40 punt, filwaqt li fit-tielet post fil-klassifika ġenerali spiċċaw id-distrett tal-Kalkara, b'36 punt. Marsa temmew fir-raba' post b'14-il punt filwaqt li l-Birgu rebħu biss sitt punti. Il-klabbs ta' Marsamxett u Birżebbuġia ma rebħux punti.

Wara tmiem l-aħħar tellieqa, l-Isla ċċelebraw dan is-suċċess mistħoqq u ċ-chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport, Bernard Vassallo, ippreżenta x-shield taż-żewġ kategoriji lir-rebbieħa.





















## KATEGORIJA OPEN

**Dgħajjes A tal-Midalji**
1. Isla (5:10)
2. Bormla
3. Marsa

**Frejgatini**
1. Kalkara (7:30)
2. Isla
3. Bormla

**Dgħajjes Ċ tal-Pass b'Żewġ Imqadef**
1. Kalkara (6:05)
2. Isla
3. Birgu

**Kajjikki**
1. Isla (6:47)
2. Bormla
3. Kalkara

**Dgħajjes B tal-Pass b'Erba' Imqadef**
1. Isla (5:34)
2. Bormla
3. Marsa

**KLASSIFIKA**
1. Isla 76 punt
2. Bormla 40
3. Kalkara 36
4. Marsa 14
5. Birgu 6

## KATEGORIJA B

**Dgħajjes tal-Pass b'Żewġ Imqadef**
1. Isla (7:10)
2. Birżebbuġa
3. Marsamxett

**Kajjikki**
1. Marsamxett (7:16)
2. Bormla
3. Birżebbuġa

**Dgħajjes A tal-Pass tal-Midalji**
1. Isla (5:15)
2. Marsamxett
3. Bormla

**Frejgatini**
1. Isla (7:42)
2. Marsamxett
3. Bormla

**Dgħajjes B tal-Pass b'Erba' Imqadef**
1. Isla (6:51)
2. Birgu
3. Marsamxett

**KLASSIFIKA**
1. Isla 76 punt
2. Marsamxett 46
3. Bormla 18
4. Birżebbuġa
5. Birgu 16



# Aktar attivitajiet u kompetizzjonijiet mill-KMS Sport Promotion Unit

F'Marzu li għadda, il-KMS Sport Promotion Unit reġa' organizza b'suċċess l-Inter-School Tournament tal-handball bl-għajnuna tal-Malta Handball Association (MHA). B'kollox kien hemm il-parteċipazzjoni ta' 12-il skola sekondarja f'kategoriji differenti. Dawn it-tip ta' tornej qed ikunu ferm popolari fost l-istudenti u qed ikomplu jgħinu fil-proċess ta' żvilupp tat-tfal tagħna waqt li tkun imħeġġa aktar parteċipazzjoni mit-tfal u ż-żgħażagħ f'sport differenti.

L-iskejjel kollha li ħadu sehem f'dawn it-tornej kienu mogħtija blalen apposta tal-handball biex iħajru aktar studenti jipprattikaw dan l-isport li qed jikber fil-popolarità tiegħu f'pajjiżna. Il-logħob kollu sar fis-Sala tal-kumpless sportiv f'Tal-Qroqq fejn jintlagħbu l-kampjonati nazzjonali ta' dan l-isport.

L-ewwel tornew intlagħab l-Erbgħa, 2 ta' Marzu, u kien miftuħ għas-subien li jinsabu fl-ewwel u t-tieni sena tal-iskejjel sekondarji. Hawnhekk ir-rebbieħa kienu San Tumas More BSS (Ġuże D'Amato). L-iskejjel l-oħra li pparteċipaw f'dan it-tornew kienu San Benedittu BSS (Kirkop), San Tumas More BSS (ex Paola BJL), San Ġorg Preca BSS (Marsa) u l-Kulleġġ ta' Santa Chiara BSS (Sliema).

L-Erbgħa, 23 ta' Marzu, intlagħab it-tornew għall-istudenti ta' età ikbar u li jattendu t-tielet, ir-raba' u l-ħames sena tal-iskejjel sekondarji f'Malta. L-iskola ta' San Ignazju rebħet dan it-tornew filwaqt li kien hemm il-parteċipazzjoni ta' sitt skejjel oħra. Dawn kienu San Ġorġ Preca BSS (Ħamrun), San Tumas More BSS (Ġuże D'Amato), San Benedittu BSS (Kirkop), San Ġorg Preca BSS (Marsa), San Tumas More BSS (ex Paola BJL) u l-Kulleġġ ta' Santa Chiara BSS (Gżira).

Il-KMS u l-MHA ħasbu biex jorganizzaw tornej tal-bniet u għalkemm dawn ma kienux popolari daqs dawk tas-subien xorta waħda wieħed seta' jinnota parteċipazzjoni sabiħa ta' tfajliet li qed juru interess u impenn f'dan l-isport.

L-ewwel tornew kien organizzat l-Erbgħa, 9 ta' Marzu, għall-istudenti fl-ewwel u t-tieni sena tal-iskejjel sekondarja. L-iskola rebbieħa f'din il-kategorija kienet dik ta' San Tumas More GSS (Zejtun) li għelbu l-isfida ta' tliet skejjel oħra li kienu San Ġorg Preca GSS (Maria Assumpta), San Benedittu GSS (Sta. Luċia) yellows u San Benedittu GSS (Sta. Luċia) greens.

## FESTIVAL TAL-ĠINNASTIKA

Lejn l-aħħar ta' Marzu, il-KMS Sport Promotion Unit, ħa ħsieb li jorganizza festival tal-ġinnastika għat-tfal li jattendu skejjel tal-Primarja u Sekondarja. Fil-fatt dan il-festival kien mifrux fuq jumejn. Nhar it-Tlieta, 22 ta' Marzu, sar il-festival għall-iskejjel tal-Primarja waqt li l-festival għall-iskejjel








sekondarji sar jumejn wara, il-Ħamis, 24 ta' Marzu.

B'kollox ipparteċipaw 17-il skola fejn ħadu sehem f'avvenimenti differenti li nkludew ġinnastika ritmika u artistika għas-subien u l-bniet. L-iskop ta' dan il-festival hu li jikkumplimenta s-sessjonijiet li diġà qed isiru f'din id-dixxiplina għall-istudenti li jattendu t-tielet sena tal-iskola primarja. Dan il-festival sar avveniment annwali fil-kalendarju tal-KMS Sport Promotion Unit.

Lejn l-aħħar ta' Marzu, kien organizzat l-aħħar tornew tal-bniet u għall-istudenti tal-istess kategorija preċedenti, iġifieri bniet li qed jattendu l-ewwel u t-tieni sena tal-iskola sekondarja. Din id-darba l-iskola ta' San Benedittu GSS (Sta. Luċia) Blues rebħet l-isfida finali għall-ispejjeż ta' San Ġorġ Preca GSS (Maria Assumpta), San Benedittu GSS (Tarxien) u San Benedittu GSS (Sta. Luċia) Greens.



# Ħidma kontinwa mill-KMS Sport Promotion Unit

## FIERA TAL-ISPORT

Matul ix-xahar ta' Marzu, il-Kunsill Lokali taż-Żejtun, b'kollaborazzjoni mal-iskola Primarja tal-istess lokalità u l-KMS Sport Promotion Unit, organizza fiera tal-Isport mqassma fuq tliet ijiem. F'din il-fiera, iż-żgħażagħ ta' din il-kommunità marru Ta' Qali fejn ipprovaw il-high ropes, għamlu skate boarding kif ukoll martial arts, apparti logħob ieħor divertenti. L-iskola ipparteċipat bis-sħiħ għal din l-inizjattiva u, nhar il-21 ta' Marzu, fi Ġnien iż-Żgħożija kien hemm attività kontinwa ta' sports. Fost oħrajn, kien hemm logħob bħal volleyball, basketball u futbol li komplew joħolqu entużjażmu kbir fost it-tfal preżenti.

## PROMOZZJONI GĦAL-LOGĦOB TRADIZZJONALI MALTI

Il-KMS Sport Promotion Unit flimkien mal-Kulleġġ Santa Margerita Skola Primarja Żabbar 'B' organizza jumejn ta' attivitajiet fejn ippromova l-logħob tradizzjonali Malti. Dawn saru, fit-22 u 29 ta' Marzu. Għal din l-attività, l-għalliema ppreparaw l-istudenti fuq affarijiet tradizzjonali Maltin fosthom il-kultura Maltija, l-ikel Malti kif ukoll fuq logħob varjat li għandna bħala parti mit-tradizzjonijiet tagħna. Il-logħob li ntlagħab jinkludu ix-xixu, il-lastiku, il-passju, il-qattus u l-ġurdien u dawra durella fost oħrajn.
Kien hemm ukoll attività fiżika għal ġenituri fejn kull min kien preżenti kellu l-opportunitaà jipparteċipa. Il-ġenituri stqarrew li din l-attività kienet ukoll ta' informazzjoni għalihom stess għax għalkemm huma kbar xorta kien hemm ċertu logħob li ma kienux jafu kif jintlagħab bħal per eżempju ix-xixu.

## TAG RUGBY U TOUCH RUGBY FL-ISKEJJEL PRIMARJI U SEKONDARJI

Nhar il-Ħamis, 7 ta' April, il-KMS Sport Promotion Unit organizza Touch Rugby Festival għat-tfal tas-sekondarja. B'kollox kien hemm il-parteċipazzjoni ta' tmien skejjel u wieħed seta' jinnota b'sodisfazzjon il-livell għoli ta' logħob li kien hemm minn ċertu skejjel li ħadu sehem.

L-għada, 8 ta' April, ġie organizzat festival ta' tag rugby għat-tfal tal-primarja. Aktar minn 300 tifel u tifla ħadu sehem f'din l-attività. Fi tmiem ta' dan il-festival sportiv, Bormla kien it-tim rebbieħ wara li għelbu l-isfida qawwija mit-tim ta' Ħal Għaxaq. Dan l-avveniment sar bl-għajnuna ta' numru sabiħ ta' voluntiera minn diversi klabbs lokali.

## FESTIVAL TA' ŻFIN

L-Erbgħa, 13, ta' April, fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera, l-KMS Sport Promotion Unit flimkien mal-Malta Dancesport Association, id-direttorat tas-servizzi edukattivi u s-segretarjat għall-iskejjel tal-knisja organizzaw dance festival għall-iskejjel primarji u sekondarji tal-istat u tal-knisja. B'kollox kien hemm 25 żifna u l-parteċipazzjoni ta' 300 żeffien li jikkonferma kemm din l-attività kienet waħda ta' suċċess u nizlet tajjeb ħafna fost it-tfal. Interessanti l-fatt li kien hemm tliet workshops taż-zumba, żfin stil Latin Amerikan, hip hop u jazz fejn l-għalliema speċjalizzati fiż-żfin mexxew sessjonijiet ta' taħriġ għal dawk kollha preżenti.






# Il-programm Girls on the Move jiġi estiż għal aktar tfajliet

F'Pembroke, il-Kunsill Malti għall-iSport qed joffri attivitajiet sportivi mingħajr ħlas għal bniet u tfajliet ta' bejn it-8 u s-16-il-sena bħala parti mill-programm Girls on the Move. Il-programm ikun ta' sessjoni waħda fil-ġimgħa, kull nhar ta' Ġimgħa bejn il-5.30 p.m. u 7.30 p.m. u jsir fil-Kulleġġ Santa Chiara, fl-iskola Sekondarja tal-bniet (magħrufa wkoll bħala Sir Adrian Dingli).

Il-parteċipanti jistgħu jieħdu parti fi tliet dixxiplini differenti li huma l-atletika, basketball u volleyball. Dawn id-dixxiplini jinbidlu kull 40 minuta. Minn studju li sar juri li tfajliet li jieħdu parti fl-isport imorru ħafna aħjar fl-iskola għaliex l-eżerċizzju jgħinhom jikkonċentraw aktar u anke jtejbu l-memorja tagħhom. Fl-istess waqt li tilgħab l-isport jgħin ukoll biex ikollok kunfidenza akbar fik innifsek u jitnaqqas iċ-ċans li jkollok attitudni negattiva. Li tipparteċipa fl-isport huwa mezz ukoll biex tiżviluppa l-kompetenza fiżika u tikkontrolla l-abilitajiet fiżiċi. L-objjettivi tal-programm Girls on the Move huma li jiġu mħeġġa u jinħolqu opportunitajiet għal tfajliet u nisa li jsiru jew jibqgħu attivi fiżikament matul ħajjithom.

L-ewwel sessjonijiet u li huma mingħajr ħlas ta' Girls on the Move bdew nhar il-Ġimgħa, 15 ta' April. Min jixtieq jieħu parti l-applikazzjonijiet għadhom miftuħa. Għal aktar informazzjoni dwar dan il-programm wieħed jista' jagħmel kuntatt mal-Kunsill Malta għall-iSport fuq it-telefon 21660658/9 jew bl-e-mail: programmes@sportsmalta.org.mt.

Wieħed jista' jniżżel il-formola tal-applikazzjoni jew japplika online mill-website tal-KMS: www.sportsmalta.org.mt

minn Marco Farrugia
President tal-Federazzjoni Maltija Ħamiem tal-Ġiri

# Suċċess kbir fit-tiġrija minn Bari







Kienet tiġrija ta' qtiegħ il-qalb!! Biżżejjed wieħed isemmi d-distanza ta' 630 kilometru fejn il-ħamiem isib l-ostakli li toffri n-natura matul il-vjaġġ tiegħu lura lejn pajjiżna.

Nhar, l-Erbgħa, 13 ta' April, il-ħamiem inġabar biex jintbagħat Bari, fin-nofs in-nhar tal-Italja. L-istess ħamiem kellu jintelaq, nhar is-Sibt, 16 ta' April. Iżda minħabba maltemp qawwi matul dik il-ġurnata kif ukoll f'dik sussegwenti, il-ħamiem inżamm fil-post sakemm it-temp kellu jkun tajjeb biżżejjed biex ikun jista' jinfetaħ u jirritorna lura lejn id-dar.

Il-ġurnata ideali kienet dik ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' April. Il-ħamiem dam ħamest ijiem magħluq fil-"Pannier" li jintbagħat fih, fejn kien indokrat, misqi u mitmugħ.

Kmieni, nhar it-Tnejn, fis-7.00 a.m., il-ħamiem intelaq u beda ġej lura għat-3.15 p.m. - tmien sigħat fuq il-ġewnaħ wara ħamest ijiem magħluq, b'veloċità ta' 77 kilometru fis-siegħa. X'qalb u x'kuraġġ liema bħalu għandu dan l-"atleta tal-ajru"!!

Minħabba l-fatt li kien dawl ta' qamar kwinta, saħansitra ġie rreġistrat ħamiem li daħal fis-1.30 a.m. matul il-lejl ta' bejn it-Tnejn u t-Tlieta. X'fenomenu!!

Id-dilettant jagħmel bosta sagrifiċċji u sigħat twal fuq il-bejt jipprepara u jinnota kull mument u kull moviment li jagħmel il-ħamiem biex jibagħtu fl-aqwa forma possibbli għal dawn id-distanzi twal. Għaldaqstant is-sodisfazzjon ikun wieħed massimu meta dan il-ħamiem jirritorna lura d-dar.

Nistqarr li qed nikteb dan l-artiklu b'emozzjoni kbira. Wara 30 sena ntellaq il-ħamiem, għadni qisni tifel żgħir - li kif narah ġej lura nimtela b'eċċitament u ferħ kbir. Nista' ngħid li trabbejt u se mmut bil-ħamiem tal-ġiri!!

X'ġabra u x'ġibda wieħed irabbi lejn dan l-isport u lejn il-ħolqien tan-natura!! Dan il-ħamiem kull ma jonqsu huwa li jitkellem!!

Prosit kbira tmur għar-rebbieħa ta' din it-tiġrija hekk twila fud id-distanza ta' 630 kilometru.

**The Federation of Racing Pigeons**
sponsored by Citadel Insurance

motor • home • travel • marine • business • life

Citadel Insurance p.l.c • Casa Borgo • 26 Market Street • Floriana FRN 1082 • Tel: 25579000 • E-mail: info@citadelplc.com
Branches: Gżira • Ħaż-Żebbuġ • Naxxar • Paola • Tied Insurance Intermediaries: Malta • Gozo
Citadel Insurance p.l.c. is a company authorised to carry on general and long term business of insurance and is regulated by the MFSA.

Citadel insurance



# Magħrufa l-erba' timijiet għall-play-offs

**Wara li ntlagħab l-ewwel rawnd tal-Kampjonat tax-Xitwa saru magħrufa l-erba' timijiet li jridu jilagħbu fil-play-offs għar-rebħ tat-titlu. Il-leaders Sirens se jiltaqgħu kontra San Ġiljan, li spiċċaw fir-raba' post filwaqt li Neptunes (fit-tieni post) jaffrontaw lil Sliema li spiċċaw fit-tielet post.**

**Ir-riżultati mir-raba' ġurnata huma:**

**Ir-Raba' Ġurnata**
**Neptunes Emirates ............................ 10**
**Exiles jet Services................................ 10**
(4-3, 3-2, 3-3, 0-2)
Neptunes: 6 N. Lanzon, 2 M. Pisani, 1 J. Camilleri, 1 S. Gravina
Exiles: 4 J. Rizzo Naudi, 2 K. Grixti, 1 K. Rizzo Naudi, 1 D. Pace Lupi, 1 J. Paris, 1 T. Sullivan,
Referis: M. Dalli, A. Farrugia

**Marsaskala Solid Base ........................ 7**
**Sliema McDonalds............................. 15**
(1-7, 1-2, 3-5, 2-1)
Marsakala: 3 C. Spiteri de Barro, 2 J. Licari, 1 D. Caruana, 1 O. Zammit
Sliema: 4 J. Soler, 2 D. Paolella, 2 M. Rizzo, 2 J. Spiteri Staines, 1 N. Lubrano, 1 M. Cordina, 1 N. Portelli, 1 M. Spiteri Staines
Referis: P. Balzan, P. Giordano

**ASA U/17.................................................. 5**
**San Giljan Firetech ............................ 11**
(1-2, 1-4, 3-3, 0-2)
Referis: M. Angileri, R. Spiteri

**Il-Ħames Ġurnata**
**Sirens Ritter Sports ............................ 12**
**Neptunes Emirates............................. 15**
(0-4, 3-2, 4-4, 5-5)
Sirens: 5 A. Attard , 3 C. Mercieca, 2 C. Zammit, 1 P. Borg, 1 D. Zammit
Neptunes: 6 N. Lanzon, 4 J. Camilleri, 2 E. Aquilina, 1 M. Stellini, 1 S. Gravina, 1 M. Pisani
Referis: A. De Raffaele, R. Spiteri

**San Giljan Firetech .............................. 9**
**Exiles Jet Services................................ 8**
(1-1, 2-4, 5-0, 1-3)
San Giljan: 2 K. Galea, 2 M. Borg Spiteri, 2 K. Dowling, 2 C. Gialanze, 1 A. Galea
Exiles: 3 T. Sullivan, 1 J. Rizzo Naudi, 1 D. Pace Lupi, 1 J. Paris, 1 K. Grixti, 1 S. Vassallo
Referis: R. Spiteri, A. Farrugia

**Sliema McDonalds............................. 13**
**ASA U/17................................................ 7**
(5-2, 4-1, 3-1, 1-3)
Referis: S. Licari, P. Giordano

**Is-Sitt Ġurnata**
**Sliema McDonalds............................. 16**
**San Giljan Fiertech ............................ 10**
(5-1, 4-2, 3-5, 4-2)
Sliema: 5 J. Soler, 3 M. Rizzo, 2 M. Spiteri Staines, 2 N. Lubrano, 2 C. Debono, 1 P. Privitera, 1 D. Paolella
San Giljan: 4 P. Fava, 3 M. Borg Spiteri, 1 JC Cutajar, 1 K. Galea, 1 A Bianchi
Referis: M. Dalli, A. De Raffaele

**Exiles Jet Services.................................. 6**
**Sirens Ritter Sports............................ 12**
(1-3, 1-3, 1-1, 3-5)
Exiles: 2 D. Pace Lupi, 2 K. Grixti, 1 J. Rizzo Naudi, 1 T. Sullivan
Sirens: 4 C. Mercieca, 3 P. Borg, 2 D. Zammit, 1 R. Mock, 1 D. Cutajar. 1 C. Zammit
Referis: M. Angileri, S. Licari

**Neptunes Emirates............................. 18**
**Marsakala Solid Base .......................... 6**
(6-0, 4-2, 4-1, 4-3)
Neptunes: 6 N. Lanzon, 4 J. Camilleri, 2 E. Aquilina, 2 M. Stellini, 2 B. Buhagiar, 1 T. Agius, 1 G. Pace
Marsakala: 3 C. Spiteri De Barro, 1 J. Licari, 1 R. Scerri, 1 D. Cassar
Referis: M. Dalli, P. Giordano

**Is-Seba' Ġurnata**
**ASA U/17.................................................. 5**
**Neptunes Emirates............................. 23**
(0-6, 2-8, 0-5, 3-5)
Referis: M. Angileri, R. Spiteri

**Exiles Jet Services.............................. 10**
**Sliema McDonalds............................. 10**
(3-3, 3-2, 1-2, 3-3)
Exiles: 3 J. Paris, 2 D. Pace Lupi, 2 M. Calleja, 1 J. Rizzo Naudi, 1 T. Sullivan, 1 K. Lanzon
Sliema: 4 J. Soler, 4 C. Debono, 1 J. Gabrretta, 1 N. Lubrano
Referis: M. Dalli, M. Angileri

**Sirens Ritter Sports............................ 15**
**Marsakala Solid Base ......................... 13**
(4-4, 3-1, 5-4, 3-4)
Sirens: 4 C. Zammit, 3 J. Borg, 3 D. Cutajar, 2 C. Mercieca, 1 P. Borg, 1 M. Grech, 1 D. Zammit
Marsakala: 3 J. Licari, 3 R. Scerri, 2 C. Spiteri de Barro, 2 D. Cassar, 2 O. Zammit, 1 K. Navarro
Referis. A. De Raffaele, P. Giordano

**Klassifika**

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sirens Ritter Sports | 5 | 4 | 0 | 1 | 53 | 45 | 12 |
| Neptunes Emirates | 5 | 3 | 2 | 0 | 62 | 43 | 10 |
| Sliema McDonalds | 5 | 2 | 2 | 1 | 55 | 42 | 8 |
| San Giljan Firetech | 5 | 2 | 0 | 3 | 48 | 45 | 6 |
| Exiles Jet Services | 5 | 1 | 2 | 2 | 56 | 47 | 5 |
| Marsakala Solid Base | 5 | 0 | 0 | 5 | 35 | 87 | 0 |

# Tour ta' Malta 2011
# Jirbaħ Andrew Griffiths

## Jack Schiavone t-tielet fil-Masters


Ir-rebbieħ overall Andrew Griffiths (fin-nofs) flimkien ma' Matthew Higgins (xellug) u Gregory Bianchi


Jack Schiavone fuq il-podju (lemin) wara li spiċċa fit-tielet post fil-Masters


Ir-rebbieħa tal-kategorija tan-Nisa Anna Harkowska (fin-nofs) flimkien ma' Michael Gorini (xellug) u Iona Sewell

Iċ-ċiklist żagħżugħ Malti imwieled l-Ingilterra, Andrew Griffiths (Greens CC), rebaħ is-17-il edizzjoni tat-Tour ta' Malta 2011.

Fl-aħħar tappa tat-Tour, Griffiths beda mir-raba' pożizzjoni - time trial individwali ta' 12-il kilometru fil-By-Pass ta' Ħaż-Żebbuġ - 31 sekondi wara l-overall leader, il-Brittaniku Matthew Higgins (Virgin Active UK). Huwa għalhekk ried jegħleb lil Higgins bi 32 sekonda biex jaqleb ir-riżultat favur tiegħu.

Griffiths u Higgins kienu l-aħħar żewġ ċiklisti li telqu fit-time trial. It-tnejn li huma dehru għaddejjin b'veloċità sinjifikanti, imma finalment kien Griffiths li rreġistra l-aktar ħin veloċi meta għamel it-12-il kilometru f'16-il minuta u 24 sekonda, biex kien eżattament 32 sekonda aktar veloċi minn Higgins li rreġistra ħin ta' 16-il minuta u 56 sekonda.

Griffiths b'hekk kiseb ħin totali fuq l-erba' tapep ta' 4 sigħat 52 minuta u 55 sekonda, waqt li l-ħin totali ta' Higgins kien ta' 4 sigħat 52 minuta u 56 sekonda. Bla dubju, tmiem mill-aktar inkredibbli!

Roy Chamberlain (Virgin Active UK), li kien rebaħ it-Tour fl-2005, spiċċa t-tielet fit-time trial b'ħin ta' 17-il minuta u 28 sekonda.

**Harkowska tirbaħ il-kategorija tan-nisa**

Anna Harkowska (CSM Team) żammet l-ewwel post fil-kategorija femminili meta ddominat it-time trial u rebħet f'ħin ta' 19-il minuta u 23 sekonda. It-Taljana Michela Gorini (Fausto Coppi Team) kellha tikkuntenta bit-tieni post f'ħin ta' 19-il minuta u 36 sekonda, waqt li Iona Sewell (Squadra Donne UK) – ir-rebbieħa tat-Tour is-sena li għaddiet – spiċċat it-tielet fi 19-il minuta u 51 sekonda.

Harkowska naturalment spiċċat ir-rebbieħa overall tat-Tour fil-kategorija femminili.

**Schiavone t-tielet fil-Masters**

Jack Schiavone (Qormi Scott CC) għal darb'oħra kkonferma l-qawwa tiegħu fit-time trials meta kiseb post fuq il-podju fil-kategorija tal-Masters.

Schiavone rreġistra ħin ta' 18-il minuta u 40 sekonda biex spiċċa t-tielet f'din il-kategorija, fejn reġa' ddomina t-Taljan Salvatore Casi (ASD Omina Ragusa) li kiseb ħin ta' 17-il minuta u 23 sekonda, waqt li l-Brittaniku Kevin Byers (Fiestein Team UK) spiċċa t-tieni f'ħin ta' 18-il minuta u 17-il sekonda.

*Ritratti: Rene Rossignaud*



Sezzjoni tal-parteċipanti tal-kors tal-coaching

# Korsijiet
## għal referis prospettivi u kowċis f'Għawdex

Il-Gozo Football Association, b'kollaborazzjoni sħiħa min-naħa tad-Dipartiment tar-Referis u taċ-Ċentru Tekniku tal-Malta Football Association, fil-jiem li għaddew organizzat tliet korsijiet f'Għawdex.

L-ewwel kors kien dak riservat għal referis prospettivi fejn numru sostanzjali ta' 11 attendew b'ċertu entużjażmu, kif ukoll temmew il-kors b'suċċess. Dan jawgura tajjeb biex in-numru ta' referis Għawdxin ikompli jiżdied.

It-tieni kors kien dak mmirat għal kowċis li jġib il-kwalifika ta' CYF. Hawnhekk, tant kien hemm konkorrenza qawwija ta' 50 applikant, bil-grupp ikollu jinqasam fi tnejn. Ta' min jirrimarka li l-Gozo F.A. ssussidjat parti sostanzjali minn dan il-kors għax temmen bi sħiħ li nvestiment f'dan is-settur huwa fundamentali għat-titjib tal-logħba fil-gżira Għawdxija.

It-tielet kors kien dak tal-UEFA C Diploma tal-*coaching*. Dan kien mifrux fuq sitt partijiet bil-parteċipanti kollha kienu jippossjiedu ċ-ċertifikat tas-CYF.

L-ewwel erba' *modules* inżammu fil-Gozo Stadium u fil-Kwartieri Ġenerali tal-GFA (prattika u teorija), bil-ħames waħda tkun ta' sitt sezzjonijiet ta' taħriġ fin-Nursery rispettiva, u l-aħħar *module* kien l-eżami.

Anke dan il-kors kellu parti qawwija ssussidjata min-naħa tal-GFA. Dawn il-korsijiet saru wkoll minħabba l-fatt li mill-istaġun li ġej, min ma jkollux xi liċenzja mhux se jkun jista' jitħalla joqgħod fil-parti ristretta tal-pitches fejn isir il-logħob organizzat mill-Gozo F.A. u l-Gozo Youth F.A.

Dawn il-korsijiet tal-*coaching* tmexxew minn membri taċ-Ċentru Tekniku tal-MFA fosthom Stephen Grima, John Buttigieg, Carmel Busuttil, Joe Mallia, Josef Mansueto, Mark Buttigieg, Charlie Sciberras, Dr. David Attard u Christopher Fenech.

Personalitajiet oħra bħal Fr. Hilary Tagliaferro (chairman tal-Youth FA Maltija), Robert Gatt (Direttur taċ-Ċentru Tekniku tal-MFA), Bjorn Vassallo (CEO tal-MFA) u Alvin Grech (President tal-GFA) indirizzaw lill-parteċipanti.

Dawn il-korsijiet kienu kkordinati minn Tony Grech (Segretarju tal-Gozo Youth FA).



Sezzjoni oħra tal-parteċipanti tal-kors tal-coaching



minn Joe Bajada



## Tazza Jum il-Ħelsien



# Sannat Lions għas-sitt darba

Sannat Lions irnexxielhom iżommu d-dominanza tagħhom f'din il-kompetizzjoni meta rebħu t-Tazza Jum il-Ħelsien għas-sitt darba fl-istorja tagħhom.

B'hekk wara nuqqas ta' 13-il sena, huma reġgħu ħadu t-Tazza lejn il-każin tagħhom. Kienet wirja tajba fit-tieni taqsima kontra SK Victoria Wanderers li ppremjat lis-Sannatin b'dan is-suċċess fejn ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 3-1. Il-Lions kienu wkoll sfortunati li f'żewġ okkażjonijiet kienu mċaħħda mil-lasti opposti.

SK Victoria Wanderers, min-naħa tagħhom kellhom bidu tajjeb fejn kienu aħjar mill-avversarji fl-ewwel taqsima minkejja li kellhom jiġru wara r-riżultat.

Kienu l-Lions li żblukkaw ir-riżultat, fid-9 minuta, meta minn kross mix-xellug ta' Mark Formosa, JOHN CAMILLERI għola tajjeb bir-ras biex għeleb lill-gowlkiper Franklin Vella.

Il-Wanderers wettqu reazzjoni mmedjata iżda fallew iċ-ċansijiet li ħolqu. Sannat wieġbu, fl-40 minuta, meta kienu sfortunati bi freekick ta' Elton Vella mal-mimduda. Imbagħad żewġ minuti wara, il-Wanderers għamlu l-iskor indaqs meta minn kross mix-xellug ta' A. Adesina, I. Adesina kellu l-konklużjoni mblokkata biex mir-ribawnd JOSEPH REFALO kompla għal ġewwa b'xutt fil-baxx.

Għat-tieni taqsima, Sannat organizzati aħjar u gowl kmieni ggalvanizza l-prestazzjoni tagħhom. Fit-tieni minuta, azzjoni tajba ta' Mark Muscat li kkrosja fil-baxx mil-lemin fejn JOHN CAMILLERI kiseb id-doppjetta personali mill-viċin.

Hawnhekk, Sannat ma ħarsux lura fejn tliet minuti wara reġgħu kienu sfortunati meta ġew imċaħħda mill-mimduda li żammet id-daqqa ta' ras ta' Eric Nwankwo wara kross ta' Elton Vella.

Mal-kwarta logħob Franklin Vella ntefa' f'saqajn John Camilleri biex evita periklu serju. Sannat, imbagħad reġgħu marru ferm viċin, fis-36 minuta, meta John Camilleri bidel ballun ma' ħuh Chris fejn kellu żewġ tentattivi konsekuttivi kklerjati minn fuq il-linja fatali minn David Monday bil-gowlkiper Vella megħlub.

Minuta wara, l-istess John Camilleri mar viċin it-tripplетta personali iżda kellu żewġ attentati oħra mblokkati. Fit-42 minuta, Sannat serrħu rashom minn dan l-unur meta pass fit-tul ta' Chris Camilleri kien kklerjat qasir biex approfitta ERIC NWANKWO li llobja f'lasti vojta. Minuta mit-tmien, xutt tal-istess Nwankwo spiċċa ftit barra.

Wara l-final, Vincent Grech, President tal-Kumitat Festi Popolari u Nazzjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex flimkien ma' Alvin Grech u Joe Bajada, President u Segretarju Ġenerali tal-GFA, ippreżentaw it-Tazza Jum il-Ħelsien lil Mark Muscat u midalji lill-plejers ta' Sannat Lions fost iċ-ċelebrazzjonijiet tal-partitarji tagħhom.



Il-preżentazzjoni tat-Tazza Jum il-Ħelsien lit-tim ta' Sannat Lions







It-tim ta' Depiro wara s-suċċess tan-Knock-Out fuq Hibernians

# Il-Kampjonati jidħlu f'fażi mill-aktar interessanti

Wara li ġie deċiż li l-kredenzjali tal-plejer mill-Maċedonja, Petar Apcev ta' Bupa Luxol, kienu fl-ordni u seta' jibqa jilgħab, tkompla l-loghob b'mod aktar regolari fil-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni tal-Irġiel.

Fit-Tieni Diviżjon tal-Irġiel, il-kompetizzjoni tan-Knock-Out ġiet mirbuħa, għall-ewwel darba, minn Starlites Ker Grill fl-ewwel finali tagħhom f'din il-kompetizzjoni. Fi triqithom għall-finali, Siggiewi għelbu lil Bell Net SN Suns u Miscela D'Oro Mtarfa waqt li Starlites rebħu kontra Athleta u Floriana Eurobasket Peugeot. Kienet logħba ta' skor baxx ferm fejn Starlites rażżnu għal ħafna ħin lill-avversarji li ma kellhomx risposta.

Fil-kategorija tan-Nisa intrebaħ ir-raba' unur meta McDonalds Depiro rebħu l-BOV Knock-Out.
Biex waslu sal-finali, rebħu lil Alyssa Ashley Loyola u Luxol, waqt li l-finalisti telliefa, Hibs Medsea, għelbu lil Guzelpinar Mtarfa u Athleta. Depiro ddominaw il-finali, ta' skor baxx min-naħa ta' Hibs li ma għarfux iwieġbu għall-immarkar strett tal-plejers ta' Depiro.

## Kampjonat Nazzjonali I Diviżjoni Irġiel

**It-Tieni Rawnd**
**A to Z Electronics Athleta ........................61**
**Siggiewi Derby ...........................................68**
(20-13, 18-14, 13-13,10-28)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro, C. Terribile

**Tata Motors Loyola ..................................73**
**Bupa Luxol...................................................74**
(wara l-ħin barrani)
(17-17, 14-14, 13-21, 22-14) – (7-8)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro, C. Terribile

**Tata Motors Loyola ..................................48**
**A to Z Electronics Athleta........................80**
(5-28, 18-11, 8-25, 17-16)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, E. Mangani

**Depiro Mtarfa ............................................78**
**Bupa Luxol...................................................61**
(19-20, 18-12, 14-14, 27-15)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro, C. Terribile

Klassifika

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A to Z | 10 | 9 | 1 | 789 | 488 | 19 |
| Siggiewi Derby | 9 | 6 | 3 | 612 | 570 | 15 |
| Bupa Luxol | 10 | 4 | 6 | 576 | 588 | 13 |
| Depiro Mtarfa | 9 | 3 | 6 | 556 | 572 | 12 |
| Tata Motors Loy. | 9 | 1 | 8 | 515 | 662 | 10 |

## BOV Knock-Out – I Diviżjoni

Semi finali
**Tata Motors Loyola ..................................77**
**Siggiewi Derby ...........................................89**
(20-23, 12-21, 18-25, 27-20)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro, C. Terribile

## Tazza Louis Borg Irgiel

Rawnd Preliminari
**A to Z Electronics Athleta........................90**
**Bupa Luxol...................................................49**
(22-11, 20-12, 34-4, 14-22)
Referis: B. Vassallo, A. Carbonaro, C. Terribile

## Kampjonat II Diviżjoni Irġiel

**Starlites Ker Grill......................................75**
**Mellieha Tritones .......................................67**
(23-16, 19-27, 25-6, 8-18)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

**Athleta .........................................................40**
**Vida Siggiewi ...............................................45**
(11-12, 13-7, 10-9, 6-17)
Referis: A. Carbonaro, L. Camiller

**Bell Net SN Suns .........................................64**
**Miscela D'Oro Mtarfa..................................49**
(16-12, 13-11, 17-16, 18-10)
Referis: A. Carbonaro, C. Terribile

**Vida Siggiewi ...............................................45**
**Floriana Eurobasket Peugeot...................70**
(9-15, 5-14, 16-21, 15-20)
Referis: G. Barbara, C. Terricile

**Mellieha Tritones .......................................68**
**Bell Net SN Suns .........................................71**
(15-13, 20-18, 10-20, 23-20)
Referis: Alfred Carbonaro, Clive Terribile

**Miscela D'Oro Mtarfa..................................43**
**Athleta .........................................................54**
(10-13, 10-11, 13-14, 10-16)
Referis: Gordon Barbara, Emanuel Mangani

**Bell Net SN Suns .........................................68**
**Starlites Ker Grill........................................53**

(9-18, 22-13, 17-15, 20-7)
Referis: G. Barbara, E. Mangani

**Floriana Eurobasket Peugeot**.................61
**Miscela D'Oro Mtarfa**.............................43
(15-14, 13-7, 20-11, 13-11)
Referis: A. Carbonaro, C. Terribile

**Athleta** ..........................................................70
**Mellieha Tritones** ....................................45
(14-9, 17-9, 14-14, 25-13)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

**Klassifika**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Floriana Eurobasket P. | 11 | 10 | 1 | 746 | 536 | 21 |
| Vida Siggiewi | 11 | 7 | 4 | 664 | 631 | 18 |
| Athleta | 11 | 7 | 4 | 565 | 521 | 18 |
| Starlites Ker Grill | 11 | 6 | 5 | 613 | 612 | 17 |
| Mellieha Tritones | 11 | 5 | 6 | 704 | 703 | 16 |
| Bell Net SN Suns | 12 | 4 | 8 | 694 | 756 | 16 |
| Miscela D'Oro Mtf. | 11 | 0 | 11 | 489 | 716 | 11 |

## BOV Knock-Out – II Diviżjoni Irġiel

**Semi Finali**
**Floriana Eurobasket Peugeot** ................52
**Starlites Ker Grill**......................................63
(17-15, 14-12, 14-13, 7-23)
Referees: E. Mangani, C. Terribile

**Vida Siggiewi** ............................................47
**Miscela D'Oro Mtarfa**..............................39
Siggiewi: 23 Lee Grech, 7 John Paul Antoncic, 7 Clayton Agius, 6 Glenn Gauci Grech,
Referees: JP Sammut, A. Carbonaro

**Final**
**Starlites Ker Grill**......................................34
**Vida Siggiewi** .............................................31
(8-6, 7-11, 9-8, 10-6)
Referis: Gordon Barbara, Luke Camilleri

**Rebbieħa**
1987 Hamrun Liberty
1988 Rabat Depiro
1989 Floriana
1990 Hamrun Liberty
1991 University
1992 Pembroke
1993 Floriana
1994 Mosta
1995 Hibernians
1996 Mellieha
1997 mal-I Div.
1998 mal-I Div.
1999 St. Georges
2000 St. Georges
2003 Floriana
2004 Depiro
2005 Qormi
2006 Qormi Kia
2007 Mosta
2008 Valletta
2004 Depiro
2009 Bell Net SN Suns
2010 Hamidiye Siggiewi
2011 Starlites Ker Grill

## Kampjonat Nazzjonali Nisa

**It-Tieni Rawnd**
**Athleta** ..........................................................30
**McDonalds Depiro**...................................60
(8-15, 10-11, 3-22, 9-12)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Starlites Sports Experience**.....................52
**St. Andrews** ...............................................39
(13-15, 8-9, 12-6, 19-9)
Referis: C. Terribile, L. Camilleri

**Guzelpinar Mtarfa**....................................17
**Hibs Medsea** ...............................................90
(3-27, 2-26, 4-23, 8-14)
Referis: E. Mangani, R. Darmanin

**Luxol**.............................................................86
**Alyssa Ashley Loyola** ..............................38
(20-11, 23-10, 11-10, 32-7)
Referis: G. Barbara, J. Mangani

**Klassifika**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| McDonalds Depiro | 14 | 13 | 1 | 965 | 548 | 27 |
| Luxol | 14 | 12 | 2 | 911 | 533 | 26 |
| Hibs Medsea | 14 | 11 | 3 | 896 | 447 | 25 |
| Alyssa Ashley Loy. | 14 | 7 | 7 | 597 | 742 | 21 |
| Athleta | 13 | 6 | 7 | 578 | 587 | 19 |
| Starlites Spts Exp. | 14 | 3 | 11 | 483 | 811 | 17 |
| St. Andrews | 14 | 3 | 11 | 522 | 779 | 17 |
| Guzelpinar Mtarfa | 13 | 0 | 13 | 411 | 825 | 13 |

## Championship Pool

**Luxol**.............................................................55
**Hibs Medsea**...............................................45
(10-16, 19-8, 14-9, 12-12)
Referis: E. Mangani, L. Camilleri

**McDonalds Depiro**...................................35
**Luxol**.............................................................59
(9-10, 9-16, 9-17, 8-16)
Referis: A. Carbonaro, C. Terribile

**Hibs Medsea** ...............................................43
**McDonalds Depiro**...................................30
(5-14, 11-4, 12-7, 15-5)
Referis: A. Carbonaro, C. Terribile

**Klassifika**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Luxol | 16 | 14 | 2 | 1025 | 613 | 30 |
| Hibs Medsea | 16 | 12 | 4 | 984 | 532 | 27 |
| McDonalds Dep. | 16 | 13 | 3 | 1030 | 650 | 27 |

## BOV Knock-Out tan-Nisa

**Semi Finali**
**Luxol**.............................................................57
**McDonalds Depiro**...................................62
(16-11, 16-19, 3-21, 22-11)
Referis: E. Mangani, JP Sammut

**Athleta** ..........................................................32
**Hibs Medsea** ...............................................46
(2-19, 12-9, 7-14, 11-4)
Referis: A. Carbonaro, C. Terribile

**Final**
**McDonalds Depiro**...................................48
**Hibs Medsea** ..............................................32
(6-7, 8-6, 20-9, 14-10)
Referis: A. Carbonaro, L. Camilleri

**Rebbieħa**
1977 Polytechnic Fiat
1978 Cadettes Haig
1979 New University Fiat
1980 New University Fiat
1981 New University Fiat
1982 Athleta Fisher
1983 Luxol Murisan
1984 Fiat La Salle
1985 Luxol Murisan
1986 Luxol Imco
1987 Luxol Plasmon
1988 Siggiewi
1989 Luxol Mita
1990 Siggiewi Mid-Med
1991 Luxol Plasmon
1992 Paola Stars Selekta
1993 Paola Stars Selekta
1994 Hibernians Selekta
1995 Pembroke Assitalia
1996 B'kara MFS
1997 Pembroke Assitalia
1998 Hibernians
1999 Naxxar Danone
2000 Hibernians
2001 Hibs GoMobile
2002 Hibs Go Mobile
2003 Hibs Go Mobile
2004 Hibs Go Mobile
2005 Hibs Go Mobile
2006 Hibs Medsea
2007 Hibs Medsea
2008 Depiro
2009 Hibs Medsea
2010 Hibs Medsea
2011 McDonalds Depiro



Depiro vs Bupa




*Il-ġerrejja flimkien ma' uffiċjali tal-MRC qabel il-finali tat-Tazza l-Kbira*

# Kakikis jirbaħ it-Tazza l-Kbira

## Xahar mill-isbaħ għat-tiġrijiet taż-żwiemel

April kien xahar mill-isbaħ għat-tiġrijiet taż-żwiemel. Fost oħrajn, kien hemm organizzazzjoni perfetta mill-Malta Racing Club tat-tappa ta' Malta tal-Mediterranean Horse Racing Union (MHRU) kif ukoll tal-finali tal-Emirates Tazza l-Kbira.

Il-Final tal-Emirates Tazza l-Kbira kienet okkażjoni spettakolari b'attivitajiet għall-familja kollha. Hawnhekk, ġiri qawwi fl-aħħar 900 metru wassal lil Kakisis, misjuq minn Johann Axisa, għal rebħa quddiem Lonshults Anders u Lou Petiot.

Fil-kompetizzjoni tal-MHRU tat-trott, Julian Farrugia kellu tiġrija kbira biex wassal lil Magnifique Sablais għal rebħa biex għeleb sewwieqa minn pajjiżi ferm ikbar għalkemm fil-galopp, Eric Zammit, ma kellux l-istess xorti.

Mejju wkoll huwa mimli appuntamenti eċċitanti.

Fl-1 ta' Mejju, se ssir il-final tal-Assikura Cup, miftuħa għaż-żwiemel tat-trott li mhumiex Franċiżi jew Svediżi. Tkun maqsuma f'żewġ finali, waħda għall-ogħla Klassijiet u l oħra għall Klassijiet l oħrajn fejn il-finalisti huma diġà magħżula.

F'nofs Mejju, isiru l-heats tal-Kampjonat tal-Franċiżi tas-sajf, bis-semi-finali jinżammu lejn l-aħħar tax-xahar. Dan huwa kampjonat importanti minħabba li ż-żwiemel Franċiżi huma ferm numerużi u jinkludu diversi żwiemel ta' klassi kbira. Ikun hemm trofew għal kull Klassi, bl-aktar wieħed prestiġġjuż ikun il-Prix de Vincennes għal żwiemel tal-Klassi Premier.

Żwiemel oħra tal-aqwa Klassi jipparteċipaw fil-heats għat-Tazza Sette Giugno. Hawnhekk jiġru żwiemel imwielda f'pajjiżi differenti, biex bejn din it-Tazza u l-Kampjonat tal-Franċiżi naraw fl-azzjoni l-biċċa l-kbira tal-aqwa żwiemel f'Malta.

Però, l-attivatijiet fil-korsa mhumiex ristretti biss għat-trott. F'Mejju jkollna l-heats tal-Mediterranean Derby għall-aqwa żwiemel tal-galopp. Din it-Tazza mill-isbaħ bi storja ta' aktar minn 120 sena, hija l-ġojjell tad-dilettanti tal-galopp u nistennew taqtiegħa qawwija bejn il-parteċipanti.

Il-varjetà u Kampjonati prestġġjużi jikkaratterizzaw it-tiġrijiet taż-żwiemel matul ix-xahar ta' Mejju u l-attrazzjonijiet fil korsa mhumiex biss għad-dilettanti iżda wkoll għall-familji tagħhom. Nisperaw li narawkom hemm …




*Iż-żiemel rebbieħ Kakisis*



*Silta tat-tiġrija tat-Tazza l-Kbira*




*It-Tazza l-Kbira*

Fly Emirates to Dubai.

Discover the place where possibilities go beyond imagination. Book now at emirates.com/mt
Fly Emirates. Keep discovering.

emirates.com/mt

Emirates

Air Transport World 2011 Airline of the Year. For more information contact your local travel agent or Emirates on 2557 7255. Enrol at skywards.com to enjoy a world of rewards and privileges with Skywards. Emirates' frequent flyer programme.

# RIŻULTATI, SEWWIEQA U ĦINIJIET

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 25 ta' Marzu 2011

**RACE 1 - (2140m) Class Bronze**
**Montekristo Estates Bronze Race**
1 Upptillbevis (Julian Farrugia)
2 Hickory Crown (Mario Fenech)
3 Judoka du Rib (Joe Farrugia)
4 Past Dream (Charlie Magro)

**RACE 2 - (2140m) Class Silver**
**Polidano Group Silver Race**
1 Jens (Alex Magro)
2 Obscur de Busset (Shaun Portelli)
3 Oural d'Asnois (Patrick Spiteri)
4 Oneguer (Francis Cassar)

**RACE 3 - (2140m) Class Silver**
**Polidano Group Silver Race**
1 Master Lupin (Rodney Gatt)
2 Mezio Josselyn (Victor Fenech)
3 Kandy du Fruitier (Noel Baldacchino)
4 Flying As (Jonathan Farrugia)

**RACE 4 - (2140m) Class Copper**
**Poligas Ltd Copper Race**
1 Flyingbird Twitter (Charles Camilleri)
2 Xenia Mic (Aaron Charles Zahra)
3 Hulegardens Filur (Noel Baldacchino)
4 Ninio Perrine (Antoine Grech)

**RACE 5 - (2140m) Class Gold**
**Caqnu Beer Gold Race**
1 Indian Attack (Rodney Gatt)
2 Nustang de Chenu (Kevin Sciberras)
3 Chilly Beast (Herman McKay)
4 Newton du Pic (Francis Cassar)

**RACE 6 - (2140m) Class Silver**
**Polidano Group Silver Race**
1 Newman (Kevin Sciberras)
2 Stainless Steel (Charles Camilleri)
3 Maitre de Bannes (Dario Fenech)
4 It's My Way (Brian Hili)

**RACE 7 - (2140m) Class Premier**
**Empire Cinema Premier Race**
1 Livi Cantona (Julian Farrugia)
2 Bill Boing (Carmelo Farrugia)
3 Key Value (Mark Tanti)
4 Kamis de l'Eveche (Salvu Vella)

**RACE 8 - (2140m) Class Silver**
**Polidano Group Silver Race**
1 Bete Saknussen (Claudio Refalo)
2 Number One Of Max (Noel Baldacchino)
3 Kaki de Peyrahout (Tony Demanuele)
4 Running Asterix (Julian Farrugia)

**RACE 9 - (2140m) Class Premier**
**Empire Cinema Premier Race**
1 Master Perrine (Herman McKay)
2 Belafonte (Charlo Debono)
3 Mica Bonero (Brian Hili)
4 Milord Barbes (Michael Ellul)

**RACE 10 - (2140m) Class Silver**
**Polidano Group Silver Race**
1 Big Hit (Charlo Debono)
2 Lotus du Goth (Andrew Spiteri)
3 Marlow As (Kevin Sciberras)
4 Zerbin (Sam Cassar)

**RACE 11 - (2140m) Class Silver**
**Polidano Group Silver Race**
1 Noble Spirit (Noel Baldacchino)
2 Magnifique Sablais (Julian Farrugia)
3 Charlie Smitt (Michael Ellul)
4 Lys des Etroits (Brian Hili)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 27 ta' Marzu 2011

**RACE 1 - (2140m) Class Copper**
**Poligas Ltd Copper Race**
1 Miami du Coq (Michael Ghigo)
2 Juaben (Shaun Portelli)
3 Lucky Sam de Court (Noel Baldacchino)
4 Staro Braveheart (Brian Zammit)

**RACE 2 - (2140m) Class Copper**
**Poligas Ltd Copper Race**
1 Marquis du Domaine (Rodney Gatt)
2 Loulou Noir (Carl Caruana)
3 Reslovs Stranden (Joe Muscat)
4 Kenor Celeste (Raymond Clifton)

**RACE 3 - (2140m) Class Bronze**
**Montekristo Estates Bronze Race**
1 Judon du Cap Vert (Noel Baldacchino)
2 Opimus (Rodney Gatt)
3 Jet (Shaun Portelli)
4 Noli de Marray (Patrick Spiteri)

**RACE 4 - (2140m) Class Copper**
**Poligas Ltd Copper Race**
1 Mirall Composite (France Tanti)
2 Marathon d'Isques (Herman McKay)
3 Insa (Francis Cassar)
4 Great Line (Tony Demanuele)

**RACE 5 - (2140m) Class Gold**
**Caqnu Beer Gold Race**
1 Energy Launcher (Alex Cortis)
2 Notice As (Darren Mizzi)
3 Novak (Tony Demanuele)
4 Loulou des Vallees (Mark Mifsud)

**RACE 6 - (2140m) Class Bronze**
**Montekristo Estates Bronze Race**
1 Rybo Juvel (Julian Farrugia)
2 Lorenz de Noyelles (Rodney Gatt)
3 Cross Country F.C. (Marco Debono)
4 Nico d'Orme (Rueben Azzopardi)

**RACE 7 - (2640m) Class Open**
**Emirates Tazza l-Kbira Semi Final 1**
1 Kakisis (Johann Axisa)
2 Neo de Mira (Noel Baldacchino)
3 Lonshults Anders (Shaun Portelli)
4 Madis Boy (Rodney Gatt)

**RACE 8 - (2140m) Class Bronze**
**Montekristo Estates Copper Race**
1 Olympic Swing (Rodney Gatt)
2 Nimeno (Shaun Formosa)
3 Lucky Charm (Jeffrey Said)
4 Martini As (Darren Mizzi)

**RACE 9 - (2640m) Class Open**
**Emirates Tazza l-Kbira Semi Final 2**
1 Major Chaleonnais (Charlo Debono)
2 Lou Petiot (Michael Axisa)
3 Isolated (Noel Baldacchino)
4 Marathon Villers (Mario Fenech)

**RACE 10 - (2140m) Class Gold**
**Caqnu Beer Gold Race**
1 Carnegie Hall (Darren Mizzi)
2 L'An Deux Milles (Christopher Cassar)
3 Milano du Gite (Tony Tanti)
4 Kojak d'Isques (Andrew Psaila)

**RACE 11 - (2140m) Class Bronze**
**Montekristo Estates Bronze Race**
1 Lancaster (Noel Baldacchino)
2 Hawkear (Rodney Gatt)
3 Leader Changerie (Charles Camilleri)
4 Mirage d'Ete (Cliferty Calleja)

## Tiġrijiet tal-Ħamis, 31 ta' Marzu 2011

**RACE 1 - (1640m) Class Copper**
**Montekristo Estates Copper Race**
1 Pondus Sund (Rodney Gatt)
2 Serina Girl (Cliferty Calleja)
3 Loup de Sevres (Julian Farrugia)
4 Ninio Perrine (Antoine Grech)

**RACE 2 - (1640m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Urido Limburgia (Salvu Bartolo)
2 Running Asterix (Julian Farrugia)
3 Master Lupin (Rodney Gatt)
4 Lys des Etroits (Joe Debattista)

**RACE 3 - (1640m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Oneguer (Darren Mizzi)
2 Magnum (Carmelo Farrugia)
3 Jean Perrine (Christopher Cassar)
4 Brokkur T.Y.C. (Peter Farrugia)

**RACE 4 - (2140m) Class Silver**
**Mediterranean Horse Union Driver's C'Ship**
1 Magnifique Sablais (Julian Farrugia)
2 Zerbin (Antonio Esposito)
3 Money Boy (Ajda Dolinsek)
4 Oscardo du Val (Kiselev Lev)

**RACE 5 - (1640m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Bankir Zon (Clint Vassallo)
2 Victory Toll (Julian Farrugia)
3 Front (Nathaniel Barbara)
4 Marlow As (Kevin Sciberras)



Mayfair Princess - race 3



Major Chaleonnais - race 9

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 3 ta' April 2011

**RACE 1 - (1640m) Class Copper**
**Montekristo Estates Copper Race**
1 Marquis du Domaine (Rodney Gatt)
2 Marathon d'Isques (Herman McKay)
3 Great Line (Tony Demanuele)
4 Pistolero Sport (Jeffrey Said)

**RACE 2 - (1640m) Class Bronze**
**Empire Cinema Bronze Race**
1 Lancaster (Noel Baldacchino)
2 Divinis (Charlie Magro)
3 Mattahari (Herman McKay)
4 Ballad Ribb (Tony Demanuele)

**RACE 3 - (1640m) Class Bronze**
**Empire Cinema Bronze Race**
1 Super Swede (Kevin Sciberras)
2 Internet (Raymond Clifton)
3 Keifer Trot (Mario Farrugia, Niger)
4 Sweep The Floor (Carmelo Farrugia)

**RACE 4 - (1640m) Class Copper**
**Montekristo Estates Copper Race**
1 Loulou Noir (Carl Caruana)
2 Camelot As (Mario Falzon)
3 Kenor Celeste (Raymond Clifton)
4 Mailbag (David Ellul)

**RACE 5 - (1640m) Class Premier**
**Caqnu Beer Premier Race**
1 Livi Cantona (Julian Farrugia)
2 Carnegie Hall (Darren Mizzi)
3 Bill Boing (Carmelo Farrugia)
4 Lucas Ness (Mario Farrugia, Niger)

**RACE 6 - (1640m) Class Bronze**
**Empire Cinema Bronze Race**
1 Luriga Liz (Brian Pulis)
2 Dandy (Robert Polidano)
3 Above Roland (George Attard)
4 Jeo de Touvois (Chris Vassallo)

**RACE 7 - (1640m) Class Premier**
**Caqnu Beer Premier Race**
1 Belafonte (Charlo Debono)
2 Mark de Chamant (Michael Seychell)
3 Ringside (Paul Bonello)
4 Master Perrine (Herman McKay)

**RACE 8 - (1640m) Class Gold**
**Polidano Group Gold Race**
1 Biggles Coquet (Mario Farrugia, Niger)
2 Nuage Somolli (Alex Cortis)
3 Jobie Lucky (Carl Caruana)
4 Big Hit (Charlo Debono)

Fly Emirates to Cyprus.
Discover ancient architecture and unforgettable dining with Emirates. Book now at emirates.com/mt
Fly Emirates. Keep discovering.
emirates.com/mt
Emirates
Air Transport World 2011 Airline of the Year. For more information contact your local travel agent or Emirates on 2557 7255. Enrol at skywards.com to enjoy a world of rewards and privileges with Skywards. Emirates' frequent flyer programme.

# Simon Zammit u Joe Grech Champions Ewropej tal-Masters

Malta 1, magħmul mil-plejers veterani Simon Zammit u Joe Grech, irnexxielhom jirbħu l-Kampjonat Ewropej tal-Masters ('il fuq minn 40 sena) meta fil-final għelbu lit-tim Ingliż bl-iskor ta' 7-5.

It-tim Ingliż kien magħmul minn David Brown, il-plejer numru 2 fil-lista tar-rankings Ingliża tal-Masters u Phil Hartley il-plejer numru 7.

F'dan il-Kampjonat ħadu sehem 12-il tim biss minn 10 pajjiżi Ewropej li jfisser erba' timijiet anqas milli ħadu sehem is-sena li għaddiet. Iċ-champions f'dawn l-aħħar erba' snin nfila, Phil Williams u Darren Morgan minn Wales, ma ħadux sehem.

Fil-kwarti-finali, Malta għelbet lil Malta 2, magħmul minn Ivan Rizzo u Tony Mifsud, bl-iskor ta' 7-3 filwaqt li fis-semi-finali għelbu lill-Finlandja bl-iskor ta' 7-0.

Joe Grech irnexxielu wkoll jagħmel l-akbar break f'dan il-kampjonat li kien dak ta' 79 punt. Simon Zammit għamel ukoll żewġ breaks tajba, dawk ta' 69 u 51.

Din kienet l-ewwel darba li Malta rebħet dan il-Kampjonat. Is-sena l-oħra, Ivan Rizzo u Tony Mifsud, irnexxielhon jaslu sal-final filwaqt li tliet snin ilu l-istess Tony Misud, flimkien ma' Frans Mintoff, kienu wkoll il-finalisti telliefa.



Joe Grech u Simon Zammit ma' uffiċjali

Kampjonat Ewropew tan-Nisa - Timijiet

# Il-Ġermanja tegħleb lir-Russja 5-2 fil-final, Malta fl-aħħar post

Il-Ġermanja għelbu lir-Russja bl-iskor ta' 5-2 fil-final tal-Kampjonat Ewropew tan-Nisa. Malta spiċċat fl-aħħar post b'rebħa waħda u seba' telfiet.

It-tim Malti kien magħmul minn Roberta Cutajar, li rnexxielha tirbaħ 11-il frame, u Svetlana Ciantar li ma rebħet l-ebda frame.

Skantajt kif f'Malta, li ma jsir l-ebda Kampjonat Lokali għan-nisa, stajna nippreżentaw tim biex jikkompeti fil-Kampjonat Ewropew! Għalkemm Roberta Cutajar tidher li għandha livell aċċettabbli ilha nieqsa mil-logħba għal diversi snin, filwaqt li Svetlana Ciantar ħadd ma kien jafha u ilha tilgħab l-isnooker għal dawn l-aħħar xahrejn biss!

Jien naħseb li dan t-tim ġie msejjaħ ta' malajr peress li mill-pajjiżi Ewropej kollha, kienu biss erba' timijiet li ġew biex jilagħbu f'dan il-Kampjonat Ewropej.



It-tim Ġermaniż flimkien ma' uffiċjali

Kampjonat Ewropew tat-Timijiet - Irġiel

# Wales Champions - 2011, kien mistenni ferm aktar mit-timijiet Maltin

Wales irnexxielhom jirbħu l-Kampjonat Ewropew tat-Timijiet tal-Irġiel għat-tielet darba meta fil-final irreġistraw rebħa kbira ta' 10-2 fuq it-tim nazzjonali tal-Polonja. Din kienet l-ewwel darba li l-Polonja irnexxielhom jaslu sal-final.

Nistgħu ngħidu li l-Maltin ħarġu ferm diżappuntati meta Malta 1, magħmul minn Tony Drago, Duncan Bezzina u Alex Borg, sfaw eliminati fis-semi-finali bl-iskor ta' 7-10 minn Wales.

It-Tim ta' Malta 2, magħmul minn Clayton Castaldi, Mario Brincat u Frans Mintoff, ġew eliminati fil-kwarti-finali mill-istess Wales 6-10. Malta 3, magħmul minn Mark Saffett, Stephen Mangion u Mario Cutajar, inqalgħu mill-Irlanda fir-rawnd tal-aħħar 16 meta tilfu bi skor kbir ta' 1-10, filwaqt li Malta 4, magħmul minn Philip Ciantar, Richard Lewis u Andrè Pace, ukoll ġew eliminati fl-aħħar 16 mill-Ġermanja bi skor kbir ukoll ta' 1-10.

Tony Drago irnexxielu jagħmel l-akbar 'break' tal-Kampjonat, dak ta' 119, flimkien ma' breaks oħra ta' 107, 100, 75 u 74. Alex Borg ukoll għamel breaks tajba, dawk ta' 112, 100 u 83 filwaqt li Mario Cutajar għamel break ta' 75.

F'dan il-Kampjonat ħadu sehem 21 tim minn 16-il pajjiż Ewropej.



Wales jirbħu l-Men European Championship

minn Vincent Pisani



Kampjonat Ewropew tal-Isnooker - U/21



Kacper Filipiak

# Kacper Filipiac
# Champion 2011

*Il-plejers Maltin jitjiebu b'5% u l-barranin b'50%*



Il-venue fejn sar il-logħob

Kacper Filipiac sar l-ewwel żagħżugħ mill-Ewropa tal-lvant li rebaħ il-Kampjonat Ewropew tal-Isnooker għal Żagħżagħ Taħt il-21 sena.

B'dan ir-rebħ tal-Kampjonat, mis-sena d-dieħla huwa se jkollu post mas-96 plejer professjonali fil-World Snooker Association.

Għalkemm l-ebda plejer Malti ma spiċċa fl-aħħar post fil-Fażi tal-Gruppi, bħal ma ġara s-sena l-oħra, żgur li din is-sena reġgħet kienet sena oħra diżappuntanti għaż-żgħażagħ Maltin.

Ir-raġunijiet huma diversi. Għal-kemm fl-aħħar 12-il xahar rajna titjib minn ċertu plejers, bħal Aaron Busuttil, Christopher Peplow, Wayne Pace, Luke Borg u Gary Carr, indunajna li l-progress li għamlu ħafna plejers mill-Ewropa tal-lvant kien enormi.

Iż-żgħażagħ Maltin jagħmlu ħafna sagrifċċji biex ilaħħqu mal-ispejjeż li jridu biex jagħmlu t-taħriġ u jekk ma jkollniex (u din ili ngħida għal diversi snin) Ċentru Akkademiku biex jitħarrġu dawn iż-żgħażagħ, se nibqgħu naqgħu lura.

Fl-aħħar laqgħa ġenerali, jien tlabt biex l-U/21 u l-U/16 jintlagħab fuq erba' rawnds biex dawn ikollhom aċċess għal aktar logħob iżda din it-talba sfortunatament ma ġietx milqugħa. Apparti minn dan kollu, hemm bżonn li ndaħħlu l-psikoloġija sportiva.

Din is-sena l-affarijiet saru aktar diffiċli meta, għal xi raġuni l-MBSA iddeċidiet li l-plejers Maltin jidħlu fil-lukanda dakinhar stess li kellhom il-logħob!

Tajba din! Il-logħob isir ġo pajjiżna u l-plejers barranin jaslu qabilna fil-lukanda! Jien niftakar meta l-plejers Maltin konna nibagħtuhom mill-anqas jumejn qabel u ġieli anke tlitt ijiem qabel għal tournament internazzjonali biex dawn jidraw l-ambjent u anke jkollhom mhux biss aktar aċċess għat-taħriġ imma jkollhom aktar ħin liberu fejn jirrilassaw.

Imbagħad, biex ikomplu jaxxquha ... qalulhom li kif jiġu eliminati jintbagħtu d-dar!

L-anqas biss setgħu joqogħdu hemm sal-final! X'ma naqgħux lura! U dan biex ma ngħidux ukoll li l-plejers ġew msejħa li se jilagħbu fil-Kampjonat Ewropew madwar ġimagħtejn biss qabel beda l-Kampjonat!

Nixtieq nara li dawn l-affarijiet nirrealizzawhom u ma nerġgħux nagħmlu l-istess żbalji ... u dan għal ġid tal-plejers Maltin u tal-logħba.

Mill-bqija kont sodisfatt ħafna li rajt disa' żgħażagħ Maltin jieħdu din l-opportunità tant sabiħa li jipparteċipaw f'kampjonati internazzjonali.

F'dan il-Kampjonat, bla dubju, nistgħu ngħidu li Aaron Busuttil kellu l-aħjar prestazzjoni meta rebaħ il-logħbiet kollha fil-grupp tiegħu. Stennejt li kien se javvanza ħafna fl-istadju tan-Knock-Out u kienet żvintura li tilef l-ewwel logħba tiegħu ma Ruberg Schachar tal-Iżrael 1-4.

Sfortunatament ukoll kellna tliet plejers li għal xi ġranet waqt il-Kampjonat kienu ma jifilħux bħal Wayne Pace, Thurston Grixti u Luke Borg.

Fil-Kampjonat ħadu sehem 64 plejer minn diversi pajjiżi Ewropej li tqassmu fi tmien gruppi ta' tmien plejers kull grupp.

Chris Peplow u Thurston Grixti spiċċaw fil-ħames post tal-grupp tagħhom, Garry Carr, Matthew Calleja u Luke Borg spiċċaw fis-sitt post filwaqt li Wayne Pace, Shaun Sultanta u Matthew Zammit spiċċaw fis-seba' post.

L-aqwa breaks tal-Maltin saru minn Wayne Pace (57), Aaron Busuttil (56) u Thurston Grixti (55).


Sebastian Vettal fl-Awstralja


Sebastian Vettal fil-Malasja


Lewis Hamilton fiċ-Ċina



# Sebastian Vettel b'vantaġġ sostanzjali

## Riżultati tal-GP tal-Awstralja
### 27.03.2011 - Melbourne

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Sebastian Vettel (Red Bull) | 1:29:30.259 |
| 2. | Lewis Hamilton (McLaren) | +00:22.297 |
| 3. | Vitaly Petrov (Renault) | 00:30.560 |
| 4. | Fernando Alonso (Ferrari) | 00:31.772 |
| 5. | Mark Webber (Red Bull) | 00:38.171 |
| 6. | Jenson Button (McLaren) | 00:54.304 |

## Riżultati tal-GP tal-Malasja
### 10.04.2011 - Sepang

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Sebastian Vettel (Red Bull) | 1:37:39.832 |
| 2. | Jenson Button (McLaren) | +00:03.261 |
| 3. | Nick Heidfeld (Renault) | 00:25.075 |
| 4. | Mark Webber (Red Bull) | 00:26.384 |
| 5. | Felipe Massa (Ferrari) | 00:36.958 |
| 6. | Fernando Alonso (Ferrari)* | 00:37.248 |

## Riżultati tal-GP taċ-Ċina
### 17.04.2011 - Shanghai

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 1:36:58.226 |
| 2. | Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull | +00:05.198 |
| 3. | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 00:07.555 |
| 4. | Jenson Button (Britannja) McLaren | 00:10.000 |
| 5. | Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 00:13.448 |
| 6. | Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 00:15.840 |

## Klassifiki

| Sewwieqa | | |
|---|---|---|
| 1. | Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull | 68 |
| 2. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 47 |
| 3. | Jenson Button (Britannja) McLaren | 38 |
| 4. | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 37 |
| 5. | Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 26 |
| 6. | Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 24 |
| 7. | Vitaly Petrov (Russja) Renault | 17 |
| 8. | Nick Heidfeld (Ġermanja) Renault | 15 |
| 9. | Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes GP | 10 |
| 10. | Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 7 |
| 11. | Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes GP | 6 |
| 12. | Sebastien Buemi (Svizzera) Toro Rosso | 4 |
| **Kostrutturi** | | |
| 1. | Red Bul | 105 |
| 2. | McLaren | 85 |
| 3. | Ferrari | 50 |
| 4. | Renault | 32 |
| 5. | Mercedes | 16 |
| 6. | Sauber | 7 |
| 7. | Force India | 4 |
| 8. | Toro Rosso | 4 |

# Iċ-champion renjanti Lorenzo jillidja l-klassifika




*Jorge Lorenzo jiċċelebra fuq il-podju wara r-rebħa f'Jerez*

## Riżultati tal-GP ta' Spanja
### 3.04.2011 - Jerez

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 50:49.046 |
| 2. | Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 51:08.385 |
| 3. | Nicky Hayden (U.S.) Ducati | 51:18.131 |
| 4. | Hiroshi Aoyama (Ġappun) Honda | 51:18.597 |
| 5. | Valentino Rossi (Italja) Ducati | 51:51.273 |
| 6. | Hector Barbera (Spanja) Ducati | 51:57.486 |
| 7. | Karel Abraham (Rep Ċeka) Ducati | 52:03.166 |
| 8. | Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | 52:08.156 |
| 9. | Toni Elias (Spanja) Honda | 52:31.952 |
| 10. | John Hopkins (U.S.) Suzuki | 52:37.441 |
| 11. | Loris Capirossi (Italja) Ducati | 52:40.922 |
| 12. | Andrea Dovizioso (Italja) Honda | 1 Lap |
| Irtiraw | | |
| | Colin Edwards (U.S.) Yamaha | 1 Lap |
| | Ben Spies (U.S.) Yamaha | 3 Laps |
| | Randy de Puniet (Franza) Ducati | 11 Laps |
| | Casey Stoner (Awstralja) Honda | 20 Laps |

## Klassifika

| Sewwieqa | | |
|---|---|---|
| 1. | Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 45 |
| 2. | Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 36 |
| 3. | Casey Stoner (Awstralja) Honda | 25 |
| 4. | Nicky Hayden (U.S.) Ducati | 23 |
| 5. | Valentino Rossi (Italja) Ducati | 20 |
| 6. | Hiroshi Aoyama (Ġappun) Honda | 19 |
| 7. | Andrea Dovizioso (Italja) Honda | 13 |
| 8. | Hector Barbera (Spanja) Ducati | 14 |
| 9. | Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | 13 |
| 10. | Karel Abraham (Rep Ċeka) Ducati | 12 |
| 11. | Marco Simoncelli (Italja) Honda | 11 |
| 12. | Ben Spies (U.S.) Yamaha | 10 |
| 13. | Colin Edwards (U.S.) Yamaha | 8 |



*Valentino Rossi u Casey Stoner involuti fi kraxx bejniethom*

*Jorge Lorenzo bil-bandiera Spanjola eżatt wara s-suċċess tiegħu*

## Kampjonat 1954-55

# Ħamrun S. jegħlbu lil St. George's bi skor kbir


*Alfie Pearson ta' Rabat FC f'azzjoni kontra Sliema Wanderers*

### L-Ewwel Ġurnata

**02-10-1954:**
**Ħamrun Sp. – St.George's 7-0**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: F. Formosa (Ħ) 42', G. Psaila (Ħ) 43', F. Formosa (Ħ) 51', R. Psaila (Ħ) pen. 56', G. Psaila (Ħ) 60' u 71' u K. Camilleri (Ħ) 86'.**
**Ref: Leli Spiteri**
**Linesmen: Watty Gatt u B.S.M Joseph Galea.**

*Ħamrun Sp.* FC: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Leli 'It-Tirjule' Borg, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech, Armando Drago, Franġisku Formosa, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Victor Grima, Romeo Psaila.

*St.George's FC*: George Borg, Willie Xerri, Johnnie Wilson, Edward Azzopardi, Twanny Mallia, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Cassar, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Joe Mizzi, Salvu 'Scotch' Scicluna, Peppi Delceppo.

1. Victor Grima ffirma mal-Ispartans mingħand l-amateurs ta' Ħamrun Liberty.
2. Il-coach il-ġdid tal-Ispartans kien Sgt. Glass. Huwa kien stazzjonat f'Malta mar-Royal Air Force (RAF).
3. L-akkwisti l-ġodda ta' St.George's kienu ż-żagħżugħ Edward Azzopardi li ġie akkwistat jumejn qabel mingħand Rabat FC u Willie Xerri mingħand Floriana FC filwaqt li d-difensur Johnnie Wilson irritorna magħhom wara staġun ma' St. Patrick FC fit-Tieni Diviżjoni.
4. Nuqqas ta' qabil fuq l-awtur tal-ħames goal Ħamruniż meta skond il-*Football Annual* ta' Robbie Decesare Malta u l-ġurnal *Times of Malta* il-goal wasal minn auto-goal tad-debuttant Edward Azzopardi fejn it-*Times* tgħid li fuq xutt ta' Psaila l-ballun kien ser jiġi salvat mill-goalkeeper Borg iżda Azzopardi fit-tentattiv li jimblokka x-xutt matter saqajh u xellef il-ballun għar-rokna ta' fuq tax-xibka. Madankollu kemm il-ġurnal *Leħen is-Sewwa* u anke *Il-Berqa*, il-goal jagħtuh lil Gejtu Psaila fejn *Il-Berqa* anke tagħti deskrizzjoni tal-goal meta tgħid li x-xutt ta' Victor Grima ġie mxellef mill-attakkant tal-Ispartans Gejtu Psaila għal-ġox-xibka. Għall-istatistika tagħna il-goal ser nieħduh li ġie skurjat minn Gejtu Psaila.
5. F'din l-ewwel ħarġa tagħhom St. George's kienu mingħajr il-plejers ta'esperjenza Salvu Romolo u Nenu Bonavia. Għall-ewwel ir-raġuni li ngħatat kienet li kienu qed jirkupraw minn xi uġiegħ żgħir. Tajjeb wieħed jgħid però li ż-żewġ plejers ma niżlux għal-logħob ma' St. George's tul l-istaġun kollu.
6. L-ewwel dehra ta' Eddie Mizzi ma' St. George's FC. Huwa jiġi iben Wenzu Mizzi 'Il-Bagaga' plejer kbir tal-istess St. George's u Hibernians FC fis-snin għoxrin u tletin.

**03-10-1954:**
**Sliema Wdrs. FC – Rabat FC 2-1**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: S. Nicholl (S) 17' u 30' u T. Caruana (R) 63'.**
**Ref: Michael Sciberra**
**Linesmen: George Degiorgio u Sgt. John Azzopardi.**

*Sliema Wdrs.* FC: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn'

Cuschieri, Ninu Calleja, Tony Nicholl, Ġużi Cuschieri, Guy Coulet, Rene Formosa, Salvinu Schembri, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Rabat FC:* Anthony Micallef, Walter Powell, Alfie Pearson, George Dalli, Joe 'Parsottu' Cilia, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Willie Bowerman, Tony Caruana, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Charlie Theuma, Pawlu 'Il-Fulier' Said.

1. Sliema għamlu diversi akkwisti fis-sajf meta mingħand il-ġirien Melita FC akkwistaw lill-goalkeeper Edwin Zammit, Roy Muscat, Rene Formosa, Carmel Borg u Henry Hayston. Caesar Xerri ġie akkwistat mingħand ir-rivali Floriana filwaqt li akkwistaw ukoll lill-plejer Franċiż ta' 23 sena Guy Coulet, li tela' miż-żgħar ta' Olympique Marseille, u li kien ġie Malta fuq xogħol f'Settembru, 1955, fejn kien stazzjonat fil-Headquarters tan-NATO. Sliema però naqsu li jakkwistaw centre-half tajjeb biex jimla il-vojt li ħalla Ray Edwards li emigra lejn il-Kanada. Fil-fatt huma kienu ppruvaw jakkwistaw lill-eks plejer tagħhom Leli Borg 'Id-Dijju' mingħand Birkirkara iżda t-talba ta' £400 kienu rawha għolja. Minħabba f'hekk, ġie ssagrifikat l-aqwa skorer tal-club Tony Nicholl li kien hu li niżel fil-qalba tad-difiża tal-Wanderers.

2. Id-debutt tant mistenni tal-*player-coach* Paddy Sloan ma' Rabat FC ma seħħx wara li dan weġġa' waqt friendly li l-Magpies kellhom kontra Royal Marine Commando XI.

3. Willie Bowerman iddebutta ma' Rabat wara li ġie akkwistat mingħand Floriana. Fil-fatt Bowerman kien regolari ma' Floriana fit-tieni u t-tielet team tagħhom fit-Tieni u t-Tielet Diviżjoni iżda kien għadu qatt ma lagħab fl-Ewwel Diviżjoni.

4. Rabat kważi kisbu draw sorpriża kontra ċ-Champions Sliema Wanderers meta ħames minuti mit-tmiem ingħataw penalty għal foul ta' Tony Nicholl, iżda l-attakkant tagħhom 'Il-Grioss' Azzopardi ra x-xutt tiegħu mill-ħdax-il metru jispiċċa barra.

5. Walter Powell ta' Rabat ġie mkeċċi kwarta mit-tmiem meta ta daqqa ta' ras minn wara lill-plejer Rene Formosa. Powell kien diġà ta daqqa ta' ras oħra lil Cuschieri fl-ewwel taqsima iżda r-referi ma ndunax b'dan l-inċident. Huwa u ħiereġ Powell kien ircieva l-applawsi tal-pubbliku li kien jinsab is-side ta' Floriana. Erbat ijiem wara fil-Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA tħabbar li Powell kien ġie sospiż sa tmiem l-istaġun. Plejer ieħor ta' Rabat, Anthony Azzopardi 'Il-Legdi', kien ġie sospiż partita wara li nsulta lir-referi.

6. Fl-14 ta' Ottubru, 1954, il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA ssospenda lill-plejer Tony Nicholl għal żewġ logħbiet wara mġieba mhux xierqa f'din il-partita. Nicholl kien ipprotesta bl-aħrax mar-referi Sciberras fl-okkażjoni tal-penalti. Il-plejer, min-naħa tiegħu, kien talab lill-MFA biex jieħu passi legali kontra r-referi wara li sostna li r-referi kien inġurjah. It-talba tiegħu ġiet miċħuda.

7. Dak in-nhar tal-logħba filgħaxija, il-*player-coach* ta' Rabat Paddy Sloan mar fil-klabb tal-Wanderers akkumpanjat mis-Sinjura tiegħu fejn skuża ruħu mad-diriġenti tal-Wanderers għal-logħob goff u l-imġieba ħażina ta' xi plejers Rabtin.

8. Ġużi Pirotta kien nieqes għal Sliema Wanderers wara li ħabbar li kien irtira mill-futbol minħabba li l-uġiegħ fl-irkoppa baqa' ma setax jgħaddilu.

**09-10-1954:**
**Valletta FC – Hibernians FC 3-1**
**H.T 0-1**
**Skurjaw: H. Vella (H) 37', P. Zammit (V) 52', S. Rapinett (V) 64' u L. Pace (V) 89'.**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi.**
**Linesmen: Ernest Spray u E.V. Norton-Jones.**

*Valletta FC:* Mike 'Moro' Cutajar, Ken Everest, Edwin 'Dwinu' Schembri, Ċensu Muscat, Leli Borg Bonaci, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Pawlu 'Il-Puxu' Zammit, Silvio Rapinett, Leli 'Il-Pesa' Pace, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

*Hibernians FC:* Salvu 'Il-Pompa' Cassar, Colin Tabone, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Sunny Anastasi, Victor Formosa, Joe Grixti, Henry Vella, Fredu Church, John Coreschi, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Din il-partita suppost li ntlagħbet il-Ħadd 10 ta' Ottubru, 1954, iżda minħabba l-festa ta' Kristu Re kienet inbidlet mal-partita tas-Sibt bejn Floriana u Birkirkara.

2. Qabel il-partita kienet inżammet minuta silenzju b'turija ta' rispett lejn il-memorja tal-eks-plejer ta' Hibernians Johnnie Edwards li kien miet dak in-nhar stess fil-għodu u b'rispett lejn Carmelo Tabone 'Il-Latti' eks-plejer ta' St. George's tas-snin għaxra u għoxrin li kien miet erbat ijiem qabel.

3. Wara 16-il minuta, Valletta ngħataw penalti għal *handsball* ta' Victor Formosa iżda mill-ħdax-il metru Leli Pace ra x-xutt tiegħu jiġi salvat mill-goalkeeper ta' Hibernians, Salvu Cassar.

4. John Coreschi u Joe Grixti rritornaw ma' Hibernians wara li t-tnejn kienu fallew milli jilagħbu fl-istaġun ta' qabel. Grixti kien ilu nieqes mit-telfa ta' 5-1 mal-Ispartans tat-28 ta' Frar, 1953, fejn kien tilef l-istaġun, 1953-54, kollu wara li kien għamel operazzjoni tal-cartilage filwaqt li Coreschi kien lagħab l-aħħar ma' Hibernians fit-telfa ta' 2-1 kontra Rabat fl-aħħar partita tal-kampjonat 1952-53. Min-naħa l-oħra, il-Pawlisti tilfu ħafna plejers mill-ewwel team bħal John Gatt, Victor Portelli u Jean Claude Coulon li kollha telqu minn Malta filwaqt li ż-żagħżugħ Joe Vella Borg iddeċieda li jieqaf mill-futbol minħabba l-injury f'għajnejh li kien sofra kontra Rabat FC fid-draw ta' 2-2 tas-7 ta' Novembru, 1953.

5. Leli Borg Bonaci ta' Valletta kien akkwistat mingħand it-tim relegat ta' Melita FC.

**10-10-1954:**
**Floriana FC – Birkirkara FC 2-0**
**H.T 2-0**
**Skorja: T. Cauchi (F) 15' u 18'.**
**Ref: Michael Sciberras**
**Linesmen: Carm. L. Bugeja u Salvu Pirotta.**

*Floriana FC*: Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Leli Zammit, Karmenu Xerri, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Tony Vella, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Dr. Benny Camilleri, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Birkirkara FC:* Lolly Rizzo, Joe Agius, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Lewis Caruana, Fredu Preca, Alfred Crockford, Ġużi Magro, Freddie Taliana, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Leli 'Il-Likku' Saliba, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

1. It-timijiet ta' Floriana li kienu qed jieħdu sehem fil-Kampjonati tal-MFA tal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Diviżjoni kollha kienu taħt il-gwida tal-kowċ, Joe Griffiths.

2. Lolly Borg irritorna għall-futbol wara li fl-istaġun ta' qabel kien nieqes mit-tim Furjaniż għal diversi xhur minħabba li kien imweġġa'.

3. Floriana FC akkwistaw is-servizzi tal-eks plejer tagħhom Leli Sultana mingħand Vittoriosa Stars u taż-żewġ plejers amateurs u Logutenti Stephen Samut Tagliaferro u Kenneth Valenzia li fl-istaġun ta' qabel it-tnejn kienu fuq il-kotba ta' Birkirkara FC. Min-naħa l-oħra, Floriana ċedew lil Ritchie Sultana (ħu Leli Sultana) lil Vittoriosa Stars għal £70, lill-full-back Willie Xerri lil St. George's FC għas-somma ta' Lm100, lil Caesar Xerri (ħu d-difensur Furjaniż Karmenu Xerri) li sieħeb lil Sliema Wanderers filwaqt li Fred Barry ukoll sieħeb lill-klabb tat-Tieni Diviżjoni Vittoriosa Stars.

4. Birkirkara ċedew lil Bernard Bruno lil Melita filwaqt li mingħand l-istess club akkwistaw lill-plejers Bertie Agius u Charles Tellus.

*Klassifika*: Ħamrun Sp. FC, Valletta FC, Floriana FC u Sliema Wdrs. FC 2 pti.; Rabat FC, Hibernians FC, Birkirkara FC u St. George's FC 0 pti.

*L-Aqwa Skorers*: G. Psaila 3 gowls; F. Formosa (Ħamrun Sp. FC); T. Cauchi (Floriana FC) u S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 2 gowls.

# Mill-2008 aktar minn 390,000 vettura għamlet użu miċ-Ċentri għall-Iskart Goff.

Iċ-Ċentri għall-Iskart Goff (Civic Amenity Sites), li huma faċilitajiet ikkreati minn WasteServ Malta Ltd. għas-separazzjoni ta' skart domestiku goff, għadhom kif laħqu mira importanti. Sa l-aħħar ta' Diċembru 2010, aktar minn 390,000 vettura kienet għamlet użu minn dawn iċ-Ċentri, b'madwar 58,500 tunnellata ta' skart separat miġbur.




**"Nirringrazzjawk talli qed tipproteġi l-ambjent."**

Dawn iċ-Ċentri għal skart goff huma faċilitajiet ikkontrollati fejn membri tal-pubbliku jistgħu iġibu u jarmu l-iskart domestiku tagħhom b'mod separat. Il-pubbliku jista' jidħol bil-vettura u jarmi materjal differenti li jikludi skart elettroniku, għamara, skart tal-ġnien, kartun, mediċni skaduti, żjut u ħafna tipi ta' skart ieħor.

Dawn iċ-Ċentri jinsabu l-Imrieħel, Ħal Far, il-Magħtab u tal-Kus fix-Xewkija Għawdex u jkunu miftuħa bejn is-7.30 a.m. u 5.30 p.m. kuljum inklużi l-weekends u l-festi.

WasteServ Malta Ltd

**Aktar informazzjoni fuq**
**www.wasteservmalta.com**
**jew FREEPHONE 8007 2200**

REPUBBLIKA TA' MALTA

PROGRAMM TA' FONDI STRUTTURALI GĦAL MALTA 2004-2006
PROĠETT KO-FINANZJAT MILL-UNJONI EWROPEA
FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI
RATA TA' KO-FINANZJAMENT: 73%

# Common injuries of the clavicle

by Dr. Kirill Micallef Stafrace

Sports and Exercise Medicine Consultant and Senior Lecturer in Sports Science




The clavicle ( collar bone) is often injured in sports. The bone itself can be fractured, or else the joint between the clavicle and the scapula ( shoulder blade) known as the acromio-clavicular joint( AC Joint), can be damaged. The clavicle acts like a strut supporting the arm off the chest ,and therefore making the bone vulnerable in a fall, especially onto an outstretched hand, when the force of impact with the ground propagates through the arm and is transmitted to the clavicle. This is commonly seen in sports such as cycling and football. The fracture can also occur following direct trauma to the clavicle as happens in contact sports and martial arts. Depending on the location and severity of the fracture the treatment can vary from a period of immobilization, and gradual return to sports, to surgery. Sometimes an operation is undertaken in an athlete as it speeds up the return to sport and the likelihood of poor or slow healing is decreased. However, an operation always carries inherent risks and these must always be taken into account. In adolescents, the fracture is often a greenstick one, that is, an incomplete fracture, which unless there is marked angulation, can be left alone. Whatever the management , a clavicular fracture, barring complications, will take around 6 weeks to heal and although initially running is out of the question, the athlete can still cycle and undertake supervised shoulder range of motion and strengthening exercises in order to prevent stiffness and maintain fitness.

Trauma to the AC joint is usually the result of a fall onto the tip of the shoulder or elbow and here the hardness of the ground plays an important role. Sometimes this injury is referred to as a shoulder separation, but this must not be confused with a shoulder dislocation that involves the main shoulder joint. Damage to the AC Joint is very common in sports but especially in rugby players who can often be seen to have the classical bump of a previous AC joint lesion. This joint is formed where the outer end of the clavicle and the acromion process of the scapula meet. A large number of ligaments support the AC Joint resulting in limited mobility and thereby helping in providing a stronger base for the arm to act upon but at the same time making the joint prone to injury. The degree of severity is graded 1-6 with grade 1 referring to a sprain of the joint ligaments while grades 4-6 refer to the complete rupture of the supporting ligaments and the resultant displacement of the clavicle from the acromion. Depending on the severity the treatment varies from a period of immobilization to surgery. Physiotherapy and appropriate rehabilitation play an important role in the management of this injury. Care must be taken not to ignore it, even the less severe cases, as this can lead to long lasting damage of the joint due to excessive wear and tear. As with a clavicular fracture, return to sport depends on the severity of the injury, the management and also the type of sport being practiced.

Dr. Kirill Micallef Stafrace is a Sports and Exercise Medicine Consultant and a Senior Lecturer in Sports Science.

*kmicallefstafrace@gmail.com*

## Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# It-Tiġrija tal-Vitorja (1980-1989) ... Il-Ħames Parti

Fortunatament it-Tiġrija tal-Vitorja tal-1989 saret bħas-soltu, u skont ir-rapporti sportivi li nkitbu dwarha, l-għada, insibu li din l-edizzjoni kellna ftit minn kollox:

*'...Għalkemm ir-rivalità bejn id-distretti, b'mod partikolari bejn dawk tal-Kottonera ta' Bormla, l-Isla u l-Birgu, ma naqsitx li tiġi murija b'kant, tixjir ta' bnadar, sparar ta' murtali u suffarelli, flimkien ma' ħafna botti, wieħed seta' jinnota n-nuqqas ta' entużjażmu u l-atmosfera tas-soltu. Ħafna minn dan kien dovut għat-temp ħażin li ħakem lill-gżejjer Maltin f'dawn l-aħħar ġranet. Minbarra s-sħab sewdieni, arja friska u umda, ħakem ukoll ħafna riħ u baħar imċaqlaq li fixkel ħafna l-gost li joffri l-ispettaklu ta' dawn it-tiġrijiet kif ukoll ħoloq diffikultajiet kbar għall-qaddiefa parteċipanti. Għalkemm wieħed seta' jammira l-organizzazzjoni tal-kumitat organizzattiv ta' dawn it-tiġrijiet tradizzjonali u japprezza l-kontroll strett mill-pulizija biex jiġu evitati inċidenti bla bżonn bejn id-diversi parteċipanti u partitarji numerużi tagħhom, wieħed ma jistax ma jsemmix għal darb'oħra n-nuqqas taż-żamma tal-ħinijiet. Tant, li mhux biss li t-tiġrijiet bdew siegħa u kwart tard mill-ħin stabbilit, iżda beda jintilef ħafna ħin bejn tiġrija u oħra....'*

Silta oħra tgħidilna wkoll: *'... li kuntrarju għal dak li ġara f'ħafna mill-edizzjonijiet tar-Regatta, din is-sena matul it-tiġrijiet ma seħħew l-ebda inċidenti jew ġlied, ħlief għal xi żewġ inċidenti żgħar li ġew ikkontrollati mill-ewwel bl-intervent ta' l-uffiċjali u l-membri tal-Kumitati tad-distretti involuti...'*

Xi kultant dan id-dewmien ma jkunx dovut għax-xita jew diżgwid fost il-qaddiefa iżda minħabba nuqqas ta' ħsieb u preparazzjoni serja min-naħa ta' l-organizzazzjoni tar-Regatta bħalma kien il-każ ta' l-1984. Stampa ċara tagħtihielna din is-silta: *'... it-tiġriia bdiet aktar tard mis-soltu, peress li fl-ewwel tiġrija – dik tad-dgħajjes tal-Midalji nqalgħet kwistjoni bejn l-organizzaturi u l-qaddiefa, fejn dawn tal-aħħar bdew jilmentaw li l-opri kienu viċin wisq, b'konsegwenza li fil-ħruġ setgħu jidħlu f'xulxin. Għalhekk il-ħbula minn mal-wire ġew irranġati - operazzjoni li ħadet madwar siegħa biex tlestiet u wara ngħata l-bidu tat-tiġrija...'*

Fl-1985, ukoll kellna dewmien minħabba l-*wire* tal-azzar *'... din is-sena r-Regatta damet ma bdiet peress li qabel ma ingħata s-sinjal ta' l-ewwel tiġrija nqata' l-wire u ħa xi ftit tal-ħin biex jintrabat mill-ġdid mat-tankijiet... fit-3.30 p.m. ingħata l-bidu ta' l-ewwel tiġrija dik tal-Giggijiet ...'*

Anke l-edizzjoni tal-1988, fejn l-ewwel tiġrija damet ma bdiet madwar nofs siegħa għaliex il-qaddiefa bdew jilmentaw li l-*wire* mhux stirat biżżejjed. Dan id-dewmien qajjem ċertu nervożiżmu fost il-qaddiefa.

L-esperjenza tgħallimna li kull fejn ikun hemm il-kompetizzjoni dejjem ikun hemm il-pika. Meta din il-pika tkun waħda sportiva tferraħ lil kulħadd, iżda meta ma tkunx, din l-imġieba ddarras lill-ispettaturi u ċċajpar mhux ftit l-*image* ta' l-organizzazzjoni. Fortunatament fl-edizzjonijiet tar-Regatta bejn l-1980 u 1989 ma kellniex inċidenti serji li waqfu għal xi ħin ir-Regatta, iżda l-inċidenti jseħħu dejjem.

Insibu li, fl-1982, inqala' xi ġlied bejn il-partitarji Beltin u Bormliżi wara li spiċċat l-ewwel tiġrija tad-dgħajjes tal-Midalji u kellha tintervjeni l-pulizija biex iġġib il-kalma. F'din l-edizzjoni wkoll, xi partitarji Beltin, qabel ma bdiet ir-Regatta taw kraxx qawwi għal fuq il-kanċell tad-Dwana u f'dan l-inċident weġġgħu żewġ impjegati filwaqt li, fl-1983, inqala' xi ġlied din id-darba bejn il-partitarji ta' Bormla u tal-Belt qrib id-Dwana l-Qadima. Kien hemm waqtiet fejn intefgħu xi fliexken fuq il-miġemgħa iżda l-pulizija kienet pronta daħlet bejniethom u kkalmat is-sitwazzjoni.

Matul is-snin 80 kellna wkoll xi novitajiet ġodda fir-Regatta Nazzjonali. Fl-1983 saret għall-ewwel darba tiġrija għall-qaddiefa dilettanti ta' Taħt it-18-il sena kif tikkonferma din is-silta:

*'.... saret tiġrija waħda tad-dgħajjes tal-Pass b'erbat Imqadef u fiha ipparteċipaw id-distretti ta' Bormla u Marsamxett/Valletta. Din it-tiġrija li fetħet l-edizzjoni ta' din is-sena ntrebħet minn Bormla f'ħin ta' 5 minuti u 42.6 sekondi. Ħarsa li f'din it-tiġrija ħadu sehem biss żewġ distretti, meta f'kull lokalità nosservaw numru kbir ta' żgħażagħ jitħarrġu fl-opri tat-tiġrija...'*

Fl-1984, il-Kalkara żanżnu Kajjikk ġdid *Marathon84* għat-tiġrija tal-Vitorja, iżda dan il-Kajjikk intuża għall-ewwel darba, fid-29 ta' Lulju, meta l-qaddiefa ta' dan id-distrett ħadu sehem f'qadfa minn Għawdex għal Malta b'diversi dgħajjes tat-tiġrija bħala parti minn attività li saret b'risq il-Community Chest Fund. Jingħad li dan il-Kajjikk dam jinbena madwar xahar minn Joseph Delceppo u l-erba' wliedu li jaqdfu mal-Kalkara.

Fl-1987, inbidlet is-sistema ta' l-għoti ta' paljijiet u tazzi lir-rebbieħa u din id-deċiżjoni ġiet imfaħħra ħafna f'artiklu sportiv li minnu ħadt din is-silta:

*'... kienet deċiżjoni għaqlija li l-organizzaturi ddeċidew li minn din is-sena l-paljijiet u t-trofej jingħataw lir-rebbieħa wara kull tiġrija u mhux kollox fl-aħħar kif kien isir qabel ...'*

Din id-deċiżjoni ġabet magħha diversi kummenti minn membri tal-



*Dwell finali għall-ewwel post bejn iż-żewġ dgħajjes tal-Midalji tal-Isla fl-edizzjoni tal-1989*

minn Joseph Serracino





*Id-dgħajsa ta' bl-Erbgħa tal-Birgu rebbieħa tal-palju Kategorija B tidher dieħla fl-ewwel post fl-1980*

kumitati distrettwali. Ovvjament mhux kulħadd qabel magħha! Qaddief mill-Marsa qabel mal-bdil tas-sistema.

*'.... jien naqbel għal żewġ raġunijiet – l-ewwelnett aħna nkunu qegħdin nutilizzaw il-ħin li jintilef bejn tiġrija u oħra, u t-tieni nett, jitnaqqas drastikament il-ħin li jittieħed biex issir il-preżentazzjoni tax-Shield – fil-fehma tiegħi, dan hu l-aktar ħin kruċjali ta' kull edizzjoni fejn matulu jinqalgħu ħafna argumenti fost il-qaddiefa ... aktar maċ-ċerimonja tal-għoti tax-Shield tkun qasira aktar ikunu qegħdin nevitaw tilwim fost il-qaddiefa u nkwiet bla bżonn għall-pulizija ...'*

Qaddief minn Bormla jaħsibha mod ieħor:

*'... le, le, jien ma naqbilx u nixtieq li l-kumitat tar-Regatta jerġa' jirrevoka din id-deċiżjoni ... sa fejn niftakar jien, il-paljijiet dejjem ingħataw qabel l-għoti tax-Shield wara li jintemmu t-tiġrijiet, u din iċ-ċerimonja qasira dejjem xprunat briju kbir fost il-qaddiefa rebbieħa u l-partitarji tagħhom fid-Dwana u fit-triqthom lura lejn pajjiżhom ... lill-membri tal-kumitat tar-Regatta nappellalhom iħalluna nkomplu ngawdu t-tradizzjoni ta' l-għoti tal-paljijiet tradizzjonalment waslet għandna mingħand missirijietna...'*

Ta' min ifakkar ukoll li fl-edizzjoni tar-Regatta tal-1986 erba' qaddiefa qadfu f'erba' koros differenti. Dawn kienu l-aħwa Mario u Ċikku Azzopardi, it-tnejn mal-klabb ta' Bormla, Joseph Cachia mill-Birgu u Sunny Thomas mill-Isla. Aktar 'il quddiem insibu diversi qaddiefa oħra li qadfu fit-tliet u f'erba' koros differenti iżda, bla dubju ta' xejn, l-akbar bravura f'dawn it-tiġrijiet tradizzjonali għamilha l-qaddief Mario Azzopardi, meta fl-1988, f'isem Bormla kien ipparteċipa f'erba' tiġrijiet u b'mod konvinċenti rebaħ il-paljijiet tagħhom kif proprju tikkonferma din is-silta:

*'... Mario Azzopardi li beda l-karriera tiegħu fil-qdif madwar 20 sena ilu mal-Kalkara, din is-sena ħa sehem f'erba' tiġrijiet u ħareġ rebbieħ fihom kollha – it-tiġrijiet kienu tad-dgħajjes tal-Midalji, dgħajjes tal-Pass b'Żewġt Imqadef u b'Erbat Imqadef u dik tal-Kajjikki...'*

Ironikament wieħed mir-regolamenti ġodda li kien sar qbil fuqu fl-aħħar laqgħat li kienu saru mill-*Għaqda tar-Regatta u Qdif Ieħor*, proprju jiem qabel it-Tiġrija tal-Vitorja u li kellu jibda jgħodd hekk kif tgħaddi r-Regatta ta' Settembru, kien jgħid hekk:

*'... l-ebda qaddief li jkun rebaħ xi palju mill-ewwel sat-tielet fir-Regatta ta' Settembru ma jista' jieħu sehem fit-tiġrijiet li jistgħu jsiru wara, bħal per eżempju, dik tal-31 ta' Marzu jew dik ta' l-1 ta' Mejju li għadda. L-għan prinċipali ta' dan ir-regolament huwa li jitħarrġu iżjed qaddiefa li f'dawn l-aħħar snin jidher li naqsu. Regolament ieħor li għadu qed jiġi diskuss iżda wkoll mistenni jidħol fl-istatut ta' l-Għaqda jolqot direttament lill-qaddiefa. Dan ir-regolament jorbot lill-qaddiefa li ħadd ma jkun jista' jaqdef f'aktar minn żewġ korsi f'kull Regatta li jista' jkun hemm...'*

L-awtur ta' din il-kitba sportiva jkompli jikkummenta hekk dwar dawn ir-regolamenti:

*'... l-opinjoni ġenerali hija ferm favur dawn ir-regolamenti u għalhekk wieħed jittama li maż-żmien ma jmutux mewta naturali, bħalma kien ġara ftit tas-snin ilu meta wara pressjoni mill-qaddiefa l-Għaqda tar-Regatta neħħiet regolament li kienet għamlet ftit qabel, u li bih kien jorbot lill-qaddiefa għal ta' l-inqas ħames snin mad-distrett li jkun miegħu ...'*

*Ikompli fil-ħarġa li jmiss*



*Il-Kajjik tal-Isla jidher quddiem il-kajjikki tal-Birgu u l-Kalkara fir-Regatta Nazzjonali tal-1984*

ISLA | MARSA | MARSAMXETT | BORMLA | BIRGU | KALKARA | BIRŻEBUĠĠA

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops



# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' AC Milan

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju, 2011.

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' AC Milan ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 48

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 48 huwa:

Joseph Mizzi - Marsa





IRBAĦ €150 VOUCHER MA'

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

# SPORTIV Kriss-Kross

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 48



Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju, 2011

Sportiv Magazine Kompetizzjoni Kriss-Kross, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.

Isem ______________

Indirizz ______________

Email ______________

Ir-rebbieħ tal-Ħarġa Nru. 48 ta' Marzu 2011 hija: Miriam Lia - Zurrieq

### MIMDUDIN

1) Jack, ċiklist Malti tal klassi 'Elite' (9)
6) "Grand ...." tat-Tennis per eżempju (4)
8) Attard, il-mibki kowċ ta' Hibernians FC u Malta (3)
9) Marcos Evanġelista de Moraes, 142 partita għal Brażil (4)
10) Żiemel tal-mibki Charles Clifton - .... De Bruyers (4)
12) "....... Magic", tim Amerikan tal-Basketball (7)
14) Emiliano, winger Arġentin ta' Birkirkara FC (6)
15) Gary, il-kowċ attwali ta' Wales fil-Futbol (5)
17) Il-mibki futboler Karmenu "Id-....." Micallef (5)
19) Gigi Del...., kowċ tal-'Bianco....' (4)
22) Lovely ..., żiemel Franċiż ta' 12-il sena (3)
23) Izzo, kowċ preżenti ta' San Ġiljan ASC (4)
24) Pagani, Physical Trainer tal-Malta Football Association (4)
26) Ker ......., żiemel Franċiż ta' 13-il sena (7)
28) Ta' Jum il-Ħelsien intrebħet mill-Isla (7)
30) Gareth, winger offensiv ta' Tottenham Hotspur (4)
32) Fenech ingħaqad ma' Valletta FC f'Jannar li għadda (4)
33) Women's Tennis Association (1,1,1)
34) "Meta jindaqq qum bil-wieqfa u oqgħod dritt" (4)
35) Jeffrey, tiratur Malti fil-kategorija tat-Trap (5)
37) Pisani, Security Manager tal-MFA (3)
38) Ayrton, fl-1 ta' Mejju jagħlaq 17-il sena mejjet (5)

### WEQFIN

2) Attard, champion Ewropew tal-Pool (7)
3) Javier, kowċ tat-tim nazzjonali Bask tal-Futbol (7)
4) Hekk isibuh lil Ludovico Micallef, viċi-president tal-MFA (4)
5) Brimmer, atleta sprinter ta' Żurrieq Wolves (4)
6) Li skier żagħżugħa Taljana li mietet f'Jannar li għadda (7)
7) Assoċjazzjoni Sports Muturi (1,1,1)
8) Bedl, eks kowċ ta' Malta fil-Futbol b'100% suċċess (5)
11) Ġużi "L-..." Attard kien plejer mill-aqwa fil-Waterpolo (3)
13) Camilleri, il-Long Jumper ta' Pembroke Athleta (7)
16) Abu ....., ċirkwit tal-Formula Uno mill-2009 (5)
17) "... Rally", mill-Afrika għall-Amerika t'Isfel (5)
18) Freddie, kolonna fid-difiża tal-Hibs fis-snin 60 u 70 (5)
20) Ibrahimović (6)
21) Davis tas-Snooker rebaħ aktar minn £5 miljuni (5)
25) Jean Paul ..... Soler, isem famuż fl-ibburdjar Malti (5)
27) Pele lagħab 650 partita ma' dan it-tim (6)
29) San ....., tim fit-Tieni Diviżjoni tal-Futbol Malti (5)
30) Gowlkiper ta' Bayern Munich jew ex-plejer ta' Man Utd (4)
31) Farrugia Sacco, President tal-Kumitat Olimpiku Malti (4)
33) Brown, aktar minn 230 partita għal Man Utd (3)
34) Industries Soccer Association (1,1,1)
36) u 37) Louis, kellu sieqi x-xellugija 'missila' (4)
37) ara 36 Weqfin


Reetrain
REEBOK FITNESS EQUIPMENT
NOW AT
EuroSport
€25 worth of
FREE
vouchers!
Collect your free vouchers
from any of our stores
TERMS AND CONDITIONS APPLY.
Reebok
TREADMILL
Starting from €699
CROSS TRAINER.
Starting from €399
BIKE.
Starting from €329
YOGA MAT.
Starting from €18.99
GYM BALL.
Starting from €20
CARDIO BELL.
Starting from €23.99
REEBOK HAVE COMBINED THE LATEST IN TECHNOLOGY AND DESIGN TO CREATE A RANGE OF PRODUCTS THAT WILL SUIT ALL YOUR NEEDS. FITNESS IS OUR PASSION - MAKE IT YOURS!
STUDENT SMART CARD ACCEPTED
Available at:
EUROSPORT STORES: BIRKIRKARA / DE TIGNE COMPLEX, SLIEMA (NEXT TO NAZARENE CHURCH)
FOR ENQUIRIES CONTACT MR. MARK ZAMMIT ON 2385 9259 / 9942 0673
Reebokfitness
OPERATED BY
EuroSport


lotto
ITALIAN SPORT DESIGN
SUMMER SPORTS COLLECTION 2011
Running
Lotto Running Detroit II
with Reactivearch technolgy
Giuseppe Rossi
legend of Villareal
Football
Zhero Gravity Ultra
with Reactivearch technolgy
Giuseppe Rossi
legend of Villareal
Tennis
Lotto Raptor Ultra II
with Reactivearch technolgy
Robin Soderling
World No 4
THE LOTTO STORE, LEVEL -2 , THE POINT, TIGNE, T: 20601148